MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2009

Numru 585/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**
**V**
**KEVIN BONNICI**
**PAUL DEMICOLI**
**PAUL MAGRO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **KEVIN BONNICI** ta' tlieta w tletin sena, bin Christopher u Mary nee Abela, imwieled Pieta nhar l-hmistax ta’ Novembru 1975 u residenti 57, Triq in-Noqra, Birzebbuga, detentur tal-karta tal-identita numru 557375M f’ismu proprju u bhala mpjegat tas-socjeta Asfaltar Limited, **PAUL DEMICOLI** ta' tnejn w hamsin sena, bin Orazio u Angela nee Azzopardi, imwieled B’Kara nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Lulju 1957 u residenti 60, Triq Papa Urbanu VIII, B’Kara, detentur tal-karta tal-identita numru 488157M f’ismu proprju u bhala sid il-proprjeta gewwa Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Bahar u **PAUL MAGRO** ta' erbgha w tletin sena, bin John u Rita nee Scicluna,

mwieled H'Attard nhar l-hmistax t'Ottubru 1974 u residenti 'Loyka', Triq Santa Katerina, Qrendi, detentur tal-karta tal-identita numru 546374M f'ismu proprju u bhala Direttur u f'isem s-socjeta Asfaltar Limited u bhala mpjegat tal-istess socjeta, gew imressqa quddiemha akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, fil-Mosta nhar t-tlieta ta' Gunju 2004:-

1. B'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkagunaw l-mewt ta' zewg persuni Nadezda Vavilova u Maria Dolores Zarb;
2. Talli b' nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkagunaw jew ghamlu hsara jew hassru jew gharrqu xi haga li minhabba f'hekk, grat il-mewt ta' zewg persuni Nadezda Vavilova u Maria Dolores Zarb;

3. Talli b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkagunaw jew ghamlu hsra jew hassru jew gharrqu hwejjeg haddiehor;

4. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bhala persuni responsabbli, naqsu li dejjem jassiguraw s-sahha tal-persuni kollha li setghu jigu effettwati bix-xoghol li kien qed isir fuq dan l-istess lant ta' xoghol;
5. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bhala haddiema naqsu li jiehdu hsieb kemm jista jkun s-sahha tal-persuni kollha li setghu jigu effettwati bl-atti jew x-xoghol taghhom skond t-tahrig u l-istruzzjonijiet moghtija;

6. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, naqsu li jissalvagwardjaw s-sahha u sigurta ta' kull persuna ohra li setghet tigi effettwata bix-xoghol li kien qed isir fuq dan l-istess lant ta' xoghol.

**Lil Paul Demicoli u Paul Magro wahedhom**, talli fit-tlieta ta' Gunju 2004 u fix-xhur ta' qabel, naqsu li jevalwaw r-riskji ghas-sahha w is-sigurta dwar ix-xoghol fuq s-sit ta' kostruzzjoni fi Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Bahar.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-process verbal redatt mill-allura Magistrat Dottor Joseph Cassar nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Gunju 2005 (Vol. II A), l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Paul Magro nhar t-tlieta ta’ Gunju 2004 esbita bhala Dok. GP (fol. 131), l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Paul Demicoli nhar t-tlieta ta’ Gunju 2004 esbita bhala Dok. ‘S’ (fol. 153), l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Kevin Bonnici nhar t-tlieta ta’ Gunju 2004 esbita bhala Dok. ‘T’ (fol. 156), s-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat Paul Demicoli mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dottor Giovanni Grixti nhar t-tmintax ta’ Jannar 2001 (Dok. PM 1 a fol, 363), sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat Kevin Bonnici mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dottor Miriam Hayman nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Mejju 2000 (Dok. PM 2 a fol. 365) u l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tnejn ta' Frar 2007 (fol. 359) sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputati din il-kawza tigi ttrattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta’ Gudikatura Kriminali.

Semghet lil imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u dan fis-seduta tat-tlieta ta’ Mejju 2007 (fol. 375).

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni kif wkoll lil imputat Paul Demicoli jixhed minn jeddu b’mod voluntarju w il-provi tad-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tas-sittax ta’ Lulju 2009, tas-sbatax ta’ Settembru 2009 u tat-tmintax ta’ Settembru 2009.

Ikkunsidrat:

Illi principalment l-imputati gew akkuzati b'omicidju nvoluntarju tal-persuna ta' zewg persuni u cioe Nadezda Vavilova u Maria Dolores Zarb. Il-Qorti thoss li qabel ma tidhol u tispjega l-fatti tal-kawza, ghandha l-ewwel taghti tifsira dettaljata tar-reat t'omicidju nvoluntarju ghaliex wara jkun aktar facli li din l-istess Qorti tapplika l-fatti mal-ligi.

In-natura tar-reat ta' omicidju nvoluntarju gie ezaminat fil-fond fis-sentenza moghtija mill-*Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Marzu, 1996* fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Richard Grech** u sussegwentement f'sentenza ohra moghtija mill-istess Qorti u cioe mill-*Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Marzu, 1998* fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Tarcisio Fenech.**

L-omicidju kolpuz hu trattat fil-ligi taghna **fl-artikolu 225** tal-Kodici Kriminali gia l-**artikolu 239** fl-Edizzjoni tal-1942 ta' dak il-Kodici.

Fis-sentenza tal-Appell kwotata mill-parte civile tal-erbgha ta' Frar, 1961 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Perit Louis Portelli,*** il-Qorti Kriminali sedenti l-Imhallef Joseph Flores, kienet espremiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward dan r-reat bis-segwenti:-

"*Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involuntarju skond l-artikolu 239 tal-Kodici Penali, li tirrikorri kondotta voluntarja negligenti - konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), traskuragni (negligenza), jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti - li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita, minn event dannuz involuntarju. Ghandu jigi premess li ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta effittivament adoperata ma dik ta' persuna li s-sapienza rumana identifikat mal-bonus paterfamilias, dik il-kondotta, cioe, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna t'intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghal gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. [Kollez. Deciz Vol. XLV iv 870, 903, emfasi ta' din il-Qorti].*

*"Kif spjiega l-gurista Taljan* ***Francesco Antolisei****, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid jzomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta ghal xi fini partikolari tista taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - cioe l-esperjenza komuni ghall-*

*bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita partikolari - tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi tal-ohrajn jigu pregudikati.*

*“Sorgono per tal modo”, jkompli dan l-awtur, “delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali come, per es., quello per cui, il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato ed altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi… Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'innosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimoprovero, cosi formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche nel reato doloso il giudice improvera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasino puo muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi." [**Antolisei, F., Manuale Di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322-323**]*

*"Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizzjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem 'nuqqas ta' hsieb', 'traskuragni', u 'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni', filwaqt li dawk r-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem 'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti'. Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi wkoll*

*ghal dawk r-regolamenti promulgati minn enti privati (per ez. r-regolamenti imfassla minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull min jahdem jew jidhol f'dik l-fabbrika). In fatti kemm fil-**Codice Zanardelli** kif wkoll fil-**Codice Rocco**, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline." Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke f'kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, trasskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita ghat-tharis ta' terzi, tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudenti jew negligenti mhux biss minn jittraskura li jiehu dawk l-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarju tal-hajja, izda wkoll minn jittraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita."*

U dik l-Qorti f'dik il-kawza kompliet hekk:-
"*Kif jispjiega l-gurista **Francesco Carfora (Digesto Italiano, Vol 7, Parte 2, v. Colpa** (materia penale), **Diritto Vigente, p. 775)** jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi t'ghemilha, l-imprudenza, li hija n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika cert non-kuranza, certu abbandun, kemm intellettiv kif wkoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero l-hsara tkun <u>prevedibbli</u> ghalkemm <u>mhux prevista</u>; kieku kienet wkoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni posittiva ndiretta."*

Infatti, d-definizzjoni klassika tal-Colpa Criminale kif imsemmi mill-proekuzzjoni, tibqa dik moghtija mill-**Carrara** (para 8 pagina 114 Parte Generale) b'dan il-kliem:-

"*La volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibli e prevedibbli del proprio fatto."*

Dan l-awtur jkompli jghid li tkun xi tkun d-definizzjoni tal-colpa fil-kriminal:-

"… *oppure… il tripode sul quale si asside la colpa sara sempre questo;*
*a. la volontarieta dell'atto;*
*b. mancata previsione dell'effetto nocivo;*
*c. possibilita di prevedere."*

Id-definizzjoni tal-**Crivellari** fil-***Codice Penale - Vol III*** hi bazata fuq l-istess postulati u hi din:-

"*La colpa e la voluntarieta mancanza di previsione delle conseguenze prevedibili del proprio atto."* (pagna 228, para. 32.)

Meta si tratta ta' colpa huwa mportanti li jigi ppruvat in-*nexus* li ghandu jezisti bejn l-att w r-rizultat sabiex l-att jista jitqies kriminalment imputabbli. Huwa biss jekk jirrizulta *chain of causation* bejn l-att li holoq id-danni u d-danni rizultanti li jista jirrizulta culpa.

Kif gie ***deciz nhar s-sbatax ta' Mejju, 1948*** fis-sentenza **Il-Pulizija v Salvatore Camilleri per *Imhallef Harding*** li:-

"*Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing harm is a requisite for responsibility to exist."*
Fil-fatt jkompli jghid:-

"*The principle that for culpa to exist there must be the causa nexus between act and event, applies not only with regard to <u>negligence, imprudence, carelessness</u> and <u>unskilfulness</u>, in an art or profession but it is equally requisite in case of <u>non-observance of the regulations</u>."*

Fil-fatt **Maino** fil-ktieb tieghu ***Commentario al Codice Penale Italiano (Vol III, 1622, pg. 286)*** jghid:-

"*E concorda la gurispurdenza, sancendo che l'inosservanza dei regolamenti non basta a costruire delitto colposo quando fra le inosservanza dei regolamenti e' l'evento funesto non siavi il messa di causalita."*

Issa biex nigi ghal kaz in ezami, mill-provi prodotti u cioe mix-xhieda mismugha, kemm waqt l-inkjesta kif wkoll viva voce l-Qorti, jirrizultaw is-segwenti  fatti dwar l-iter tal-kaz.

Illi l-fatti 'n breve li taw lok ghal dan il-kaz, kif tajjeb osservat il-parte civile, bdew meta l-imputat Paul Demicoli kien xtarha porzjon art fis-sena 1996 fi Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Bahar minghand persuna li kellha problemi fiz-zwieg taghha, u fost il-problemi li kellha, kienet l-Qorti kienet fuq il-proprjeta li kienet in vendita lill-imputat Paul Demicolimu cioe l-art mertu tal-kawza.

Tul dan iz-zmien li din it-terza persuna kienet il-Qorti, ma sar l-ebda xoghol f'din l-art w ghalhekk intliet bi skart u akkumulat hafna ilma.  Gara ghalhekk, li din l-istess art baqghet ma gietx kostruwita ghal zmien twil u kienet esposta ghall-elementi kollha tan-natura ghal diversi snin. Veru li dan ma kienx tort tal-imputat Paul Demicoli, pero xorta kien responsabbli ghaliha hu, ghaliex l-art kienet tappartjeni lilu. Gara li wara numru ta' snin, id-Dipartiment tas-Sanita harkitu u kellu jtella *boundary wall*. Wara li din giet rilaxxjata mill-Qorti, l-imputat kien hammel l-art u halliha hekk ghal certu zmien.  Minhabba t-thammil u l-fatt li t-turbazz gie espost ghall-elementi, l-art iddghajjfet u dan b'dannu li qed isir tigrif fil-bini espost. Illi sa hawn ma jidhirx li kien hemm xi kontestazzjoni bejn il-partijiet.

Sussegwentement fis-sena 2004 l-imputat Paul Demicoli sar sid l-art in desdamina u xtaq jibniha w ghalhekk beda jhammel mill-gdid u sahansitra anke beda jibni l-appoggi. F'xi mument wasal f'parti fejn talab l-ghajnuna tal-ko akkuzat Paul Magro sabiex inadafflu s-suletta li kien hemm mal-appogg ta' blokk bini li kien hemm adjacenti mal-fond inti u thares lejh fuq in-naha tal-lemin tieghu. Jirrizulta kemm mir-ritratt kif ukoll mix-xhieda mismugha li kien hemm turbazz imwahhaq f'xifer l-appogg.

Paul Demicoli xtaq inehhih sabiex jibni appogg u jidher li talab l-ghajnuna minghand l-ko akkuzat Paul Magro pero dan ra li kien hemm perikolu fis-sit.  Irrizulta li l-irdim kien qed jippressa mal-hajt u meta Paul Demicoli ha lil Paul Magro fuq il-post u qallu li jrid inehhi s-suletta Paul Magro

qallu li hu perikoluz u li l-bini ikun ta’ perikolu minghajr is-suletta (vide stqarrija fol. 131). Paul Magro rrifjuta li jaghmel it-*trimmings*, ra li l-bini ma kienx mibni skond is-sengha w iravvisa dan il-fatt u gharraf lil Paul Demicoli b’dan il-fatt.

Paul Demicoli xorta baqa ghaddej, rega’ avvicina lil Paul Magro, Paul Magro ma marx izda baghat lill-impjegat tieghu lil akkuzat Kevin Bonnici bil-JCB tas-socjeta tieghu, skond Paul Magro sabiex jigbor it-turbazz pero Paul Magro insista li ma kellux jahdem fuq is-sit. Paul Magro ma marx fuq il-post izda Paul Demicoli mar fuq il-post, ra ix-xoghol li kien qed isir u ra t-tqattiegh fil-pedamenti kontra r-regolamenti tal-bini. Jirrizulta li ma kienx qed jinzamm il-metragg mill-hajt tal-appogg kontra kull buon sens u kontra r-regolamenti tal-Health and Safety. Dan kompla jaqta’ got-tafal. L-imputat Paul Demicoli ma gabx il-perit biex jara li kollox kien qed isir skond is-sengha u l-arti. M’applikax ghal *risk assessment* u lanqas ma gie nominat xi *on site project manager* kif rikjest mill-ligijiet tas-Sigurta’ u Sahha w in oltre jirrizulta li d-Dipartiment tal-Health and Safety ma kienx notifikat bix-xoghol li kellu isir.

Illi bhala fatti dawn ma jidhrux li huma kontestati, ghalkemm id-difiza ta’ Paul Demicoli qed tinsisti li Paul Demicoli agixxa fuq struzzjonijiet moghtija lilu mill-Perit Falzon, waqt li d-difiza ta’ Kevin Bonnici qed tghid li dan kien qed isegwi d-direttivi li kienu qed jinghatawlu minn Paul Demicoli u l-ko akkuzat Paul Magro, jghid li huwa ma kienx responsabbli ghax-xoghol li sar ghaliex fil-fehma tieghu, kien ta’ perikolu u qatt m’accetta li jghamlu. Jghid li accetta biss li jibghat lill-imputat Kevin Bonnici sabiex jigbor it-turbazz li kellu jinqata’ minn haddiehor u jigbru bil-*bucket* tal-JCB.

Illi d-difiza ta’ Paul Demicoli ssostni li l-patrocinat taghha huwa pregudikat ghaliex il-Perit li kien responsabbli ghas-sit, qatt ma tressaq il-Qorti sabiex jwiegeb ghall-istess akkuzi li gie akkuzat bihom il-klijent tieghu.

Fuq dan il-punt il-Qorti mhux ser tikkummenta ghaliex la l-Perit mhux parti mill-kawza, kwalsiasi kumment dwaru huwa superfluwu.

Illi ghalhekk il-Qorti ghandha tesamina x-xhieda kollha li xehdu kemm fl-inkjesta kif ukoll viva voce il-Qorti sabiex tasal ghal gudizju taghha u dan wara li hija taghmel tlett esercizzji separate, ghaliex filwaqt li t-tlett imputati huma akkuzati piu o meno bl-istess tip ta' reati, l-partecipazzjoni taghhom kienet wahda differenti ghall-ahhar w ghalhekk, kull prova trid tigi sindikata minn dan il-punto di vista.

Ikkunsidrat ulterjorment:-

Illi nhar l-ghoxrin ta' Lulju 2005 xehed **l-Ispettur Joseph Mercieca** (fol. 37) fejn qal fit-tlieta ta' Gunju 2004 ghall-habta tat-tlieta w nofs ta' wara nofsinhar kienu gew mgharrfa mill-Control Room tal-Kwartieri Generali li kienu dahlu ghadd ta' telefonati fejn kienu gharrfuhom li gewwa Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Bahar, kien hemm xi bini li ggarraf w ghalhekk kienu marru fuq il-post flimkien ma xi pulizija ohrajn fejn hemmhekk sabu li l-fond St. Francis fl-imsemmija triq, kien iggarraf nofsu. Qal li fil-gallerija ta' fuq, li jigi flat numru tlieta, kien hemm ukoll persuna li wara rrizulta li kienet certu Catherine Camilleri, li kienet qed titlob l-assistenza. Qal li mill-ewwel infurmaw lid-dipartiment tal-Protezzjoni Civili kif ukoll l-isptar San Luqa li min naha taghhom baghtu l-assistenza necessarja biex jaghtu l-ghajnuna lil min kellu bzonn.

Qal li mill-indgani li ghamel min naha tieghu rrizulta li l-fond in kwistjoni kien propjeta ta' l-imputat Paul Demicoli u li kien qabbad xi nies biex jaghmlu xi xoghol. Qal li dan kien *plot* li kien ghadu fi stadju ta' tahmil. Qal li fuq il-post kien hemm ukoll l-imputat Kevin Bonnici li dan kien intbaght mill-impjegat tieghu Paul Magro ghan-nom ta' Asfaltar Limited, sabiex iqatta xi konkos li kien jesporgi mill-pedament ta' taht il-fond St. Francis, li kien jigi kontigwu mal-fond in kwistjoni. Qal li fuq il-post jirrizulta wkoll li kien hemm zewg haddiema ohrajn li kienu John Baptist Hili u Charles Sant li kienu qed jaghmlu xi xoghol ta' bini. Qal li x-xoghol kien ghadu fi stadju bikri, jigifieri

kien ghadu qed jibda. Zied jghid li hu kien kellem lill-imputat Paul Magro, li ngharaf fl-awla, li dan kien qal li hu l-involviment tieghu kien biss li jibghat wiehed mill-impjegati tieghu u cioe lil Kevin Bonnici, sabiex iqatta xi konkos. Qal li meta tkellem ma Kevin Bonnici dan kien qallu li hu kien qata' fejn kien indikat lilu minn Paul Demicoli. Qal li Kevin Bonnici kien rrilaxxja stqarrija. Spjega li dak kollu li qalu l-imputati, gie miktub fl-istqarrija taghhom. Ikkonferma l-kontenut tar-rapport maghmul minnu lill-Magistrat ta' l-ghassa Dr. Joseph Cassar nhar it-tlieta ta' Gunju 2004 w gharaf il-firma tieghu fuqu.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2005 **rega' xehed l-Ispettur Joseph Mercieca** (fol. 81) fejn qal li hu kien bghat ghall-imputat Kevin Bonnici, presenti fl-awla fit-tlieta ta' Gunju 2004 ghall-habta tad-disgha neqsin kwart ta' bil-lejl u kien hadlu stqarrija flimkien ma AC Pawlu Sammut u dan wara li nghatat is-solita twissija, liema stqarrija hija esebita f'dawn l-atti a fol 160. Ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu fuq kull faccata ta' din l-istess stqarrija ta' Kevin Bonnici, liema stqarrija hija mmarkata bhala Dok. KB. Meta gie muri l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Paul Demicoli, presenti fl-awla, dakinhar tat-tlieta ta' Gunju ghall-habta tat-tmienja neqsin kwart ta' bil-lejl esebita a fol 161 bhala Dok. PD, ix-xhud ikkonferma l-kontenut taghha wkoll. Ikkonferma li nghatat is-solita twissija qabel ma ttiehdet din l-istqarrija w gharaf il-firma tieghu fuq kull faccata ta' din l-istqarrija. Zied jghid ma dak li kien qal dakinhar fix-xhieda tieghu li l-vittmi Maria Dolores Zarb u Nadia Vasilova kienu instabu ghall-habta tat-tmienja ta' filghodu tal-ghada l-erbgha ta' Gunju 2004. Qal li f'din l-inkjesta inzammu diversi accessi u hu kien prezenti ghal hafna minnhom u fil-fatt is-sit inzamm taht is-sorveljanza tal-pulizija ghal diversi jiem. Qal li l-pulizija ma kienux fuq il-post tul l-inkjesta kollha peress li hadet diversi gimghat u fl-ahhar jiem kellhom direttiva sabiex inehhu l-pulizija minn fuq il-post. Qal li ma kienx f'posizzjoni jhid jekk kienx presenti jew le fl-ahhar access u li fuq il-post, il-puliizja damu xi hmistax il-gurnata. Qal li setgha jivverifika mid-*detail* biex jghid ezattament meta tnehhew il-pulizija. Qal li waqt l-inkjesta kienu saru xi rikorsi mill-partijiet sabiex

isir xi xoghol u l-Magistrat kien awtorizza li jsir dan ix-xoghol.

Illi nhar l-erbatax ta’ Dicembru 2005 **rega’ xehed l-Ispettur Joseph Mercieca** (fol. 151) fejn esibixxa l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputati Kevin Bonnici u Paul Demicoli bhala Dok. ‘S’ u ‘ T’ rispettivament. Qal li l-istqarrija Dok. ‘S’ hija ta’ Paul Demicoli presenti fl-awla. Ikkolnferma l-firma tieghu kif ukoll dik ta’ l-AC Paul Sammut fuqha u l-imputat Paul Demicoli ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija Dok. ‘S’. Zied jghid li l-istqarrija Dok. ‘T’ giet rilaxxjata mill-imputat Kevin Bonnici presenti fl-awla, quddiemu u quddiem l-Assistant Kummissarju Paul Sammut. Ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu u dik ta’ l-Assistent Kummissarju Paul Sammut, filwaqt li l-imputat Kevin Bonnici ghazel li ma jiffirmax din l-istess stqarrija, li giet rilaxxjata dakinhar tas-sitta ta’ Gunju 2004.

Illi nhar l-hamsa ta’ Lulju 2007 **rega’ xehed l-Ispettur Joseph Mercieca** (fol. 386) fejn mistoqsi jekk kienx hemm xi rapporti dwar xi bini fil-periklu b’mod partikolari dan in kwistjoni, wiegeb li ma kellux rapporti qabel l-incident in kwistjoni. Zied jghid li hu kien prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija tal-Perit Falzon u l-istqarrija tieghu giet mehuda jew mis-Supretendent Lawrence Cutajar jew mill-Assistant Kummissarju Paul Sammut. Qal li fiha dan qal li kien taha struzzjoni partikolari lil Paul Demicoli biex ma jqattax fil-genb tal-hajt, pero dak li qal Paul Demicoli ma qabilx ezattament ma dak li qal il-Perit dwar fejn kellu jqatta u ma jqattax. Cahad li waqt l-istqarrija li ttehditlu, huwa pproduca xi pjanta u dan b’referenza ghall-Perit Falzon. Qal li hu (Demicoli) qatt ma ddiskuta l-pjanta mal-Perit. Qal li pero jekk ma kienx qed jizbalja, Paul Demicoli kien qal li skond il-pjanta li giet moghtija lilu mill-Perit, li huwa kellu jqatta’ mal-genb tal-hajt divizorju. Qal li Paul Demicoli kien mar fuq il-post bhala sid il-post.

Illi wara li sehhet din id-disgrazzja, l-Magistrat tal-ghassa kien ordna li tinzamm inkjesta bil-ghan li jigi stabilit ezattament x’kien gara, ghaliex kien waqa il-bini u kien innomina diversi esperti sabiex jassistuh fil-gbir tal-provi u fost l-esperti kien hemm nominat il-Perit Richard Aquilina.

Illi nhar l-ghoxrin ta’ Lulju 2005 xehed **AIC Richard Aquilina** (fol. 35) fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu esibita fl-atti tal-inkjesta (Vol. II A).

Illi nhar d-disgha w ghoxrin t’Ottubru 2007 **in kontr’ezami l-Perit Richard Aquilina** (fol. 404) qal li hu minnu li l-post li waqa’ kien mibni fuq *strip footing* li kien ivarja bejn tlieta u disgha pulzieri. Qal li l-hxuna ta’ l-*strip footing* hu kien semmija fir-relazzjoni tieghu. Spjega li normalment bhala procedura tkun *uniform thickness* l-*strip footing* u fuq l-*strip footing* kien hemm m’ghola sular hajt dobblu w imbghad sar singlu u l-*strip footing* tohrog l‘ barra u kien jidher xi turbazz li kien johrog l’barra. Spjega li l-hajt tal-appogg kien ir-*retaining wall* u l-materjal tal-irdim kien mimli sew bit-trab bil-bini jippressa fuqu. Qal li kien ikun ferm xieraq kieku r-*retaining wall* effettivament kien iktar ohxon, izda ma jigix trattat bhala semplici pedament izda bhala *retaining wall* biex izomm l-irdim. Qal li r-*retaining wall* kellu jkun f’dan il-kaz, qrib tliet piedi jew iktar sabiex izomm dan it-toqol. Qal li jkun hekk isfel u jidjieq meta jitla ‘l fuq skond il-materjal li jintuza. Meta gie muri d-Dok. JM, u mistoqsi jekk in vista tal-*basement* u il vista tal-ewwel *floor*, humiex l-istess wisgha, wiegeb li hekk hu wara li hu kien ha l-kejl tas-sulari minn fuq il-pjanta seduta stante waqt li kien fuq il-pedana tax-xhieda. Qal li kieku l-perit ried ifisser fil-pjanta Dok. JM, li ma kellux isir bini mal-hajt tal-appogg, kien imexxi hajt iehor hdejh. Meta gie muri d-Dok. JM 2, esebit mid-difiza u hija l-istess pjanta bhal Dok. JM, ix-xhud spjega li pero fuq din hemm hajt fuq in-naha tax-xellug tal-pjanta li tfisser li kien ser jitla hajt appogg mal-hajt in kwistjoni. Mistoqsi jfisser li mbilli jitla hajt appogg ma dak li kien hemm diga ezistenti, b’dan li l-*strip footing* kienet tohrog ‘l barra mill-hajt, qal li t-turbazz kien wkoll johrog ‘l barra u kellu jithalla spazju ferm kbir bejn iz-zewg hitan, biex ikunu inkaxxati ma xulxin, kellu bilfors jintmiss l-*strip footing*.

Qal li l-linja safra li hemm fuq il-pjanta Dok. JM 2 saret mid-difiza, pero din ma kienetx hemm. Qal li mill-investigazzjoni li hu zamm, irrizultalu li l-perit li kien inkarigat mix-xoghol kien taha struzzjonijiet sabiex dan il-

hajt ma jintmissx. Qal li f'dan il-kaz kien hemm dislivell bejn l-art tal-konkos tal-garaxx ta' sbatax il-pied u nofs. Qal li kien ikun iktar xieraq kieku r-*retaining wall* kien ehxen. Meta gie muri mid-difiza d-Dok. JM3 esebit f'dawn l-atti, x-xhud qal li din il-pjanta qed turi tliet saffi hdejn xulxin, anzi erbgha u zgur li ma kinitx tkun hekk ghaliex dawn kienu jidhlu xulxin pero bhala hxuna jaqbel.

Illi nhar l-erbgha ta' Dicembru 2007 **in kontr'ezami l-Perit Richard Aquilina** (fol. 412) ghamel korrezzjoni dwar il-hxuna ta' *strip footing* imsemmija fir-relazzjoni tieghu. Qal li biss biss hemm hxuna li hija deskritta fit-tieni paragrafu fol 35 tal-accessi u seduti, imma kienet tliet pulzieri hxuna. Qal li huwa minnu li ma kinitx uniformi pero l-uniformita meta ma jkunx wita, l-materjal jaghtuh il-konkos u jigi dritt biex ikun jista jaghtih imvell. Qal li generalment *strip footing* jiddependi fuq il-piz li ser ikollha fuqha. Qal li matul il-hajja tal-bini, qabel ma gara li gara, cioe li waqa', hadd m'osserva konsenturi la fil-hitan, la fis-soqfa u lanqas fuq fil-madum w ghalhekk tfisser li *strip footing* ta' dan il-bini kien qed jahdem tajjeb. Qal li una volta t-turbazz ikun mirdum u ma jkunx espost ghall-elementi, jibqa shih, pero una volta jigi espost ghall-elementi, dan jintemm. Qal li dan ghamel zmien twil espost ghal xita u elementi ohrajn u dan huwa spjegat fir-rapport tieghu. Qal li fir-relazzjoni tieghu hemm il-fatturi kollha li kkontribwew ghal dan l-incident anke l-fatt li dan it-turbazz kien espost, huwa wiehed minn dawn il-fatturi.

Qal li l-hajt tal-appogg in kwistjoni veru ma kienx hajt tal-appogg semplici; kien ukoll *retaining wall* li jilqa l-materjal. Qal li fil-fehma tieghu pero, dan ir-*retaining wall* kien irqiq u ma kellux qasma kbira pero minn ezami tar-ritratti li gew esebiti qabel ma sehh l-incident, ma deher imkien li kien hemm xi qsim jew xi nefha fuqu u kieku dan infetah 'l barra, l-paviment kien jinzel. Qal li hadd ma rrimarkalu dan. Meta gie muri l-pjanta esebita bhala Dok. JM ix-xhud wiegeb li ma setghax jghid jekk din il-pjanta qablitx ezattament mas-sit. Qal li pero huwa minnu li jekk wiehed jara l-kejl tal-pjanta li kellu quddiemu u cioe li s-sulari sovrastanti, ghandhom l-istess kejl u wisa' ta' dawk li hemm *groundfloor*.

Qal li una volta li l-hajt ikun mixkuf ghall-elementi, il-kuntrattur li ser jiehu hsieb il-bini adjacenti, ghandu jiehu hsieb iktar il-hajt in kwistjoni ghaliex it-turbazz in kwistjoni jkun ddghajjef. Meta saritlu referenza ghal fol. 41 tar-relazzjoni tieghu propju ghall-hames paragrafu, ix-xhud ikkonferma illi hadd ma kien ra konsenturi fil-hitan jew fis-soqfa jew xi madum qabel ma sehh l-incident in kwistjoni. Qal li lilu m'irrizultalux li l-kuntrattur li kien qed jibni s-sit adjacenti ha xi prekawzjonijiet minhabba s-sahha tal-haddiema. Mistoqsi xi prekawzjonijiet kellhom jittiehdu f'kaz bhal dan, wiegeb.li kellu jkun hemm xi retaining material anke ta natura temporanja sakemm isir certu xoghol sabiex b'hekk ikollu support. Qal li dan huwa n-natura tax-xoghol tal-perit li jkun qed jizviluppa sit bhal dan u huwa xoghol il-perit li ghandu jidentifika dan it-tip ta' xoghol li ghandu jsir lill-kuntrattur. Qal li f'dan il-kaz il-perit kien taha struzzjoni biex ma jsirx skavar.

Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx hemm xi korrispondenza skritta bejn il-kuntrattur u l-perit, wiegeb li ma kienx jaf. Qal li jirrizulta wkoll li kien hemm xi ritratti li l-post kien jigi *flooded* u dan kompla jaggrava s-sitwazzjoni. Mistoqsi jekk ittehdux il-prekawzjonijiet sabiex ma tikkollassax it-triq wiegeb li jidhirlu li l-skavar kien qisu forma ta' rampa u mhux ezatt mat-triq, pero ma setghax iwiegeb peress li kien hemm ammont kbir ta' materjal li kien gie disturbat sabiex jinstabu il-kadavri fejn kienu.

Qal li meta kienu qed jaghmlu xi xoghol hdejn il-bini li kien hemm, kienu qed jahdmu taht periklu kbir minhabba l-possibilta ta' kollass peress li l-hajt tal-appogg kien inqasam. Qal li l-fatt li l-Perit Falzon insista illi ma jsirx skavar mal-binja adjecenti, johrog mix-xhieda li tah hu. Qal li huwa dejjem il-perit li jrid jaghti direttivi u dettalji ta' kif ghandu jsir biex il-hajt ta' l-appogg jintrifed u huwa l-obbligu ta' perit li jaghmel *site inspections* meta jkun qed isir xi bini. Mistoqsi jekk dak li qal il-perit giex kontradett minn dak li qalulu l-imputati jew xhieda ohrajn, wiegeb li ma jiftakarx.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Lulju 2005 xehed **Gino Mule Stagno** (fol. 68) fejn qal li Maria Dolores Zarb kienet tigi l-kunjata tieghu. Ftakar li fit-tlieta ta’ Gunju 2004 ghall-habta tat-tmienja neqsin ghoxrin ta’ filghodu hu kien mar iwassal lit-tifla tieghu ghand il-kunjata peress li hu ghandu l-garaxx tieghu faccata ta’ fejn toqghod hi u cioe fi Triq Ramon Perellos, u dakinhar kien ra x-xoghol ghaddej fl-akwati u zewg bennejja fuq in-naha l-ohra magenb Hal Mann Flats. Qal li ra wkoll vettura bil-ponta, dik li tqatta l-blat, li kienet qeghda mal-access ghas-sit in kwistjoni. Zied jghid li ghall-habta tas-seigha w ghoxrin ta’ wara nofsinhar kien rega’ mar fuq il-post sabiex jigbor lil bintu, u dahal bil-karozza tieghu fil-garaxx. Qal li hemm kien hemm bintu z-zghira, il-mara Diane u l-kunjata u dakinhar il-kunjata kienet qalet li hasset il-bini jiccaqlaq w ghalhekk dak il-hin stess, l-kunjata, fil-presenza tieghu, marret tittawwal fil-*plot* adjacenti biex tara x’kien ghaddej. Qal li hu kien segwiha biex jara x’kien ghaddej u hemm ra gaffa bil-*bucket*, li kien qed jigbor materjal li kien gie imqatta minn filghodu u dan kien qed jitfa t-terrapien u l-materjal kollu fuq in-naha ta’ wara tal-*plot*.

Qal li mit-tmienja neqsin ghoxrin ta’ filghodu sakemm rega’ mar fis-siegha w kwart ta’ wara nofsinhar il-blat in kwistjoni kien tqatta iktar. Qal li l-*bucket* in kwistjoni kien imur mid-direzzjoni ta’ quddiem ghal wara b’heffa u miss mal-genb tal-*plot*. Qal li dik kienet l-ahhar darba li ra lill-vittma Maria Dolores Zarb. Qal li sussegwentement hu kien presenti wkoll waqt li sar l-access fit-tnejn w ghoxrin ta’ Gunju 2004 u mieghu kien hemm ukoll il-Perit Edgar Caruana Montaldo u rrimarkalu waqt li kien fil-presenza ta’ terzi, li la kien hemm xi xoghol ghaddej fil-*plot* qabel l-access, il-perit inkwerenti li kien nominat mill-Magistrat, kien rrabjat hafna ghax ma kienx gie infurmat bix-xoghol li kien qed isir.

Qal li hu ma rax il-blat jinqata pero ra l-blat maqtugh meta mar fuq il-post ghall-habta tas-siegha ta’ wara nofsinhar. <u>Qal li hemm ra turbazz tal-bini li kien ghad baqa mal-bini esistenti.</u> Mistoqsi min kien qed jimmanuvra l-JCB dakinhar wiegeb li ma jiftakarx. Qal li fil-fatt meta raha ghall-ewwel darba, kienet stazzjonata

thares l-isfel lejn is-sit u fit-tieni okkazzjoni ra ragel b'dahru lejh w ghalhekk ma setghax jgharaf wiccu. Ix-xhud ikkonferma x-xhieda li taha quddiem il-perit tekniku Richard Aquilina fl-atti ta' din l-inkjesta a fol. 139 tal-atti tal-inkjesta fl-intier taghha. Mistoqsi min hu s-sid tal-*plot* in kwistjoni wiegeb li sa fejn jaf hu, huwa Paul Demicoli filwaqt li l-perit kien Joseph Falzon u dan kien jafu ghaliex Mary Zarb kienet qaltlu li kienet ppruvat tavvicina lill-Perit Falzon biex tkellmu hija stess. Qal li minn dak li qaltlu hi, il-perit kien mar fuq il-post meta pruvat tkellmu, pero hu kien qed jaghtiha dahru u jinjoraha.

Mistoqsi sa fejn kien tqatta l-blat dakinhar li ghamel il-visita tieghu wiegeb li l-blat kien tqatta propju *perpendicular at right angle* mal-bini u li t-turbazz li kien hemm mal-bini, kien tqatta kollu u b'hekk it-turbazz li kien hemm mal-appogg, kien gie *flash*.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2005 xehed **Doctor Marcel Zammit** (fol. 71) fejn qal li hu kien izzewweg lil Nadia Vasilova l-Italja. Spjega li dakinhar ta' l-incident, martu kienet marret il-lezzjoni ghand Maria Dolores Zarb gewwa San Pawl il-Bahar u sussegwentement raha mejta u segwa dak li kien qed isir w attenda ghall-access flimkien mal-perit tekniku nominat mill-Qorti u meta kien hemm ra li s-sit in kwistjoni kien gie mnaddaf kollu. Qal li ma kien jidher xejn mill-pedamenti ta' fejn mietu Maria Dolores Zarb u Nadia Vasilova. Ix-xhud ikkonferma x-xhieda li kien taha quddiem il-Magistrat Inkwerenti nhar it-tmienja ta' Gunju 2004 fl-intier taghha. Qal li fuq il-post wasal xi kwarta wara li sehh l-incident, u tas-Civil Protection u l-pulizija kienu ghadhom ser jibdew bix-xoghol.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2005 xehdet **Marie Diane Mule Stagno** (fol. 73) fejn qalet li hi tigi bint l-vittma Maria Dolores Zarb. Qalet li fis-sena 2004 ommha kienet toqghod St. Francis Flats, Flat 2, Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Bahar, liema appartament kien jappartjeni lilha. Ftakret li dakinhar tat-tragedja tat-tlieta ta' Gunju 2004, hi kienet halliet lil bintha ghand ir-ragel u dan kien hadha ghand ommha ghall-habta tat-tmienja neqsin kwart

ta’ filghodu biex immur ghax-xoghol. Qalet li ghall-habta tan-nofs siegha jew s-siegha neqsin kwart ta’ wara nofsinhar hi marret lura ghand ommha biex tigbor lit-tifla w ommha kienet qeghda fil-*main road* tippassigga bit-tifla. Qalet li dakinhar hi kienet rat lil zewgha gej biex idahhal il-vettura tieghu fil-garaxx faccata tal-*flats* fejn kienet toqghod ommha.

Qalet li hi w ommha telghu vicin ir-ragel biex jistennewh hdejn il-garaxx. Qalet li hi w ommha baqghu jitkellmu u x’hin mar zewgha u komplew jitkellmu. Ftakret li hin minnhom ommha kienet qed titkellem mar-ragel u qaltilhom li hasset il-bini jiccaqlaq pero baqghu jitkellmu fuq affarijiet normali. Ftakret li kienu faccata tal-*flat* t’ommha jigifieri faccata tal-*plot* in kwistjoni u kienu qed iharsu lejn ix-xoghol ghaddej fil-*plot* w li sussegwentement hi u zewgha telqu lura d-dar filwaqt li ommha hadet il-*push chair* lura d-dar. Ziedet tghid li kif ommha ghalqet il-bieb tal-flat tal-indana ta’ isfel, binthom bdiet tibki ghall-*push chair* u hi qalet lil zewgha li kienet ser terga tmur ghall-*push chair*. Qalet li ommha kienet lahqet telghet fuq u kienet fil-process li tiftah il-bieb w ghalhekk ghajtitlha u gabet il-*push chair* u dik kienet l-ahhar darba li rat lil ommha hajja. Qalet li zewgha u bintha kienu qed jistennewha faccata tal-*plot* fid-dell, jaraw ix-xoghol kif kien ghaddej. Qalet li kienet ttawwalet fuq is-sit in kwistjoni u kienet rat zewg bennejja jahdmu fuq in-naha tal-appogg li jaghmel ma Hal Mann *plot* u hemm rat li kien hemm gaffa man naha tal-appogg t’ommha. Ftakret li kienet ghaddiet kumment lil zewgha ghal fatt li kien qed jghaggel tal-gaffa tant li kienet ssorprendiet ruhha wkoll li l-gaffa kienet qeghda tmiss propju mal-appogg t’ommha. Qalet li huma telqu minn hemm ghal habta tas-siegha w nofs ta’ wara nofsinhar u marru d-dar. Qalet li kif waslu d-dar, zewgha u bintha marru jistriehu u hi bdiet taghmel l-affarijiet tad-dar u wara ftit cemplet il-qanpiena u l-persuna li kienet qed thabbat kienet qed thabbat bil-goff u meta fethet sabet l-pulizija, li nzerta kien habib taghha u t’ommha u talabha biex tmur mieghu. Qalet li kienet staqsietu x’kien gara u dan gharrafha b’dak li kien gara.

Spjegat li wara xi zmien kienu gew avzati li kien ser isir access fuq is-sit w ghalhekk kienu marru fuq il-post u meta waslu hemmhekk, ix-xoghol kien ghadu ma bediex. Qalet li meta kien beda x-xoghol kien mar habib taghhom certu Lino Gauci u gibdilhom l-attenzjoni li l-blokk t'appartamenti li ggarraf, tahtu kien hemm garaxx u tahtu kien hemm rampa u taht din ir-rampa kien hemm blata, li tkissret. Qalet li hi ma kienetx fehmet dak li kien qalilha Lino Gauci u sussegwentement Lino Gauci kien rega' rrepeta l-istess kliem lil zewgha. Qalet li ftit wara kien mar Dr. Marcel Zammit, il-*partner* tal-vittma l-ohra, Nadia.
Qalet li meta sussegwentement marret ghall-access f'Lulju, dik il-blata ma kinitx ghadha hemmhekk. Qalet li peress li ma tifhimx f'dawn l-affarijiet, ma kienetx f'posizzjoni tikkonferma jekk il-blata kinitx hemm jew le pero l-Perit Edgar Caruana Montaldo kien presenti fiz-zewg okkazzjonijiet. Qalet li dak il-hin stess hi u Dr. Marcel Zammit kienu avvicinaw lill-Perit Richard Aquilina b'dak li kien gara u dan deher li kien sorpriz hafna ghax ma kienx jaf b'din il-bicca. <u>Qalet li kienet rat l-makkinarju imiss mal-hajt tal-appogg t'ommha u dan il-makkinarju kien *in motion* ghax kien qed jahdem</u>. Mistoqsija min kien qed jimmanuvra din il-gaffa, wiegbet li ma kienetx taf, pero fuq is-sit kienu jaraw lil imputat Paul Demicoli, li lilu jappartjeni s-sit in kwistjoni. Qalet li hi kienet tkun hemmhekk il-hinijiet li twassal u tigbor lil bintha kuljum. Ix-xhud ikkonfermat ix-xhieda li kienet tat lill-perit tekniku li tinsab a fol. 137 tal-process, fl-intier taghha. Qalet li fil-fatt hi kienet tat xhieda f'okkazzjoni ohra, li tinsab a fol. 151. Ix-xhud ikkonfermat wkoll x-xhieda a fol. 151 fl-intier taghha wkoll. Ix-xhud esebiet notamenti li hi ghamlet referenza ghalihom dakinhar li kienet qed tixhed bhala Dok. 'T'. Mistoqsija jekk kienx hemm ingejni fil-post meta waqa l-blokk ta' appartamenti, wiegbet li ma tafx, pero meta bdew ihottu u jnehhu l-gebel, ingenji fuq il-post rat, wara li kien sehh l-incident. Qalet li hi rat l-gaffa dakinhar ghall-habta tas-siegha jew is-siegha w kwart ta' wara nofsinhar x'hin waslet ghand ommha. Qalet li pero din il-gaffa ma kienetx ratha filghodu, jew ghal inqas ma tatx kaz.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Lulju 2005 xehdu **l-Professoressa Marie Therese Camilleri u Doctor Sarfraz Ali** (fol. 77) fejn qalu li huma kienu gew nominati fl-atti tal-inkjesta u dan b’digriet tal-Magistrat Inkwerenti tat-tlieta ta’ Gunju 2004 sabiex jaghmlu ezami mikroskopiku fuq il-persuna ta’ Nadia Vasilova u Maria Dolores Zarb. Ix-xhieda kkonfermaw l-konkluzjoni taghhom fir-relazzjoni esebita a fol 297 tal-process. Spjegaw li fil-konfront ta’ Nadia Vasilova din mietet bhala risultat ta’ *traumatic asphyxia forced by crash injury* filwaqt li Maria Dolores Zarb mietet ukoll bhala kagun ta’ *traumatic asphyxia due to multiple injuries*.

Illi nhar t-tnax t’Ottubru 2005 xehed **PC 453 Brian Cassar** (fol. 101) fejn ikkonferma r-relazzjoni mhejjija minnu esibita fl-atti tal-inkjesta (Vol. II A).

Illi nhar t-tnax t’Ottubru 2005 xehdet **Catherine Camilleri** (fol. 103) fejn mistoqsija mill-prosekuzzjoni fejn kienet toqghod fil-bidu ta’ Gunju 200, wiegbet li fil-fond 3, St. Francis Flats, Triq Ramon Perollos, San Pawl il-Bahar. Ikkonfermat li l-blokk flats fejn kienet toqghod hi, nhar t-tlieta ta’ Gunju 2004 waqa kollu. Mistoqsija jekk dakinhar kienetx d-dar, wiegeb li kienet fil-kcina u kienet sejra fuq il-bejt biex tnizzel il-hwejjeg li kellha minxura. Qalet li l-bieb ta’ barra kien imbexxaq u f’hin minnhom il-qattus telaq jigri u kienet kurjuza ghaliex ghamel hekk u fid-daqqa w il-hin semghet hoss qawwi u hasbet li kien ser jaqa s-saqaf u rat balla trab fil-kuridur tant li bezghet tohrog. Qalet li semghet ghajjat barra u meta marret fil-gallarija biex tara x’kien gara, n-nies qalulha biex tibqa hemmhekk ghaliex kienu gejjin tal-Fire Brigade biex jghinuha tohrog minn hemm. Qalet li fil-blokk adjacenti kien hemm xi xogholjiet ta’ skavar ghaddejin. Ix-xhud ikkonfermat x-xhieda li kienet tat fl-atti tal-inkjesta a fol. 140 et seq tal-istess.

Illi nhar t-tnax t’Ottubru 2005 xehed **PS 1184 Patrick Grech** (fol. 105) fejn ikkonferma r-relazzjoni mhejjija minnu esibita a fol. 318 fl-atti tal-inkjesta (Vol. II A).

Illi nhar t-tnax t’Ottubru 2005 xehed **Anthony Camilleri** (fol. 107) fejn qal li f’Gunju 2004 hu kien jghix fil-fond 3,

St. Francis Flats, Triq Ramon Perollos, San Pawl il-Bahar. Ikkonferma li fid-data tal-incident ma kienx d-dar, kien barra. Qal li dan l-appartament ma hux tieghu, kien mikri ghandu. Qal li rizultat ta' dan l-incident hu sofra danni fl-affarijiet personali tieghu fl-ammont ta' circa hames mitt lira maltin. Mistoqsi jekk jafx xi haga dwar x-xoghol li kien ghaddej fis-sit adjacenti, wiegeb li jiftakar li ghal habta tal-ghaxra ta' filghodu semgha thezziz tal-art li xi hadd kien qed iqatta' blat jew konkos u lil martu qalilha li kienu ser jipiccaw b'ugigh ta' ras. Qal li hu dahal fil-kcina biex jiehu l-*breakfast* u hareg ghal habta tal-hdax u kwart ta' filghodu u meta ttawwal biex jara x'kien qed jigri, ra Hymac li kien niezel mal-binja tieghu, ta' Meli w innotali kien qed jaqta l-konkos u l-hadid tal-konkos. Qal li ghamel xi hames minuti hemmhekk u telaq. Qal li dak kien l-hin li l-ahhar li ra s-sit in kwistjoni. Mistoqsi min kien qed ihaddem l-Hymac wiegeb li ma kienx jaf. Ix-xhud ikkonferma x-xhieda li hu kien ta fl-inkjesta quddiem l-Perit Richard Aquilina li tinsab a fol. 141 et seq tal-inkjesta.
Illi nhar l-erbatax ta' Dicembru 2005 xehed **s-Supretendent Lawrence Cutajar** (fol. 129) fejn esibixxa stqarrija rilaxxjata mill-imputat Paul Magro li gharaf presenti fl-awla, liema stqarrija gie immarkata bhala Dok. GP (fol.131). Ikkonferma l-firma tieghu, dik tal-Assistant Kummissarju Paul Sammut kif wkoll dik tal-imputat fuq kull faccata taghha.

Illi nhar l-erbatax ta' Dicembru 2005 xehed **Doctor Mario Scerri** (fol. 137) fejn ikkonferma r-relazzjoni mhejjija minnu esibita a fol 259 et seq tal-atti tal-inkjesta (Vol. II A).

Illi nhar l-erbatax ta' Dicembru 2005 xehed **Peter Cordina** (fol. 139) fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' Direttur tal-Protezzjoni Civili. Ftakar li dakinhar tat-tlieta ta' Gunju 2004, huma kienu gew imsejjha jaghtu l-assistenza f'fond fi Triq Ramon Perellos, Sam Pawl il-Bahar peress li kien hemm xi persuni maqbuda taħt t-tifrik. Qal li x-xoghol beda mmedjatament u dam ghaddej sas-sieghat kmieni tal-ghada filghodu. Qal li eventwalment kienu nstabu zewg persuni mejta nhar l-hamsa ta' Gunju 2004 ghal habta tas-saghtejn ta' filghodu.

Illi nhar l-erbatax ta’ Dicembru 2005 xehed **Mark Gauci** (fol. 141) fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta’ Kap Ezekuttiv tal-Awtorita tas-Sahha u Sigurta fuq il-post tax-xoghol. Qal li xi disghin minuta qabel sehh l-incident, kien ircieva telefonata minghand ragel li ma riedtx juri ismu fejn qal li kien hemm grupp ta’ nies fosthom perit, li ma giex identifikat, u dan r-ragel semgha lil perit jghid lin-nies ta’ madwaru li l-blokk ta’ flats kien f’perikolu mminenti li jaqa u li ahjar jitilqu minn fuq il-post. Qal li ghalhekk hu nforma lil pulizija b’dan. Ix-xhud ikkonferma x-xhieda li kien taha quddiem il-Perit Richard Aquilina fl-atti tal-inkjesta, liema xhieda tinsab a fol. 155 tal-istess inkjesta (Vol. II A).
Illi nhar l-erbatax ta’ Dicembru 2005 xehed **Charles Micallef** (fol. 142) fil-kapacita tieghu ta’ Occupational Health & Safety Officer. Qal li fit-tlieta ta’ Gunju 2004 ghall-habta tal-erbgha ta’ wara nofsinhar kienu gew infurmati li fi Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Bahar, kien waqa xi bini w ghalhekk marru fuq il-post ma xi ufficcjali ohra fosthom Noel Cachia u David Saliba. Qal li hemmhekk sabu diga nies tas-Civil Protection kif ukoll membri tal-korp tal-pulizija w ghalhekk hallew l-osservazzjoni ssir mis-civil protection kif ukoll mill-pulizija. Spjega li hemmhekk tkellem mal-Perit Censu Galea kif ukoll mal-Perit Richard Aquilina w iddentifikaw xi strutturi li kienu fil-periklu u li kienu ser jaqghu u effettivament gew ukoll mwaqqa’.

Qal li huma marru lura fl-ufficini u raw jekk kienux gew notifikati li kellu jsir xi xoghol f’dan is-sit u dan skond l-avviz legali relattiv AL27/2000 w effettivament rrizulta li ma kienux gew infurmati b’dan ix-xoghol li kellu jsir. Qal li suppost li huma jigu notifikati skond il-ligi mill-klient li ser jaghmel ix-xoghol fuq is-sit in kwistjoni li ma kienx hemm iktar minn *500 men working days* u iktar minn ghoxrin haddiem ghal tletin gurnata. Spjega li meta jkun hemm l-izvilupp, peress li s-sit in kwistjoni ma jaqax taht dawn il-kwalifiki, xorta l-izviluppatur ghandu l-obbligu li jappunta *project manager to design safe and the construction safe* u dawn flimkien jaghmlu r-*risk assessment*.

Qal li dawn id-dokumenti jigu mizmuma minnu u huma ghandhom dritt sabiex jitolbuhomlom meta jmorru fuq il-

post. Qal li qabel dan l-incident huma qatt ma marru fuq is-sit in kwistjoni u qatt ma talbuh xejn. Qal li minhabba nuqqas ta' rizorsi li ghandha l-awtorita u bin-numru zghir t'ufficcjali li ghandhom, ma tistax taghmel *check ups* fuq il-postijiet kollha li hemm *under construction* u peress li ma kienux gew notifikati li qed isir xoghol, huma ma setghux jaghmlu dan ic-*checking*. Qal li fuq il-post mar biss fil-gurnata tal-incident u rega' mar xahar wara, meta x-xoghol kien ghadu ma regghax beda. Qal li fil-hin ta' l-incident ma kienx jaf jew ma rrisultalux min kien qed jaghmel dan ix-xoghol. Qal li fis-sit, llum il-gurnata hemm blokk flats, b'referenza ghall-propjeta li kienet qed tinbena hdejn il-propjeta li waqghet.

Qal li min kien qed jizviluppa dan ix-xoghol dakinhar ma kienx jaf u lanqas jaf b'xi digriet li seta' nghata mill-Magistrat Inkwerenti li awtorizza l-prosegwiment tax-xogholijiet. Qal li skond il-ligi, suppost li huma gew notifikati bix-xoghol li kellu jsir u dan dejjem skond l-istess AL27/2000. Qal li r-rwol tieghu huwa fuq accidenti, apparti ohrajn, u li b'kollox hemm wiehed w ghoxrin ruh. Qal li applikazzjoni ghandha ssir dejjem. Qal li r-*risk assessment report* mhux dejjem isir u gieli talbuh huma, pero f'dan il-kaz, ir-*risk assessment report* ma kienx gie mitlub ghaliex qatt ma kellhom notifikazzjoni dwar is-sit u suppost huwa l-klijent li ghandu jinforma lill-awtorita. Qal li l-klijent ikollu beneficcju wkoll minn dan. Spjega li hu ilu f'dan ix-xoghol ghal dawk l-ahhar tlett snin. Ikkonferma li whud mill-applikazzjonijiet jigu mimlija mill-periti, pero mhux dejjem.

Illi nhar l-erbatax ta' Dicembru 2005 xehed **Charles Pace** (fol. 145) fejn qal li hu joqghod bejn mija u hamsin u mitejn pied boghod minn fejn waqa l-bini in kwistjoni, fl-istess triq. Qal li dakinhar tal-incident hu kien nizel ghal bintu ghal habta tad-disgha ta' filghodu u peress li kien hemm in-nies qed jahdmu, taha daqqa t'ghajn, peress li ma tistax timmissjhom. Qal li meta ttawwal ra li kien hemm JCB diehla ghal got-triq mixghula pero ma kienetx qed tinsaq. Mistoqsi jekk kienx hemm xi nies ohra fil-blokk, wiegeb li ma kienx jaf ghaliex kien mal-hajt l-iehor. Lix-xhud giet moqrija x-xhieda li taha lill-Perit Richard Aquilina u qal li

ma jiftakarx li dakinhar kien sema l-JCB jqatta mid-dar, ghaliex fil-fatt hemm il-boghod mid-dar tieghu ghas-sit in kwistjoni. Qal li kien zgur li ma setghax jisimghu jahdem. Qal li dik il-parti tax-xhieda tieghu, hu ma jikkonfermahiex. Qal pero li kien minnu li dakinhar ra l-JCB jnaddaf hemm isfel.

Illi nhar l-erbatax ta' Dicembru 2005 xehed **George Sciberras** (fol. 147) fejn qal li hu joqghod faccata tas-sit li waqa'. Ftakar li dakinhar tal-incident kien hemm xi haddiema jahdmu fis-sit taht kostruzzjoni u kien hemm xi gaffa zghira tahdem u kienu qeghdin jinvellaw l-art sabiex isir xi pedament. Qal li dakinhar ta' l-incident, haddiema fuq il-post kien hemm u l-gaffa kienet qed tintuza u kienet qed thaffer bil-musmar u tigbed. Mistoqsi jekk semghax xi hsejjes wiegeb li ma semghax pero rahom jahdmu faccata. Qal li qabel l-incident ma ra lil hadd mill-imputati fuq is-sit. Zied jghid li kien ra biss lill-imputat Paul Demicoli li huwa l-imghallem u kien jarah fuq il-post meta kienu qed jinbnew il-*flats*. Spjega li wara nofsinhar kien qed jiehu te', meta semgha hoss kbir u ra dahna. Mistoqsi jekk nnutax xi haga qabel l-incident wiegeb fin-negattiv. Qal li l-ahhar li ra haddiema fuq il-post in kwistjoni kien dakinhar ghall-habta tad-disgha w nofs jew l-ghaxra ta' filghodu.

Illi nhar l-erbatax ta' Dicembru 2005 xehed **Lawrence Spagnol** (fol. 149) fejn mistoqsi x'danni sofra f'dan l-incident nwiegeb li kellu danni fil-garaxx peress li fih kellu *transit, minibus, Peugeot 405*, kumpressuri, *remote operation vehicles, trailers* tad-dghajjes, muturi tad-dghajjes u diversi oggetti ohra. Qal li l-garaxx tieghu kien jinsab *groundfloor* taht il-bini tal-kostruzzjoni li waqa'. Qal li fil-granet ta' qabel l-incident kien jaf li kien hemm il-bennejja qed jahdmu u kien hemm gaffa qed tnaddaf fuq in-naha tal-lemin, mhux fuq in-naha ta' fejn waqa l-hajt, kienet gaffa bil-*bucket*. Qal li min kien qed ihaddem din il-gaffa, ma jgharfux. Qal li kien qed jipprova jasal f'arrangament mal-imputat Paul Demicoli u ma persuna ohra, pero s' issa ghad ma hemm xejn. Qal li kull ma jaf huwa lill-imputat Paul Demicoli, peress li tkellmu fuq il-kaz ghalkemm gieli rah fuq il-post qabel l-incident in kwistjoni,

pero x'kien jaghmel ma setghax jghid. Ix-xhud ikkonferma x-xhieda li taha quddiem il-Perit Richard Aquilina, li tinsab a fol. 134 et seq tal-process fl-intier taghha. Qal li lill-imputat Paul Demicoli kien kellmu bhala sid il-post li kien taht kostruzzjoni.

Illi nhar l-erbatax ta' Dicembru 2005 xehed **Matthew Spagnol** (fol. 160) fejn qal li dakinhar ta' l-incident kien x-xoghol ma missieru, 'Strand Diving Services' li jigi faccata ta' fejn waqa l-bini u dan mit-tmienja ta' filghodu sas-saghtejn ta' filghodu tal-ghada. Qal li dakinhar dahal fis-sebgha w nofs ta' filghodu. Mistoqsi jekk nnutax xi haga wiegeb li le, pero qal li matul il-gurnata kien semgha hsejjes ta' Hi-Mac li kien qed itaqqab l-art u sussegwentement meta hareg mill-ufficcju, ra il-Hi-Mac itaqqab. Qal li hu taha biss daqqa t'ghajn u rah mal-hajt li kien imwaqqa'. Qal li hemmhekk hu ma damx u b'hiex kien qed itaqqab ma kienx jaf, ghax ma nnutax. Mistoqsi kemm kien hemm nies dak il-hin wiegeb li kien hemm tlieta, haddiem fuq il-gaffa u zewg bennejja. Mistoqsi jekk kienx qed isir xoghol iehor hlief dak li ra, wiegeb li m'nnutax li kien qed isir xi xoghol iehor. Mistoqsi min kien qed jahdem bil-JCB dakinhar wiegeb li ma kienx jaf. Qal li jekk ma kienx sejjer zball ix-xoghol kien baqa ghaddej sa xil-hdax ta' filghodu. Mistoqsi jekk rax lil xi hadd tielaq minn fuq il-post dakinhar wiegeb li ma rax. Mistoqsi jekk kienx fuq il-post dak il-hin li waqa wiegeb li kien fl-ufficcju tal-hanut taghhom. Zied jghid li dakinhar tal-incident ra xi bennejja jibnu xi hajt u dawn kienu l-istess zewg bennejja li kien hemm dakinhar tal-incident. Ix-xhud ikkonferma x-xhieda li taha quddiem il-Perit Richard Aquilina fl-intier taghha. Mistoqsi mill-Qorti jghid min hi Mary, wiegeb li Mary hija dik il-mara li mietet f'dan l-incident. Cahad dak li gie suggerit lilu mill-avukat difensur, li kien hemm zewg *buckets* fuq zewg nahat tal-JCB, *bucket* u musmar fuq wara. <u>Qal li apparati li semgha il-JCB jhaffer, rah wkoll.</u>

Illi nhar l-erbatax ta' Dicembru 2005 xehdet **Rita Spagnol** (fol. 162) fejn qalet li hi tigi mart Lawrence Spagnol, omm Matthew. Qalet li dakinhar tal-incident hi waslet il-hanut ghall-habta tal-ghaxra w nofs ta' filghodu u spjegat li l-hanut taghhom jinsab faccata tal-bini li waqa'. Qalet li

dakinhar, meta waslet, semghet li kien hemm JCB qed ihaffer ghax kien hemm hafna storbju u baqghet diehla, u kien hemm il-bennejja qed jibnu fuq in-naha ta' gewwa, mhux fejn kien qed ihaffer il-JCB. Qalet li kienu qed jibnu faccata tal-post taghhom. Qalet li t-thaffir kien qed isir quddiem, fuq in-naha tax-xellug mal-hajt tal-garaxx taghhom, li jigi man-naha tal-hajt tal-bini li waqa. Qalet li hi rat li l-JCB kien qed ihaffer il-konkos tal-pedament li kien hemm u b'dan l-JCB kien hemm l-imputat Kevin Bonnici li gharfet prezenti fl-awla. Qalet li lil imputat Paul Demicoli, l-imputat prezenti, tafu bhala sid il-post u li kien ilha tafu mill-ewwel, minn meta beda x-xoghol jigifieri xi hmistax jew tlett gimghat qabel l-incident. Mistoqsija kif saret tafu, wiegbet li peress li kienu qed jaghmlu xi xoghol quddiemhom, kienet isellmilhom u tghidilhom bongu, pero min kien ser jibni ma kienetx taf ghax lilha ma qalilha xejn. Spjegat li xi hmistax qabel l-incident, bdew ihammlu f'nofs is-sit, ghalkemm ma kienetx taf tghid jekk fil-fatt il-JCB kinitx hemm dak iz-zmien. Qal li pero storbju u gafef kien ikun hemm kuljum. Qalet li kellhom xi magna l-bennejja hemmhekk, quddiem il-post taghhom biex jaqtghu il-gebel. Qalet li meta waqa l-bini hi ma kienetx hemm, kienet qed taqsam it-triq. Qalet li hi ma kienetx rat il-haddiema jitilqu minn fuq il-post dakinhar peress li kienet marret id-dar nell frattemp u regghet rritornat ghall-habta tas-siegha w nofs ta' wara nofsinhar u meta rritornat, ma kienx hemm bennejja. Qalet li fil-fatt, bejnha u bejn ruhha, qalet '*x'kien telqu kmieni*'. Ix-xhud ikkonfermat x-xhieda li kienet tat quddiem il-Perit Richard Aquilina fl-intier taghha.

Illi nhar l-erbatax ta' Dicembru 2005 xehed **Lorry Meilaq** (fol. 164) fejn qal li dakinhar tal-incident kien fil-flat taghhom fi Triq Ramon Perellos, bieb ma bieb mal-post li waqa. Ftakar li dakinhar tal-incident kien tela' fuq il-bejt tad-dar biex jaqla l-hwejjeg w innota li ma kienx hemm haddiema fuq il-post ghalkemm filghodu meta naxar il-hwejjeg kien hemm in-nies ihaffru. Qal li x-xoghol in kwisjtoni f'dan is-sit kien qed isir permezz ta' *jack hammer* u huma bdew jahdmu fuq il-genb tan-naha tieghu w imbaghad bdew man-naha ta' barra tat-triq. Qal li hu kien qalilhom li n-naha tieghu ma kienx hemm bzonn imissuh ghax ma kienx hemm bzonn. Qal li xi tlett xhur qabel

kienet nizlet hafna xita u kien waqa hafna mill-hamrija li kien hemm fil-genb tat-triq. Qal li fis-sajf, meta bdew jahdmu l-haddiema, il-hamrija nixfet. Qal li haddiema qatt ma ra fuq il-post in kwistjoni salv okkazzjoni wahda meta qalilhom biex ma jmissux in-naha tieghu. Mistoqsi lil min kellem wiegeb li kien wiehed bil-*jack hammer* pero ma jgharfux u qallu hekk ghaliex fin-naha tieghu kien diga nadif filwaqt li n-naha l-ohra, kien hemm is-sigar telghin u l-haxix. Mistoqsi x'kien qed jinqata bil-jag hammer dakinhar wiegeb li kien qed jaqta gebel fuq in-naha tieghu u hu rah jahdem fuq in-naha tieghu, pero fuq in-naha l-ohra, ma rahx. Meta giet moqrija lilu x-xhieda li kien taha lill-Perit Richard Aquilina, li tinsab a fol. 147 et seq tal-process, ix-xhud qal li hu jikkonfermaha fl-intier taghha salv ghal dik il-parti fejn hemm miktub li hu kien rahom iqattghu hamrija fuq rokna ta' wara bil-baqqun u l-jag hammer. Qal li dan qatt ma kien qalu.

Illi nhar l-erbatax ta' Dicembru 2005 xehed **Peter Cilia** (fol. 166) fejn qal li hu ghandu garaxx fl-istess triq fejn sehh l-incident u dakinhar kien tiela minn hemmhekk. Spjega li l-garaxx tieghu qieghed fi triq ohra mal-kantuniera. Qal li hemm kien hemm JCB qed iqatta fis-sit in kwistjoni u hu kien miexi lejn il-garaxx. Mistoqsi x'rah iqatta bil-JCB wiegeb li jahseb li kien qed jaqta il-konkos li kien mahrug il-barra, jahseb li kien qed iqattghu ghad-dritt. Qal li x-xoghol kien qed isir fuq in-naha fejn waqa l-garaxx u fil-fatt qal bejnu u bejn ruhu kemm kien perikoluz ghaliex kien qed isir xoghol taht il-bini. Ix-xhud ikkonfemerma x-xhieda li kien taha quddiem il-Perit Richard Aquilina, li tinsab a fol 146 et seq fl-intier taghha.

Illi nhar l-erbatax ta' Dicembru 2005 xehed **l-Perit Edgar Caruana Montalto** (fol. 168) fejn qal li xi tlett ijiem jew erbgha wara li waqa' dak, kien mar l-ufficcju tieghu certu Paul Demicoli, li huwa s-sid tas-sit in kwistjoni, jiehu parir professjonali minghandu. Meta giet moqrija lilu x-xhieda li hu kien taha quddiem il-Perit Richard Aquilina nhar l-erbgha w ghoxrin t'Awwissu 2004, li tinsab a fol. 145 tal-process, ix-xhud ikkonfermaha fl-intier taghha. Mistoqsi jekk gewx ir-risultati tat-testijiet tal-materjal, wiegeb li le kienu ghadhom ma waslux. Mistoqsi ma min tkellem mil-

laboratorju li qalulu li l-bicciet tal-materjal li tahom ma kienux tajbin, wiegeb li ma kienx jaf. Qal li fl-incident in kwistjoni ma kellu x'jaqsam xejn u sar jaf b'dan il-kaz tlett ijiem wara.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Novembru 2006 **rega' xehed l-Perit Edgar Caruana Montalto** (fol. 305) fejn qal li minhabba l-fatt li s-*samples* li hadu tal-konkos ta' Paul Demicoli, ma kienux tajbin, ghad m'ghandhux konkluzjonijiet x'jaghtu. Qal li meta tiehu *sample*, is-*sample* in kwistjoni jrid ikun per ezempju *up to British standards* u s-*samples* li hadu huma ma kienux skond il-*British Standards* w ghal hekk ma setghax isir l-ezami fuqhom.

Illi nhar d-dsatax ta' Mejju 2009 rega' xehed l-**Perit Edgar Caruana Montalto** (fol. 477) fejn qal li waqt li kienet ghaddejja l-inkjesta mill-Perit Richard Aquilina, hu kien mar fuq il-post in kwistjoni, naturalment wara li kien sehh l-incident u ra hafna *samples* tal-konkos li kien hemm *on site* u dan b'mod vizwali u cioe ra l-hxuna tal-konkos li kien hemm. Qal li effettivament kien hemm hxuna differenti kif wkoll wesghat differenti. Qal li l-hajt li kien mibni sal-hajt divizorju tal-blokka tal-*flat* li waqa', ma kienx nibni la biex jiehu il-*horizontal pressure* u lanqas il-*vertical loading* ghaliex kien hemm kwazi sular ta' materjal warajh w ghalhekk, fil-fehma tieghu, ma kienx delinjat bhala *retaining wall*.

Qal li *s-samples* tal-*concrete* li ra *on site* kellhom hxuna diversa ta' bejn pied u tnejn u zewg piedi u erbgha u hxuna ta' bejn sitt pulzieri u hdax il-pulzier. Qal li kull ma kien hemm *reinforcement*. kienet bicca xibka u dan rigwardanti l-pedament. Qal li minn *reinforcement* li kien hemm minn dawn il-qisien jidher li dan il-hajt la kien mahsub bhala *retaining wall* u dan ghaliex ghalkemm kellu iktar minn sular materjal warajh, bhala hxuna, peress li kien hemm it-turbazz tafli warajh, ma kienx mahsub ghall-*vertical loading*. Qal li kieku dan il-hajt kien disinjat bhala *mass retaining wall*, ried ikun wisa' tal-hajt li eventwalment ikun ser jinbena u f'dan il-kaz, il-hajt kien

gholi erbatax jew hmistax il-filata. Qal li l-hajt bhala wisa', kellu jkun erbgha piedi.

Spjega li *on site* innota li l-ewwel ftit filati ta' isfel kien hajt kantun, li kienu pied u ghaxra hxuna u l-hajt in-naha ta' fuq, kien biss gebla *single*. Ix-xhud esebixxa numru ta' ritratti mehuda minnu dakinhar li ghamel l-ispezzjoni fil-kumpanija tal-Perit Richard Aquilina, liema ritratti gew immarkati komplessivament bhala Dok. ECM. Qal li fil-fatt bhala total hemm tlettax il-ritratt. Zied jghid li bhala *reinforcement* il-hajt divizorju kellu biss xibka wahda u bhala xhuna kien bejn sitta u hdax il-pulzier u xibka wahda. Qal li l-qiegh ma kienx catt imma kien *bowl shaped* w ghalhekk, kien hemm iktar cans meta ma jkunx dritt illi l-hajt jislajdja. Qal li l-pjanta esebita a fol. 408A immmarkata bhala Dok. JM, is-*site* kollu kellu jigi skavat. Meta saritlu referenza ghad-dokumenti li gew esebiti mill-imputat Paul Demicoli nhar it-tlieta w ghoxrin ta' Novembru 2008, b'mod partikolari ghall-pjanta dwar il-*bases and coloumns* li kellhom jitpoggew fis-sit in kwistjoni, liema pjanta giet redatta mill-Perit Joseph Falzon, kif wkoll ghal dokument anness maghha dwar il-kejlijiet necessarji, ix-xhud qal li f'din il-pjanta jidher il-pilastru li kellu jinbena fin-nofs.

Qal li l-qisien li hemm fit-tieni parti, la m'humiex ugwali, ma jistghux jirriflettu ghall-i*structure* li kienet gejja fin-nofs. Qal li kien Paul Demicoli li qallu biex imur fuq is-sit waqt li kien hemm il-Perit Richard Aquilina. Zied jghid li hu ma kienx il-perit ta' Paul Demicoli waqt li hu kien qed jaghmel dan ix-xoghol qabel l-incident, hu gie mqabbad minnu wara.

Illi nhar l-erbatax ta' Dicembru 2005 xehed **Charles Tanti** (fol. 170) fejn qal li hu lavrant u jigi mhallas minn Paul Demicoli b'xoghol fattura. Qal li dakinhar tal-incident hu kien qed jahdem fuq il-post jibni hajt fuq in-naha ta' wara tat-triq, jerfgha u jgorr il-*bricks* flimkien ma John Hili, il-partner tieghu. Qal li hu ilu jaghmel xoghol ta' fattura ghal Paul Demicoli ghal dawk l-ahhar hames snin u fuq is-sit in kwistjoni kienu ilhom li bdew bix-xoghol xi hmistax qabel l-incident. Qal li apparti hu u John Hili, kien mar ukoll fuq

il-post l-imputat Kevin Bonnici presenti fl-awla, u dan kien ghall-habta tad-disgha w nofs ta’ filghodu.

Qal li dan kien ix-xufier tal-gaffa u din l-gaffa giet fuq il-post dakinhar stess. Qal li l-gaffa hija JCB. Spjega li dakinhar kien hemm suletta tal-pedament tal-konkos u kien qed jitkisser it- turbazz taghha fuq in-naha ta’ fejn waqa l-bini. Spjega li x-xoghol beda l-ewwel fuq in-naha ta’ gewwa bil-musmar tal-JCB, imbaghad qatta’ xi bicciet ohrajn, hammel li kien hemm w imbaghad radam il-bicciet li kien qata. Qal li hu kien ra lill-imputat Kevin Bonnici jahdem bejn id-disgha w nofs ta’ filghodu u l-kwara ta’ wara nofsinhar dakinhar. Qal li Paul Demicoli kien mar ghall-habta tal-hdax ta’ filghodu u waqt li kien fuq il-post Paul Demicoli, kien qed isir dan ix-xoghol mill-imputat Kevin Bonnici. Mistoqsi jekk ix-xoghol ta’ tqattiegh kienx tlesta dakinhar wiegeb fl-affermattiv, fil-fatt tal-gaffa kien telaq ghall-habta ta’ nofsinhar jew in-nofs siegha ta’ wara nofsinhar.

Mistoqsi min kien jaghti struzzjonijiet tax-xoghol wiegeb li jew l-imputat Paul Demicoli jew il-Perit Joseph Falzon. Mistoqsi jekk il-perit marx fuq il-post wiegeb li darba kien mar fil-bidu nett u darb’ohra meta kien qed isir ix-xoghol fuq is-suletti fuq il-pilastri tal-konkos li hemm fuq in-naha tal-bini ta’ Hal Mann. Qal li pero dakinhar ta’ l-incident, l-perit ma kienx hemm, kien mar xi gimgha jew xi erbat ijiem qabel. Spjega li l-perit qatt ma kellmu fuq xoghol ta’ tqattiegh. Qal li fil-presenza tieghu, l-perit lanqas ma tkellem fuq tqattiegh ta’ xoghol ma haddiehor. Mistoqsi kemm-il darba kien mar fuq il-post Paul Demicoli wiegeb li fil-bidu kien imur ta’ spiss w anke dakinhar tal-incident kien mar wkoll. Qal li hu kien jirreferi l-problemi li kien ikollu jew lis-sid jew lill-perit. Zied jghid li dakinhar ta’ l-incident hu ma kienx hadem fuq il-hajt in kwistjoni u li l-JCB kien hemm biex jaghmel dik is-suletta biss. Mistoqsi jekk qallux x’kellu jaghmel wiegeb li ma jafx. Qal li Paul Demicoli kien tah risposta biex inaddaf dak il-hajt cioe il-hajt fejn kien hemm is-suletta, fil-fatt kien halla risposta li jekk jigi tal-gaffa kellu jnaddaf dak il-hajt. Qal li hu u siehbu wrew s-suletta lill-imputat Kevin Bonnici, li kien qalilna biha Paul Demicoli, fis-sens li dik kienet is-suletta li

kellha tinqata. Qal li dakinhar hu kien spicca mix-xoghol ghall-habta tas-saghtejn jew is-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar. Qal li dakinhar il-gaffa telqet minn fuq il-post meta spicca x-xoghol Kevin Bonnici. Zied jghid li l-ghodda li kienu juzaw hu u Hili kienu jehduhom maghhom. Meta giet moqrija lilu x-xhieda li kien taha quddiem il-perit Richard Aquilina, li tinsab a fol. 118 et seq tal-process ix-xhud ikkonfermaha fl-intier taghha.

In k**ontr'ezami** qal li hu u John Hili jahdmu flimkien bi shab fil-fattura w ghalhekk kienu jithallsu minghand Paul Demicoli skond kemm jahdmu bir-rata li kienu ftehmu. Ikkonferma li dak il-hin li mar Paul Demicoli fuq is-sit, tkellem ma tal-gaffa direttament u li dan kien diga beda bix-xoghol tal-gaffa bil-musmar qabel ma wasal Paul Demicoli.

Illi nhar l-hamsa ta' Lulju 2007 rega' xehed **Charles Tanti** (fol. 388) fejn qal li fiz-zminijiet ta' dan l-incident, hu kien qed jahdem ma John Hili, li llum huwa mejjet. Qal li kien ilu jafu zmien twil, kienu jahdmu flimkien ghal dawk l-ahhar erbgha w ghoxrin sena qabel ma miet. Qal li hu kien il-lavrant tieghu il-bennej, fis-sens li kien jaqta' bil-bend saw u jerfa' l-*bricks* waqt li siehbu jibni. Qal li meta kienu jaghmlu bicca xoghol flimkien, kien ikun hu li jiehu l-istruzzjonijiet u kienu jahdmu bil-fattura flimkien, jigifieri li kienu jaghmlu bicca xoghol u jithallsu skond il-kejl tax-xoghol li jaghmlu, peress li ma jithallsux tal-materjal. Spjega li f'dan il-kaz wkoll kienu qed jahdmu bil-fattura. Qal li qatt ma kienu haddiema ta' Paul Demicoli, dejjem hadmu ghalih bil-fattura inkluz f'dan il-kaz. Zied jghid li l-perit fuq dan l-izvilupp kien certu Perit Joseph Falzon u fuq is-sit, lill-perit rah darbtejn, darba fil-bidu nett meta mar jiehu xi kejl u darba ohra meta mar jaghtihom struzzjonijiet fuq il-parti t'isfel fuq in-naha ta' Hal Mann biex jaghmlu l-pilastru. Qal li kien jaf li John Hili kellu xi pjanti f'idejh meta bdew jahdmu fis-sens li l-pjanti gew moghtija lilu mill-Perit Falzon. Qal li l-istruzzjonijiet lilhom kienu jigu moghtija jew mill-perit jew minn Paul Demicoli w huma kienu jsegwu l-pjanti. Qal li ma kienu ghadhom m'ghamlu l-ebda xoghol mal-hajt tal-flats in kwistjoni, kienu ghamlu xi xoghol biss fuq il-hajt ta' wara li jmiss ma

Hal Mann. Qal li xi tliet ijiem qabel l-incident, il-perit kien mar fuq il-post u kellem lil John Hili fuq il-pjanti. Qal li l-perit kien qalilhom biex jaghmlu xi pilastri fuq in-naha ta' wara ta' Hal Mann u biex jaghmlu xi pilastri fin-nofs. Qal li fit-thammil tal-genb sa fejn jaf hu, ma ta l-ebda struzzjoni. Qal li tan-nofs kienu bazi kwadri, xi tmienja jew ghaxar piedi kwadri kbar. Qal li l-pilastri kienu jigu f'nofs il-blokka u ma kellhom x'jaqsmu xejn max-xogholijiet li kienu qed isiru mal-hitan ta' appogg ta' St. Francis Flats.

In k**ontr'ezami** qal li qabel l-incident Paul Demicoli kien qalilhom li kellha tigi tal-gaffa w huma kellhom jghidu lil tal-gaffa biex jittrimja s-suletta li kien hemm. Qal li pero dakinhar, meta gie tal-gaffa, hu kien qed itella' l-*bricks* fuq in-naha ta' Hal Mann. Qal li tal-gaffa huwa Kevin Bonnici, l-imputat prezenti fl-awla. Qal li hu kull ma rah, kien dakinhar. Zied jghid li meta mar Kevin Bonnici, huma ghaddewlu r-risposta biex jaqta' s-suletta w hekk kellu jaghmel, jaqta' s-suletta. Qal li dakinhar Paul Demicoli kien mar u ra lil Kevin Bonnici jqatta' mas-suletta u ma waqqfuhx mix-xoghol li kien qed jaghmel, baqa sejjer. Qal li dakinhar Paul Demicoli kien dam bejn ghoxrin minuta u nofs siegha u wara li telaq Paul Demicoli, Kevin Bonnici baqa' jaghmel ix-xoghol jqatta' mas-suletta. Mistoqsi x'tip ta' xoghol kien qed jaghmel Kevin Bonnici, wiegeb li kien qed iqatta' bil-JCB w imbaghad jixkupah bil-*bucket* taghha stess. Qal li kien hemm ftit turbazz taht is-suletta w ittrimjah u fejn ma kienx hemm, m'ittrimjahx. Qal li meta sehh l-incident huma kienu diga telqu minn fuq il-post.

Illi nhar l-hmistax ta' Mejju 2008 **rega' xehed Charles Tanti** (fol. 424) fejn qal li hu jahdem bhala bennej. Qal li dak iz-zmien hu kien jahdem bhala lavrant billi jaqta' l-gebel u jerfa' u kien jahdem ma John Baptist Hili bil-fattura u jithallas minghand Paul Demicoli l-imputat odjern skond kemm jahdem; jitkejjel u jithallas *accordingly*. Qal li meta qal li jahdem bil-fattura, ried ifisser li jaghmel ix-xoghol u jithallas skond ix-xoghol li jaghmel pero x-xoghol kien iqabbdu jaghmlu Paul Demicoli. Qal li hu kien jghid lil John Hili biex jiehu l-istruzzjonijiet ghax hu kien il-bennej. Rega' qal li l-perit inkarigat kien il-Perit Falzon u li dan kien jghidilhom wkoll x'ghandhom jaghmlu. Qal li huma

kellhom jibnu zewg pilastri mal-hajt ta’ Hal Mann u kellhom jaghmlu xi kolonna fin-nofs u li dan jafu peress li l-perit kien qal hekk lil John Hili quddiemu. Dwar x’kellu jsir dwar in-naha opposta ta’ Hal Mann u cioe hajt appogg fejn effettivament waqa’ ix-xhud qal li ma kien jaf xejn x’diskors sar f’dan is-sens. Qal li dakinhar kienu ghadhom m’ ghamlu xejn u lanqas jaf li nghataw xi struzzjonijiet dwar x’kellu jsir. Qal li jaf li kien qallu xi haga fis-sens illi kellu jsir tliet piedi konkos madwar il-hajt. Qal li wara li telaq ghall-gaffa kienu ser ihammlu biz-zappun u kienu ser jaghmlu tliet piedi suletta mal-hajt. Qal li jahseb li pjanti kien hemm pero hu ma kienx jaf bihom. Qal li l-perit kien imur bi pjanta fuq is-sit pero l-iktar li kien jitkellem kien ma John Hili. Qal li l-perit lilu ma qalux kif kellu jimxi, pero John Hili kien jixmi mal-pjanta. Qal li l-pjanta li giet murija lilu mill-avukat difensur mmarkata bhala Dok. JM, qatt ma raha u li dik li hu raha, hija dik bil-pedamenti. Meta gie muri pjanta ohra fejn hemm pilastru, ix-xhud qal li dik hi l-pjanta bil-pilastru raha (Dok. JM 1 a fol. 409). Ikkonferma li ftit granet qabel l-incident, il-perit Falzon kien mar fuq il-post, darbtejn, darba fil-bidu nett u darba xi ftit jiem qabel l-incident. Qal li hu kien ilu jahdem hemmhekk hmistax biss u meta mar tal-gaffa fuq il-post, John Hili kien tkellem mieghu u l-istruzzjonijiet hadhom minghand John Hili. Qal li kien ilu jahdem ma John Hili ‘l fuq minn ghoxrin sena fuq xoghol bhal dan. Qal li dakinhar tal-incident huma kienu qed jaghmlu xoghol fuq il-hajt tal-appogg ma Hal Mann, itellghu xi *bricks* appogg. Qal li kienu ser jibdew ifasslu l-pilastri tan-nofs, ma kienux ghadhom bdew fuq il-hajt li waqa’, pero kienu ser jibdew jaghmlu xoghol fuqu. Qal li qabel ma bdew jaghmlu x-xoghol fuq is-sit in kwistjoni, ma dahlux fl-appartamenti li ggarfu.

Qal li min ghalih, l-perit kejjel hajt sa hajt u ma kienx qed jinkludi is-suletta pero dan fil-fehma tieghu u cioe li s-suletta kellha titlaq, hekk fehem. Qal li huma kienu ser juzaw iz-zappuna sabiex ihammlu u cioe jnehhu t-trab li jibqa’ wara l-gaffa. Qal li thallas tax-xoghol li ghamel minghand Paul Demicoli. Spjega li l-istruzzjonijiet kienu jehduhom minghand Paul Demicoli u minghand il-perit,

pero l-perit lilu ma kienx kellmu ghax kien jiftihem ma John Hili.

Illi nhar s-sitta ta’ Jannar 2009 rega’ xehed **Charles Tanti** (fol. 466) fejn mistoqsi jekk kienx hemm il-hajt li waqa’ armat bil-hadid fil-parti tan-nofs tieghu wiegeb li le, kien ghadu ma sarx. Mistoqsi mill-Qorti jekk is-*shuttering* kienx ordnat, wiegeb li huma kull ma kellhom bzonn kienu zewg tavluni biex jilqghu il-konkos. Mistoqsi jekk jafx lil Mario Pace wiegeb li jafu. Mistoqsi x’inhu x-xoghol tieghu wiegeb li jahdem ma Paul Demicoli jaghmel it-travi. Qal li ma jafx effettivament jekk John Baptist Hili kienx diga ordna *shuttering* jew le u kien John Hili li kien inkarigat biex jordna il-hadid. Qal li l-hadid tal-parti t’ isfel appogg ma Hal Mann, kienu diga ordnawh u tlesta u tpogga. Qal li jista’ jkun li l-hadid kien gie ordnat dak iz-zmien. Qal li dak li gara sebgha snin qabel ma setghax jiftakru llum.
Illi nhar l-erbatax ta’ Dicembru 2005 xehed **PS 614 Saviour Garzia** (fol. 173) w ippresenta l-okkorrenza rigward l-incident li sehh nhar t-tlieta ta’ Gunju 2004 fi Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Bahar bhala Dok. JM (fol. 175).

Illi nhar l-hmistax ta’ Frar 2006 xehed l-**AC Paul Sammut** (fol. 193) fejn meta gie muri stqarrija rilaxxjata minn Paul Demicoli presenti fl-awla nhar it-tlieta ta’ Gunju 2004, ikkonferma li din giet rilaxxjata minnu fil-presenza tieghu dakinhar stess u fil-presenza tal-Ispettur Joseph Mercieca, liema stqarrija tinsab a fol. 121 fl-atti ta’ l-inkjesta. Qal li effettivament hu kien ghamel t-*typing* ta’ din l-istqarrija. Meta gie muri stqarrija ohra rilaxxjata nhar it-tlieta ta’ Gunju 2004 ta’ Paul Magro, l-imputat presenti fl-awla li din tinsab inserita a fol. 156 ta’ l-atti ta’ l-inkjesta, ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu u tas-Supretendent Lawrence Cutajar kif ukoll tal-istess imputat Paul Magro. Ikkonferma li li qabel ma giet rilaxxjata l-istqarrija, l-imputat nghata s-solitu twissija. Meta gie muri t-tielet stqarrija ta’ Kevin Bonnici presenti fl-awla li din ttiehdet nhar it-tlieta ta’ Gunju 2004 ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu u dik tal-Ispettur Joseph Mercieca. Ikkonferma wkoll li qabel ma giet rilaxxjata din l-istqarrija, l-imputat

nghatat s-solitu twissija, liema stqarrija l-imputat Kevin Bonnici m'iffirmax lanqas.

Illi nhar l-hamsa ta' Lulju 2007 rega' xehed l-**Assistant Kummissarju Paul Sammut** (fol. 384) fejn ikkonferma li l-ufficjal investigatur f'dan il-kaz kien l-Ispettur Joseph Mercieca. Meta saritlu referenza ghall-i*sketch* esebit fl-atti a fol 159 Vol I tal-atti tal-process, ix-xhud spjega li dan l-*sketch* sar minn Kevin Bonnici l-imputat prezenti fl-awla. Mistoqsi jekk hux minnu li Paul Demicoli waqt l-istqarrija, rrilaxxja skizz ix-xhud wiegeb li jista jkun pero ma ftakarx. Qal li Paul Demicoli kien qallu li l-perit kien il-Perit Falzon. Qal li hu m' assistix lill-Ispettur Joseph Mercieca waqt li huwa nterroga lill-Perit Falzon. Meta gie muri skizz li hemm esebit a fol. 136 Vol I tal-process, ix-xhud qal li d-*drawing* fuqu huwa tieghu kif kien qallu l-istess Paul Demicoli, fil-fatt il-*handwriting* hija tieghu wkoll.

Mistoqsi jekk huwa kienx hareg ghall-iskizz minn dak li jiftakar tal-pjanta tal-perit Falzon wiegeb li jista jkun, pero ma kienx cert minn dan. Qal li Paul Demicoli kien spjegalu waqt li hu kien qed ipingija, kif kien il-bini qabel ma waqa'. Qal li dak il-hin kollox kien mirdum. Mistoqsi jekk kienx hemm xi rapporti qabel l-incident dwar il-propjeta 'n kwistjoni wiegeb li jekk kien hemm, hu ma kienx jaf bihom.

Illi nhar l-hmistax ta' Frar 2006 xehdet **Marica van Venetien** (fol. 195) fejn qalet li hi toqghod bieb ma bieb mal-bini li ggarraf u cioe Hall Man Court, Flat 1, Triq Ramon Perellos, Street San Pawl il-Bahar. Qalet li dakinhar tal-incident kienet waslet id-dar ghall-habta ta' nofsinhar w ipparkjat quddiem il-blokka. Qalet li dak il-hin kien hemm gaffa taht il-bini u l-bennejja kienu fuq in-naha l-ohra. Qalet li wiehed mill-bennejja kienet tafu u waqfet tkellmu. Ziedet tghid li waqt li kienet Bugibba, waqa bini w ghall-habta tat-tlieta w nofs ta' wara nofsinhar marru n-nies jghidulha. Qalet li fil-blokka 'n kwistjoni kien qed jitnehha tahmil minn taht il-bini li effettivament waqa. Ftakret li kienet xehdet fl-atti tal-inkjesta u meta giet moqrija x-xhieda li hi tat fl-atti tal-inkjesta, li tinsab inserita a fol. 146 tal-inkjesta, hi kkonfermatha fl-intier taghha.

Illi nhar l-hmistax ta' Frar 2006 xehed **Carmelo Cassar** (fol. 197) fejn qal li dakinhar tal-incident hu kien mar jixtri go *ironmongery* go Triq Ramon Perellos w ipparkja l-vettura tieghu quddiem Diving School. Spjega li l-familja tieghu kienet dejjem fil-*construction*, u semgha hoss w ittawwal u ra l-martell li jqatta l-blat u qaghad ftit hemmhekk u ra ragel jaghmel it-tajn u fuq in-naha l-ohra kien qed isir hajt. Qal li wara ftit dabbar rasu u telaq lil hemm. Meta giet moqrija lilu x-xhieda li kien taha fl-atti ta' l-inkjesta li tinsab a fol. 149 ta' l-atti ta' l-inkjesta, ix-xhud ikkonfermaha fl-intier taghha. Zied jghid li kien hemm wiehed iqatta bil-musmar u li lin-nies ma jafhomx u li lanqas ma jaf lil xi hadd li kien qed jahdem hemmhekk.

Illi nhar l-hmistax ta' Frar 2006 xehdet **Anna Maria Pulis** (fol. 199) fejn qalet li hi propjetarja ta' *flat* numru 4, St. Francis, go Triq Ramon Perellos u dan il-flat kienet tuzah flimkien ma bintha bhala residenza u villeggjatura. Qalet li kien ilha ma tmur f'dan il-post xi xahar qabel ma sehh l-incident u dan l-flat ma kellha l-ebda hsara fih. Meta giet moqrija lilha x-xhieda li kienet tat quddiem il-Magistrat tal-ghassa, li tinsab a fol. 128 ta' l-atti tal-inkjesta nhar it-tmienja ta' Gunju 2004, ix-xhud ikkonfermaha fl-intier taghha u ziedet tghid li ma kellha xejn xi tbiddel f'dak li kienet qalet.

Illi nhar l-hmistax ta' Frar 2006 xehed **l-Perit Joseph Cuschieri** (fol. 201) fejn qal li hu kien il-perit inkarigat mill-blokk flats fi Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Bahar, li effetivament waqa'. Qal li dawn il-flats kien ilhom mibnija iktar minn sittax il-sena. Qal li dan ix-xoghol kien beda tiela fl-1987 u spicca f'xi Marzu 1988 u fil-perjodu li kienu konstruwiti dawn il-flats, qatt ma kien gie avvicinat minn xi hadd biex jghidlu li kien hemm xi problemi strutturali.

Spjega li l-flats ma kienux tieghu pero, hu kien biss il-perit inkarigat. Qal li l-flats kienu ta' Tarcisio Galea li kien ukoll il-bennej. Qal li hu qatt ma gie avvicinat minn min kien qed jaghmel ix-xoghol fil-*plot* adjacenti. Meta giet moqrija x-xhieda li kien taha quddiem il-perit tekniku li tinsab a fol.

133 ta' l-atti, nhar id-dsatax ta' Gunju 2004, ix-xhud ikkonfermaha fl-intier taghha.

Mistoqsi jekk Mary Zarb qaltlux li l-katusa kienet ilha tilleakja ghal tmin snin wiegeb li ma jiftakrx, qal li zgur li ma kinitx ilha tmin snin tghidlu pero. Qal li ma jidhirlux li qaltlu kemm kienet ilha tilleakja. Qal li din kienet ilmentat mieghu meta kien sar il-bini hemm gew. Spejga li fuq turbazz tibni jekk taghmel *platform* li tikkonsisti pedament tal-konkos b'*reinforce* li f'dan il-kaz kien xibka. Qal li llum il-gurnata ghaddew iktar minn hmistax il-sena li rriskontrawlu u li kien qed jixhed certu affarijiet mill-memorja. Qal li jaf li ghamlu xibka doppja C503. Qal li fil-fatt kien hemm ukoll xi ghaxar pulzieri ta' konkos mal-art kollha. Zied jghid li f'dan il-kaz zgur li ma kienx hemm bzonn *platform*. Qal li f'din l-istess kostruzzjoni li hemm fl-awkati u ghadu hemm sa llum, fil-fatt hemm nofs il-*building* li ghadu hemm fuq l-istess pedamenti. Qal li kieku ghamel pedament wiesgha kollu taht kien ikun hela ta' flus.

Spjega li dakinhar meta huma ghamlu l-bini 'n kwistjoni, kien bini wahdu, ma kienx hemm appoggi, kien hemm ghelieqi biss. B'referenza ghal ritratt esebit minnu bhala Dok. JC1 fix-xhieda tieghu, liema ritratt jinsab inserit a fol. 194, ix-xhud spjega li f'dan jindika li magenb il-bini 'n kwistjoni ma kien hemm ebda bini iehor.

Mistoqsi meta thammel il-*plot* adjacenti, wiegeb li ghandu idea li kien xi tmin snin qabel. Qal li kien semghaha pero imbaghad beda jahseb u jaf li kienet ilha imhammla sew u l-pedament tal-bini in kwistjoni tellghu dobblu.

Illi nhar l-erbgha ta' Dicembru 2007 rega' xehed **l-Perit Joseph Cuschieri** (fol. 416) fejn ikkonferma fil-fatt li taht il-bini kien hemm *strip footing* ghaliex il-bini kien gholi zewg sulari. Spjega li l-hxuna ta' din l-i*strip footing* kienet approssivament xi filata u cioe madwar 25cm, bejn 60 u 75cm, zewg piedi u zewg piedi u nofs. Ikkonferma li l-*strip footing* in kwistjoni kellha xhuna li tvarja fl-gholi u li kien hemm *average* ta' strip footing. Qal li fil-fehma tieghu, ma kien hemm ebda *retaining wall*, la mill-qatran 'l fuq u

lanqas mill-qatran ‘l isfel ghaliex meta haffer u pogga zewg knaten tad-disgha pulzieri hdejn xulxin, ir-radam sar fuq iz-zewg nahat u b’hekk dan il-hajt kien gie dghajjef maz-zmien peress li kien ilu mikxuf ghal perjodu ta’ xi tmien jew ghaxar snin.  Qal li dan la kien mahsub u m’ghandux ikun mahsub biex ikun *retaining wall* u qatt ma kien it-tip biex iservi ta’ *retaining wall* ghalkemm wara li sar it-thammil magenbu sar ir-*retaining wall*.  Zied jghid li hu qatt ma gie avvicinat mill-Perit Falzon kemm dam mikxuf il-hajt in kwistjoni u fl-ebda stadju tal-bini ma kien gie kkonsultat mill-Perit Falzon pero qal li kien minnu li l-mejta kienet avvicinatu fuq problema li kellha fuq xi *drainage*.
Illi nhar l-hmistax ta’ Frar 2006 xehed l-**Perit Joseph Falzon** (fol. 204) fejn wara li l-Qorti taghtu twissija li jekk hu, b’dak li kien ser jghid setgha jinkrimina ruhu, kellu dritt ma wegibx, pero cioe nonostante, hu ghazel li jixhed.  Qal li l-klient tieghu huwa Paul Demicoli.  Spjega li fis-sena 1991 hu kien issottometta applikazzjoni ghal permess tal-bini fuq is-sit in kwistjoni b’numru tal-file 1900/1992/2838/91.  Qal li l-permess baqa’ jigi mgedded. Spjega li aktar tard kien avvicinah Paul Demicoli xi disgha snin qabel u qallu li kien qed jixtri l-art minghand Louis Vella u fit-tlieta w ghoxrin ta’ Mejju 2001 kien ippresenta applikazzjoni gdida f’isem certu Frank Vassallo li kien impjegat ma Paul Demicoli taħt permess numru PA2796/2001 u dan hareg fl-erbgha ta’ Jannar 2002.

Qal li ta’ min kienet ezatt l-art hu ma kienx jaf pero jaf li kien kellmu Frank Vassallo flimkien ma Paul Demicoli pero l-kuntatt baqa’ ma Paul Demicoli.   Zied jghid li f’Mejju 2004 Paul Demicoli kien infurmah li kien ser jibda bix-xoghol w ghall-habta ta’ nofs Mejju iltqaghu fuq il-post kmieni filghodu fejn f’din il-laqgha kien hemm presenti l-kuntrattur li kien John Hili.  Spjega li qabel ma wasal Paul Demicoli fuq il-post, kienu waslu l-kuntratturi.  Spjega li hu kien ghamel xi spezzjoni tal-appoggi u hadilhom xi ritratti. Zied jghid li meta wasal Paul Demicoli, bdew jiddiskutu l-livelli biex jippjantaw il-*basement*, kellhoma rigla tal-*aluminium* u invell u sabu li t-tahmil kien zewg piedi taht il-livell tal-pjan suppost, liema zewg piedi kienu bizzejjed ghar-rinforz tal-pilastru biex jissahhah w ghalhekk hu kien

tah struzzjonijiet li m'ghandu jsir ebda tahmil iehor ghajr xi tqaxxira hafifa tat-turbazz li hemm. Qal li hu kellu jikkalkula l-bazijiet tal-pilastru u ha mieghu id-dettalji l-ufficcju ghal dettalji strutturali. Zied jghid li fil-fatt ftit granet wara, taha d-dettalji strutturali lil certu Ganni Hili. Qal li dakinhar li kienu qed jiccekkjaw il-livelli, hin minnhom marret Mary Zarb tkellem lilu u lil Paul Demicoli dwar katusa li kienet qed tilleakja u kien ftiehem maghha li Paul Demicoli kien ser jiehu l-inkarigu biex jirrangaha. Qal li dakinhar biss kien kellem lil Mary Zarb.

Spjega li l-ewwel darba li kien mar fuq il-post meta tkellem ma Hili u Tanti, kienu ghamlu l-*bricks* fuq l-appogg tal-lemin sabiex ikunu jistghu jibnu il-pilastru. Qal li n-naha ta' Hal Mann kien hemm diga *platform* tal-konkos tahthom. Zied jghid li lil dawn il-haddiema kien qalilhom biex ma jiddisturbawx il-*platform* li kien hemm u hu kien ra li kollox kien miexi sew u qabel ma telaq kien qal lil dawn iz-zewg bennejja biex jahdmu fuq dik in-naha u li kellu jmur darb'ohra biex jipjegalhom x'kellu jsir fuq l-appogg tan-naha l-ohra.

Ix-xhud esebixxa ritratt li juri l-appogg tan-naha tal-hajt li effettivament il-bini waqa li gie mmarkat bhala Dok. 'Z'.

Il-Qorti rat li fil-parti ta' isfel ta' dan il-hajt, hemm speci ta' cint u x-xhud spjega li hu kien indika lil dawk iz-zewg haddiema dik il-gurnata sabiex dan ic-cint ma jmissuhx. Qal li dan il-kuntatt li hu kellu mal-haddiema kien it-Tnejn u l-incident in kwistjoni sar il-Hamis ta' wara. Ikkonferma li mit-Tnejn sal-Hamis ta' dik il-gimgha hu ma kienx rega' mar fuq il-post. Zied jghid li hu qatt ma kien gie mgharraf mill-haddiema li effettivament kienu bdew bix-xoghol ta' din in-naha fejn hawn ic-cint u li zgur li ma kienx jaf li l-bennejja kienu ser juzaw il-musmar biex jibdew jaqtghu it-turbazz li kien hemm fejn hemm ic-cint indikat fir-ritratt Dok. 'Z', liema ritratt in kwistjoni hu stess kien gibdu f'dawk il-granet.

Qal li sakemm sehh l-incident, il-bennejja fl-ebda hin m'infurmawh li kellhom bzonn xi attenzjoni partikolari minghandu u sar jaf bl-incident ghax cemplulu. Qal li hu

kien mar fuq il-post ghall-habta tat-tmienja w nofs ta' filghaxija u naturalment intebah bl-istragi li kien hemm. Qal li hu kien gharraf lill-bennejja li kienu hemm biss dakinhar biex ma jmissux dak ic-cint li kien hemm.

Qal li qabel dan l-inkontru li kellhom jum it-Tnejn hu kien qal lil Paul Demicoli li kien mar fuq il-post fl-okkazzjoni l-ohra li semma iktar kmieni flimkien maz-zewg bennejja u qalilhom li dak il-hajt in kwistjoni ma kellhomx imissuh. Spjega li lil imputat Paul Magro sar jafu sitt xhur wara l-incident in kwistjoni w ghalhekk huwa minnu li Paul Magro ma kellu x'jaqsam xejn mas-sit in kwistjoni. Ix-xhud ikkonferma x-xhieda li kien taha quddiem il-Magistrat Inkwerenti li tinsab a fol. 122 et seq ta' l-atti tal-inkjesta fl-intier taghha u esebixxa n-notamenti li kien ghamel referenza ghalihom waqt li kien qed jixhed quddiem il-Qorti, bhala Dok. 'Z 1'. Spjega li dawn in-notamenti hu kien ghamilhom meta gara l-kaz sabiex jiftakar dak kien qed jaghmel wara li jghaddi z-zmien.
Illi nhar d-disgha w ghoxrin t'Ottubru 2007 rega' xehed **l-Perit Joseph Falzon** (fol. 398) fejn qal li hu gieli hadem bhala perit tal-imputat Paul Demicoli prezenti fl-awla, fil-fatt l-ewwel hu kien ghamel applikazzjoni fuq isem haddiehor pero sussegwentement sar jaf li Paul Demicoli kien is-sid tal-*plot* fejn kien qed isir l-iskavar.

Qal li ghall-ewwel kien applika fuq certu Frank Vassallo mal-MEPA li joqghod Triq Dun Mikiel Xerri, Attard. Qal li vis a vis l-MEPA, il-kuntrattur ta' dan is-sit kien Frank Vassallo. Zied jghid li barra dan kien, hemm ukoll applikazzjoni ohra f'isem Louis Vella li kien is-sid precedenti. Ikkonferma li darba minnhom kien hemm bennej maghruf bl-isem ta' Battist, illum mejjet, li kien mar jigbor xi pjanti minghandu u hu kien tah dettalji tal-pilastri tan-nofs u *reinforcement* u sussegwentement kien hareg pjanta li hija esebita wkoll. Ix-xhud esebixxa kopja tad-disinn kif wkoll pjanta tal-pilastri bhala Dok. JM u JM 1. Spjega li hu kiena applika f'isem Louis Vella fis-sena 1991 w effettivament kien anke taha fil-Qorti fix-xhieda tieghu precedenti in-numru tal-*files* fejn kien applika.

Ikkonferma li dak iz-zmien tal-applikazzjoni, is-sit in kwistjoni kienet ghalqa u magenbha kien hemm il-blokk li effettivament waqa' u l-ewwel skavar kien sar snin qabel m'effettivament sehh l-incident. Ftakar li Louis Vella kien xtaq ibiegh din il-*plot* lil Paul Demicoli pero kien ghaddej minn separazzjoni minn mal-mara w ghalhekk ma setghax ibiegh w ghalhekk din il-*plot* ghamlet zmien mhix mibnija. Ikkonferma li ma kien sar l-ebda *pre-condition report* tal-blokk li waqa' qabel ma beda l-iskavar u li qatt ma sar xi *condition report* tal-blokka li waqghet, anke wara li sar l-iskavar u s-sit baqa' ma nbeniex ghaliex hu ma kienx jaf ezattament x'tip ta' zvilupp kien ser isir, fil-fehma tieghu pero kien ghadu kmieni wisq. Qal li f'dawk l-akwati hu bena xi ghoxrin *plot*.
Spjega li hemmhekk il-blat ivarja, parti minnu huwa turbazz u parti minnu iktar sod, pero fl-*area* 'n kwistjoni kien turbazz. Qal li setgha kien li l-blokk li waqa kien fuq turbazz artab. Qal li l-perit li jkun hadem f'dak il-blokk ezattament ikun jaf x'tip ta' art kien hemm. Qal li lilu ma dehrlux li kellu jiccekkja fuq il-blokka adjacenti peress li kien ghadu kmieni wisq fil-fehma tieghu. Qal li kien sar skavar sakemm sar il-blokk ta' Hal Mann, sa hames filati inqas mit-triq, liema skavar pero kien diga lest u kien ilu lest ghal zmien konsiderevoli.

Qal li fis-sena 1991 kienet saret pjanta u sussegwentement hu kien mar fuq il-post fis-sena 2004 u Paul Demicoli kien qallu li xtaq jibni dak is-sit u hu kien qallu biex ma jaghmilx iktar skavar fuq dak il-post. Qal li meta hu ra l-hajt tal-appogg u ra li kien skavat mhux hazin, mmagina li kien nizel iktar milli kien originarjament, w hu kien iltaqa ma Pawlu Demicoli u mal-bennejja u qalilhom specifikament biex ma jmissux dak il-hajt u effettivament kien ha anke ritratti tal-hajt kif kien biex jara x'setgha jaghmel biex jirfed dan il-hajt.

Qal li sussegwentement kien taha dettalji tal-pilasti tan-nofs biex hu jkun jista jissapportja l-istess hajt u zied jghid li l-pjanta li esebixxa bhala Dok. JM 1 tindika l-pilastri tan-nofs filwaqt li l-pjanta Dok. JM, hija pjanta tal-pedament w hija ndikazzjoni kif kellhom jimxu l-haddiema. Qal li meta tapplika l-MEPA tkun ghadek kaxxa maghluqa. Qal li l-

pjanta Dok. JM 1 inghatat lill-haddiema sabiex ikollhom qisien ta’ fejn kienu gejjin il-pilastri tan-nofs. Qal li meta inti ghandek pjanti tal-*plot*, turi l-*plot* kollu. Spjega li skond il-pjanta Dok. JM ma hemm l-ebda ndikazzjoni x’kellu jsir il-hajt tal-appogg li effettivament waqa’ u li l-pilastri huma ndikati. Qal li mhux normali li huma fuq il-pjanta li japplikaw biha, jindikaw id-distanzi li ser izommu mill-binja adjacenti.
Qal li fil-pjanta tindika il-kobor tal- *first floor* dak li hemm fuq il-*ground floor* u dan b’referenza ghall-wisa’ tal-*plot*. Qal li meta waqa’ l-hajt, l-haddiema kienu diga hadmu fuq il-parti ta’ quddiem u ta’ wara tal-*plot*. Qal li huma ghamlu l-parti ta’ wara ghaliex ma kien gej l-ebda *loading* ta’ xejn u l-parti ta’quddiem biex tipprotegi it-triq. Ikkonferma li dawn huma l-istruzzjonijiet li hu kien taha lill-haddiema ghalkemm ma kien taha l-ebda struzzjonijiet kif kellu jsir ix-xoghol mal-hajt tal-appogg lil hadd, lanqas lil Battist, fil-fatt huma ma kienux ser jibdew fuq il-hajt tal-appogg, kellhom jibdew l-ewwel fuq il-pilastri. Cahad li hu taha xi struzzjonijiet li kellu jsir xi xoghol mal-hajt tal-appogg. Qal li hu qatt ma kellu x’ilment minn xi nies li kienu adjacenti ghall-*plot* meta ma kinitx mibnija hlief mill-mara li llum mejta, li kienet qaltlu fuq katusa li kienet inqasmitilha. Qal li hu dakinhar stess kien kellem lil bennej ta’ Pawlu Demicoli biex jirrangaha u din ghaliex din kienet qed taghmel hafna hsara ghaliex id-drenagg li seta’ joskula l-materjal kien jaghmel iktar hsara.

Qal li l-hajt tal-appogg kien mibni fuq *strip footing* dobblu u fuq il-hajt kien hemm planki u taht il-hajt ma kienx hemm suletta. Qal li l-hajt kien dobblu sa mal-livell tat-triq biex jilqa il-materjal, w imbaghad baqghu telghin bis-singlu. Qal li l-hajt dobblu ma bnihx hu pero dan kellu jilqa’ l-materjal li ntefa’. Qal li pero hu ma kienx jaf jekk kienx ir-*retaining wall*. Qal li ma kienx jaf jekk kienx skavat jew jekk inbeniex wara. Qal li kieku l-istruzzjonijiet li hu ta zammewhom, ma kien jigri xejn. Qal li sa dakinhar ma kien hemm l-ebda konsenturi. Zied jghid li hu kien ha ritratti tal-hajt tal-appogg u dan minn gewwa l-*plot* in kwistjoni u ha wkoll xi ritratti ohrajn mill-garaxx biex jara jekk kienx hemm konsenturi jew le. Qal li l-*footing* ta’ taht kienet tvarja b’referenza ghall-hxuna taghha u dan jidher

fir-ritratt esebit. Qal li hu ma setghax jghid kemm suppost kellha hxuna l-*strip footing* in kwistjoni ghaliex ma kienx hu li bnih.

In **kontr'ezami jghid** li huwa minnu li hu kien kellem lis-sid, il-kuntrattur u l-bennej. Ikkonferma pero li lil Paul Magro qatt ma kellmu u lanqas kien jaf min hu, fil-fatt la huwa l-kuntrattur, la huwa wiehed mill-benneja u lanqas huwa s-sid. Mistoqsi ghaliex ha r-ritratti tal-hajt li waqa' wiegeb li dan ghamlu sabiex jistabbilixxi ezattament l-istat ta' dan il-hajt kif kien u dan biex ikun jaf x'jista jaghmel, jekk setghax jirfdu, jekk ridtx jaghmel qoxra mieghu jew jekk setghax jibni mieghu w affarijiet bhal dawn. Qal li dwar dan l-istat ta' fatt hu kien tkellem mal-bennejja li kienu certu Battist u certu Charles Tanti u kien qalilhom li l-ewwel kellhom isiru l-pilastri u sussegwentement kien qalilhom x'kellhom jaghmlu. Qal li lil Paul Demicoli kien qallu xi gimgha qabel sabiex fuq il-hajt tal-appogg ma jaghmlu xejn u dan ghaliex fil-fatt il-hajt ma kienx qed joghgbu. Zied jghid li spezzjonijiet kien jaghmel fuq il-post. Qal li effettivament xi tliet ijiem jew erba qabel ma sar l-incident kienu qed jahdmu fuq il-hajt ta' Hal Mann u kienu qed jaghmlu pilastri fuq dik in-naha u dakinhar stess ukoll kien qalilhom biex ma jmissux il-hajt li effettivament waqa'. Qal li effettivament, meta qalilhom dan il-kliem, kienu ghadhom ma bdewx jahdmu fuq il-hajt li kien waqa'.

Qal li dakinhar kienu qed jahdmu l-haddiema, meta mar hu, mal-hajt tal-*plot* li kien qed jifforma qoxra mal-appogg ta' fejn bena Hal Mann li effettivament jismu Hal Mann Court u hu kien mar biex jivverifika. Qal li hu jmur fuq il-post darba kull tlieta jew erbat ijiem. Qal li meta lill-haddiema qalilhom biex ma jmissux il-hajt, huma ma qalulu xejn w ghalhekk u fehem li kienu accettaw dak li kien qalilhom. Qal li l-pilastri kienu ghadhom ma bdewx jigu pjantati ghalkemm id-dettalji taghhom kien diga ghaddihom lill-haddiema. Qal li hu kien tahom pjanta kif kellhom isiru l-pilastri ghal ma dak il-hajt, u cioe dawk murija fid-Dok. JM1. Qal li l-pilastri li kien tahom pjanta taghhom, li kienu f'nofs il-*plot*, mhux ghal mal-hajt. Qal li struzzjonijiet dwar x'tip ta' xoghol kellu jsir mal-hajt tal-appogg, ma kienx ghadu tahom, infatti kien ghadu qed

jistabbilixxi x’tip ta’ xoghol kellu jsir ma dak il-hajt. Qal li l-unika struzzjonijiet li ta dwar dak il-hajt, kien sabiex ma jmissuhx.

In ri ezami, mistoqsi ghaliex hu ma kellux pjanti jew kif kellu jsir ix-xoghol mal-hajt tal-appogg wiegeb li ma dehrlux li kien necessarju f’dak l-istadju w in oltre zied jghid dak ma jaghmlux f’hakka t’ghajn. Cahad dak li gie allegat lilu mid-difiza ta’ Paul Demicoli li effettivament kellu pjan li jinbena hajt laxk mieghu. Qal li l-hajt tal-appogg ma ghogbux ghaliex kien hemm skavar zejjed u l-iskavar kien resaq iktar mal-hajt u kixef iktar *cushion*.

Illi nhar l-ghaxra t’April 2006 xehdet **l-Ispettur Marisa Camilleri** (fol. 219) fejn qalet li fit-tlieta ta’ Gunju kienu dahlu hafna telefonati fuq il-linja tal-emergenza 112 rigward xi bini li kien waqa fi Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Bahar w infurmaw lil tas-Civil Protection u lil Enemalta u lil ambulanzi dwar dan. Qalet li wara xi hin kien dahal rapport li kien waqa’ xi bini u minn investigazzjonijiet preliminari li saru rrizulta li kien hemm zewg persuni neqsin. Qalet li l-ghada kienet giet infurmata li l-kadavri taz-zewg persuni kienu nstabu.

Illi nhar l-ghaxra t’April 2006 xehed **Joseph Meli** (fol. 221) fejn ftakar li fiz-zmien tal-incident hu kien ghadu jghix San Pawl il-Bahar u cioe fl-indirizz Kristu Re Apartments, Flat 2, Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Bahar. Qal li x’hin kien qed jara t-*television* sema’ hoss u fil-fatt haseb li fl-appartament ta’ fuq kienu qed imexxu xi ghamara pero sussegwentement sema’ xi *fire engines* u xi ambulanzi w innota li setghet kienet xi haga fil-vicin. Qal li ghalhekk kien hareg fil-gallerija u ra dahna n-naha ta’ fejn waqa’ l-bini.

Qal li pero dakinhar, ghall-habta tal-ghaxra w nofs ta’ filghodu waqt li hu kien sejjer jixtri l-gazzetti, nnota li kien qed isir xoghol ta’ skavar fuq is-sit in kwistjoni. Qal li precizament x’kien ra dakinhar, kien nesa pero ftakar li hu kien xehed fl-atti ta’ l-inkjesta. Ftakar pero li kien ra makkinarju speci ta’ musmar qed jaqta l-blat fuq ix-xellug tas-sit ghalkemm ma kienx cert f’liema parti, jekk kienx

lejn it-triq jew in-naha ta' gewwa. Qal li s-sit li ghamel referenza ghaliha, hija dik li kienet taht kostruzzjoni. Qal li dak li kien qal fl-atti ta' l-inkjesta kien iktar ezatt ghax kien iktar vicin l-incident. Meta giet moqrija lilu x-xhieda li kien taha fl-atti ta' l-inkjesta, li tinsab a fol. 153 fl-atti ta' l-inkjesta, (Vol 2) ix-xhud ikkonfermha fl-intier taghha.

Illi nhar l-ghaxra t'April 2006 xehed **Tarcisio Galea** (fol. 223) fejn qal li originarjament hu kellu tlett bicciet art f'San Pawl il-Bahar u kien bena zewg *plots* minnhom li huma l-istess *plots* li waqghu. Ix-xhud ma ftakarx pero kemm ilu li kien bena dawn il-flats, ghalkemm qal li kien semma xi zmien meta xehed fl-inkjesta. Qal li hadd qatt ma kellmu dwar problemi fuq dan il-bini li kien bena. Meta giet moqrija lilu x-xhieda li kien taha fl-atti tal-inkjesta, li tinsab a fol. 152 ix-xhud ikkonfermha fl-intier taghha.

Illi nhar l-ghaxra t'April 2006 xehed **Mark Aquilina** (fol. 225) fejn qal li hu ghandu garaxx faccata tal-post li waqa' gewwa Triq Ramon Perellos f'San Pawl il-Bahar, liema garaxx m'ghandux isem pero jinsab sovrastanti ghall-blokk appartamenti li huwa adjacenti ghall-fond li waqa'. Ftakar li xi zmien ilu kienu cemplulu l-pulizija u qalulu li kien waqa' l-post u mar jaghmel l-verifiki tieghu b'mod partikolari biex jara xi hsarat kellu hu. Meta giet moqrija x-xhieda li kien taha fl-atti ta' l-inkjesta, li tinsab a fol. 130, ix-xhud ikkonfermaha fl-intier taghha.

Illi nhar l-ghaxra t'April 2006 xehed **Kenneth Micallef** (fol. 227) fejn qal li hu jahdem bhala *draughtsman* mal-Perit Joseph Falzon. Mistoqsi x'konnessjoni kellu mal-fond li waqa' wiegeb li jiftakar li xi hmistax qabel l-incident hu kien akkumpanja lill-Perit Falzon u kienu ltqaghu mal-bennejja fuq il-post filghodu u kienu hadu xi livelli kif kienet it-triq mal-lant, kif kienet imhammla, u dan bi nvell u b'rigla ta' l-*aluminium*. Ftakar li ftit wara kien mar Paul Demicoli l-imputat odjern u kienu stabbilew flimkien l-gholi tat-tahmil li kien hemm lest f'dan il-plot u fil-fatt kienu stabbilew li kien hemm ftit iktar milli kellhom bzonn bhala tahmil. Qal li l-bennejja li kien hemm maghhom kienu certu Vanni Hili u Charles Tanti. Ftakar li kienu taw xi struzzjonijiet li kien hemm xi tahmil mitluq li kellu jitnehha

u kellhom jinbnew xi bazijiet fin-nofs tal-*plot* xi tlett filati u dan sabiex jintlew bil-konkos u sabiex jkunu l-*basis* tal-kolonni li kellhom jinbnew f'nofs dan is-sit. Mistoqsi fejn kellu jsir dan it-tindif wiegeb li kien materjal artab ma kienx skavat, kien kwistjoni ta' xoghol bl-idejn. Spjega li fejn kellu jsir bazi f'dan il-*plot*, kellu jithammel il-ftit trab li kien hemm. Qal li hu pero, struzzjonijiet ma ta xejn lil hadd. Spjega li fin-naha t'isfel tal-*plot* fejn kien hemm il-bini ta' Hal Mann, ma kellu jsir ebda xoghol ghax diga kien hemm il-*platform* lesta. Qal li fuq in-naha l-ohra, fil-presenza tieghu, ma kienu ftehmu xejn.

Illi nhar l-hmistax ta' Mejju 2008 **rega' xehed Kenneth Micallef** (fol. 427) fejn qal li hu kien jahdem bhala *draughtsman* mal-Perit Falzon u kien ilu jahdem dan ix-xoghol mal-perit minn 1993. Qal li l-pjanti relevanti ghal dan il-fatt saru qabel ma hu kien beda jahdem mal-Perit Falzon. Spjega li xi tliet gimghat qabel l-accident hu kien mar fuq is-sit flimkien mal-Perit peress li kienu fl-ahhar nett ser jibdew ix-xoghol w ghalhekk kienu marru fit-triq biex jaraw il-livell tat-triq u l-qisien, pero l-ghalqa kienet diga mhammla. Qal li kien lahaq tah pjanta tal-pilastru li kellu jsir fin-nofs kif wkoll il-bazi taghha.

Ftakar li kien hemm ukoll Paul Demicoli u zewg bennejja fuq il-post meta mar mal-perit u l-bennejja kienu Hili u Tanti. Qal li bennej minnhom beda jghinu jiehu l-livelli tal-post u l-Perit beda jitkellem mal-bennej l-iehor u ma Paul Demicoli li kien hemm dakinhar pero jekk kienx hemm bhala sid jew kuntrattur ma kienx jaf, pero mieghu tkellmu. Qal li l-permess tal-post kien jghajjat lil xi persuna ohra.

Spjega li fuq il-pjanta li hemm a fol. 409, li hija pjanta tal-pilastru u tal-bazi tieghu, kien hu li pinga din il-pjanta pero x'sar minnha mbaghad ma kienx jaf wara li pingiha. Qal li fil-fatt il-pjanta kienet saret wara li marru fuq is-sit, kien pingiha w ghaddieha lill-perit. Ikkonferma li din il-pjanta hija l-istess pjanta bhall-ohra, fis-sens li mahruga fl-istess data minnu biex turi fejn kellhom isiru l-pilastri (Dok. JM).

Qal li dawn ghandhom l-istess wisa' ta' tnax il-metru. Qal li fejn kien ser jitqieghed il-konkos u sussegwentement

jitpoggew il-pilastri u jintefa' tliet piedi konkos, madwarhom kellu jitnaddaf qabel mhux bilfors biex jitilghu l-pilastri tan-nofs, iridu jitrangaw u jitnaddfu l-appoggi dawramejt. Qal li hu ma dahal fl-ebda binja li ggarfet qabel ma bdew ix-xogholijiet fuq is-sit u sa fejn jaf hu, lanqas il-perit ma dahal. Qal li kien jaf li s-sit in kwistjoni kien ilu mikxuf tmien snin. Qal li hu jimxi biss fuq l-istruzzjoni li jaghtih l-perit u f'dan il-kaz l-istruzzjoni tal-perit kienet biss li jaghmel pjanta dwar dan il-pilastru. Qal li kif kienu ser jigu mfassla l-pedamenti, ma qalu xejn u m'ghamel xejn.

Qal li hu jaf li l-area ta' San Pawl il-Bahar hija tafli u turbazz. Spjega li hu mexa w ghamel din il-pjanta biss fuq dak li qallu l-perit fis-sens li huwa tah *sketch* u hu ghamel forma ta' pjanta. Qal li hu ma jidholx fil-kwistjoni x'tip ta' materjal hemm jew le, ghax mhux kompitu tieghu.

Illi nhar d-dsatax ta' Mejju 2009 **rega' xehed in kontre'ezami Kenneth Micallef** (fol. 493) fejn qal li l-pjanta li hemm inserita fl-atti a fol., 408A giet impingija minnu fuq struzzjonijiet moghtija lilu mill-Perit Joseph Falzon. Ikkonferma li l-Perit Falzon kien il-perit fuq is-sit minn qabel ma effettivament il-propjeta giet assenjata lil Paul Demicoli. Qal li hu m'ghamel l-ebda spezzjoni fil-propjeta ta' magenb is-sit li kienet ser tigi kostruita w ghamel biss dak li qallu l-perit u cioe ghamel l-pjanta li effettivament hija esebita. Qal li dik kienet l-unika struzzjoni li nghata mill-perit, u cioe sabiex jaghmel il-bazi tal-pilastru li kellu jigi f'nofs is-sit u jiehu wkoll il-kejl relattiv kif wkoll id-dettalji tal-materjal li kien ser jintuza fil-pilastru tan-nofs.

Illi nhar l-erbatax ta' Gunju 2006 xehed **PS 1261 Charles Pace** (fol. 244) fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu esibita fl-inkjesta (Vol. II A).

Illi nhar l-erbatax ta' Gunju 2006 xehdet **Dottor Stephanie Pappalardo** (fol. 246) fejn ikkonfermat li hi tokkupa l-kariga ta' Registratur tal-Artijiet w esibiet certifikat ta' titolu mahrug mir-Registru tal-Artijiet dwar l-appartament numru 1, St. Francis Flats, Triq Ramon Perellos, San Pawl il-

Bahar, bhala Dok. ZP (fol. 248). Esibiet wkoll d-Dok. ZP 1 li hu certifikat ta' titolu mahrug wkoll mill-istess ufficcju dwar blokk bini f'St. Francis Flats, Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Bahar (fol. 252).

Illi nhar s-sebgha t'Awwissu 2006 regghet xehdet **Dottor Stephanie Pappalardo** (fol. 244) fejn qalet li originarjament l-plots 9 u 10 kienu jappartjenu lil Joint Office u sussegwentement gew mibjugha lil Paul Demicoli w imbaghad dan biehhom lil Veduta Estates Limited. Qalet li l-kuntratt relattiv sar fit-tmienja w ghoxrin ta' Dicembru 2004. Qalet li l-Joint Office kien biegh din l-art lil Paul Demicoli fis-sebgha w ghoxrin ta' Dicembru 2004.

Illi nhar l-erbatax ta' Gunju 2006 xehed **Agostino Muscat** (fol. 255) fejn qal li hu jahdem bhala ufficjal tekniku mal-Gvern ta' Malta u jaghmel xoghol *part time* bhala *quantity surveyor*. Qal li hu qatt ma mar jaghmel xi kejl tal-propjeta in kwistjoni fejn waqa' l-bini qabel sehh l-incident in kwistjoni. Meta giet moqrija lilu x-xhieda li kien taha fl-atti ta' l-inkjesta li tinsab a fol. 153, x-xhud qal li effettivament ir-ritratti li hemm imsemmija kien hadhom hu wara li kien waqa l-bini fuq struzzjonijiet moghtija lilu minn Paul Demicoli.

Illi nhar s-sebgha t'Awwissu 2006 xehed **Brian Farrugia** (fol. 274) fejn ghan-nom u in rapresentanza tad-Direttur tal-Licenzji, kien gie mitlub sabiex jaghmel ricerka fuq erbgha vetturi b'mod partikolari, l-ewwel wahda JDS 534 li hija ta' l-ghamla Toyota Yaris li bejn t-tlieta w ghoxrin ta' Novembru 2002 u l-hamsa ta' Novembru 2004 din il-karozza kienet tappartjeni lil Nadezda Vavilova, detentrici ta' passaport numru 1978158. Qal li gie wkoll mitlub jaghmel ricerka fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBE. 265 li hija vettura tal-ghamla Ford Transit u dan bejn il-hmistax ta' Mejju 1999 u dakinhar li xehed, din il-vettura kienet registrata f'isem Lawrence Spagnol, detentur tal-karta tal-identita numru 352257M. Qal li din effettivament giet skrappjata fit-tletin ta' Gunju 2004. Ghar-rigward t-tielet vettura li ghandha numru tar-registrazzjoni IAO 462 u hija tal-ghamla Peugeot 405 ix-xhud qal li din hija registrata f'isem Rita Spagnol detentrici tal-karta tal-

identita numru 27760M u din l-vettura wkoll giet skrappjata fit-tletin ta' Gunju 2004. Fir-rigward l-ahhar vettura li ghandha n-numru tar-registrazzjoni EBD 929, ix-xhud qal li din hija registrata f'isem Asfaltar Limited u hija vettura tal-ghamla JCB u ilha hekk registrata f'isem din il-kumpanija mit-tlieta w ghoxrin t'April 2002.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Novembru 2006 xehed **Rosario Galea** (fol. 299) fejn qal li hu jahdem bhala Assistent Direttur tal-Ufficju Kongunt. Qal li hu gie mitluba sabiex jaghmel ricerka rigward bicca art fi Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Bahar. Qal li l-Joint Office kellu plot numru disgha w ghaxra fl-istess triq li fis-sebgha w ghoxrin ta' Dicembru 2002 bieghhom lil Paul Demicoli. Ix-xhud esebixxa kopja tal-kuntratt relattiv flimkien mal-pjanta tal-post li gew immarkati bhala Dok. Z. Qal li qabel din id-data u cioe fis-sebgha w ghoxrin ta' Dicembru 2004, il-propjeta 'n kwistjoni kienet tal-Joint Office u kienet amministrata minnha. Qal li qabel il-propjeta in kwistjoni kienet diga ghand Paul Demicoli pero b'titolu ta' cens u fis-sebgha w ghoxrin ta' Dicembru sar il-fidi tac-cens in kwistjoni.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Novembru 2006 xehed **Noel Cachia** (fol. 307) fejn qal li hu jahdem fid-Dipartiment tal-Occupational Health and Safety Authority. Ftakar li xi zmien ilu kienu gew infurmati li kien waqa' xi bini f'San Pawl il-Bahar, fit-tlieta ta' Gunju 2004 u li aktarx kien hemm xi nies mirduma. Qal li mmedjatament, David Saliba, Charlie Micallef u hu marru fuq il-post in kwistjoni fejn sabu lis-Civil Protection Department kienu diga fl-apparat tat-tindif. Qal li kien ikkonsulta mal-Perit Richard Aquilina li kien gie nominat fl-inkjesta u kien qieghed fil-post u l-Perit Censu Galea li wkoll kienu hemmhekk fejn gew identifikati strutturi perikoluzi.
Ikkonferma li d-dipartiment tal-Health and Safety ma kienx gie infurmat bix-xoghol li kien qed isir qabel ma effettivament inbeda x-xoghol. Qal li konsegwentement ma kienxx hu li beda l-investigazzjoni odjerna. Qal li hu kien jahdem fis-sezzjoni tal-kostruzzjoni ma l-OHSA. Qal li l-*risk assessment* li ghandha tigi notifikata lid-dipartiment kellha ssir mis-sit, xahar qabel ma beda l-progett. Spjega

li l-evalwazzjoni tar-riskju ssir mill-kuntrattur u f'dan il-kaz ma sarx.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Novembru 2006 xehed **David Saliba** (fol. 309) fejn qal li l-Awtorita tas-Sahha u s-Sigurta fuq il-post tax-xoghol giet infurmata fit-tlieta ta' Gunju 2004 dwar incident li kien sehh gewwa Triq Perellos gewwa San Pawl il-Bahar fejn bini kien kkollassa u kien gie allegat li xi persuni kienu ghadhom mirduma fil-post. Qal li huma gew infurmati wkoll li adjacenti ma dan il-post li waqa, kienu qed jsiru xi xogholijiet w ghalhekk l-Awtorita hadet konjizzjoni ta' dan ir-rapport, u hu, flimkien ma xi ifficcjali ohra, fosthom Charles Micallef u Noel Cachia kienu accedew immedjatament fuq il-post u sussegwentement osservaw li xejn iktar ma setghu jaghmlu f'dak l-istadju, salv li josservaq dak li kien qed jigri.

Qal li flimkien mal-espert tal-Qorti, il-Perit Richard Aquilina, kienu taw xi direzzjonijiet kif ghandhom isiru xi xogholijiet, ghaliex il-haddiema li kienu qed jahdmu hemmhekk, kienu qed jahdmu b'mod li seta' kien ta' periklu taghhom stess u fil-fatt sussegwentement, wara li kien sar pjan flimkien ma CPD taht id-direzzjoni tal-Perit Aquilina, instabu xi kadavri w attwalment inhargu minn hemmhekk.

Qal li dan il-process sakemm inhargu l-kadavri, dam sas-sieghat bikrin ta' filghodu, sa xit-tlieta w nofs jew le-erbgha ta' filghodu. Qal li hu baqa' hemmhekk fuq il-post tul dan il-hin kollu u kien sar ftehim wkoll li jigi traccjat il-sit tal-post adjacenti tal-bini li waqa u kif wkoll gie traccjat permezz tal-pulizija. Gie deciz ukoll li ghandu jigi traccjat l-Perit li kien inkarigat minn dan l-izvilupp u sussegwentement wkoll il-kuntrattur u l-haddiema li hadmu fis-sit.

Qal li hu kien talab il-permess tal-Magistrat Inkwerenti l-Magistrat Joseph Cassar sabiex raprezentant taghhom u cioe hu stess ikun prezenti waqt is-smiegh tax-xhieda rigwardanti dan il-kaz u sussegwentement permezz tas-Supretendent Lawrence Cutajar kif wkoll l-Assistant

Kummissarju Paul Sammut, kien prezenti ghal xi whud mit-tehid tal-istqarrijiet. Ikkonferma dak li diga ntqal u diga hemm miktub fil-process, w ghalhekk ma kellux ghalfejn joqghod jelabora fuq dak li ntqal ghaliex il-persuni hemm hekk diga xehdu viva voce, pero jirrizulta li l-perit li kien inkarigat minn dawn ix-xogholijiet, qatt ma ta' certu struzzjonijiet biex isiru certu xogholijiet.
Qal li dakinhar meta kkollassa l-bini, saru xogholijiet li ma kellhomx jsiru u sussegwentement il-bini ceda ghaliex saru dawn ix-xogholijiet. Qal li hu kien taha struzzjonijiet biex jaraw jekk l-Awtorita kientix notifikata skond il-Legal Notice 281 tat-2004 li ser jsir zvilupp fuq dak is-sit, jekk kellhomx *risk assessment* biex jaraw xi proceduri setghu ttiehdu biex jkun hemm xi zvilupp. Sussegwentement, zied jghid x-xhud, hu kien gie nfurmat f'gurnata partikolari li kienu ser jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront ta' xi nies u kien gie mitlub mill-allura Supretendent Peter Paul Zammit sabiex jaccedi fil-Kwartieri Generali sabiex jaghti direzzjoni min naha tieghu ghal liema *charges* setghu jinzdiedu ma dawk tal-pulizija.

Qal li sussegwentement gew akkuzati bic-*charges* li huma stess rrakomandaw min naha tal-Awtorita. Meta gie mistoqsi mill-Ispettur Joseph Mercieca sabiex jispecifika dwar liema xogholijiet u x'notifiki kellhom nigu notifikati bihom, dwar xogholijiet qal li kwalsiasi progett li jkun ser jiehu iktar minn hames gurnata jew ser jkollhom tletin haddiem fuq il-post tax-xoghol, trid timtela formola fejn l-Awtorita tigi avzata w infurmata li ser jsir zvilupp u sussegwentement li ser isir zvilupp u sussegwentement ma din in-notifika, huma, jitolbu *risk assessment*. Qal li din l-evalwazzjoni tar-riskju huwa dokument li jista jkun parti minn *a plan of work* ghaliex huma zewg dokumenti separati fihom infushom. Spjega li r-*risk assessment* hija evalwazzjoni ghal riskji li jistghu jkunu filwaqt li *a plan of work* jaghtihom dikjarazzjoni minn persuna kompetenti li normalment ikun perit jew xi hadd midhla f'dan il-qasam, li jaghtihom s-sistema ta' procedura li jkun ser jahdem biha. Spjega li f'din is-*system of work* jghidulna xi prekawzjonijiet, x'testijiet saru minhabba l-art, is-solidita taghha, l-mod ta' kif ser jinbena x-xoghol u b'liema mod ser isir, il-prekawzzjonijiet li kellhom jittiehdu b'dan il-mod.

Qal li huma zewg dokumenti li huma jitolbu. Qal li normalment ir-*risk assessment* jitolbuh dejjem ghaliex hija xi haga bazika u fundamentali li l-Awtorita temmen fiha, pero *a plan of work*, meta huma jkollhom certu *areas* li jkunu ndikattivi li jistghu jkunu problematici bhal ma hi x-Xemxija li hija *area* taflija, normalment huma jitolbu *plan of work*, partikolarment jekk ikunu jafu jew jigi a konjizzjoni taghhom li terzi persuni jabitaw f'xi bini fil-qrib. Qal li f'dan is-sens, l-Awtorita, ovjament ma kinitx notifikata bix-xoghol li kien ser isir, dan m'intalabx u ma sarx hekk. Mistoqsi minn Dottor Raphael Fenech Adami dwar kif jirrizultalu li l-perit qal li x-xogholijiet li saru ma sarux *in line* mad-direzzjoni tal-perit u minn fejn jirrizultalu fuq dan li xehed, wiegeb li dan rrizultalu ghaliex hu kien prezenti meta l-pulizija tkellmet mal-perit in kwistjoni.

Qal li fil-fatt l-perit ssostanzjalizza dawn ir-risposti b'xi dokumentazzjoni. Qal li ma kienx jaf jekk dawn humiex esebiti, pero l-perit in kwistjoni kien gie mitkellem mill-pulizija fil-presenza tieghu u fil-fatt hu kien ghamillu xi domandi lill-perit in konnessjoni ma dan il-kaz, <u>w irrizultalu li x-xogholijiet ma sarux *in line* mad-direzzjoni li ta l-perit stess.</u>

Mistoqsi jekk f'dak l-istadju l-perit kienx qed jigi indagat mill-pulizija in konnessjoni ma dan il-kaz, wiegeb li le, l-perit qatt ma gie indagat b'mod li kienet qed ssir investigazzjoni fil-konfront tieghu u gie mitkellem mill-pulizija sempliciment biex jaraw l-involviment tieghu dwar dak il-kaz. Qal li ovvjament, il-pulizija titkellem ma hafna nies pero ma jfissirx li tkun qed tinterroga. Qal li meta ghamel referenza ghal perit, ried ifisser il-Perit Falzon.

Illi nhar l-hamsa ta' Jannar 2007 xehed **Ivor Robinich** (fol. 320) fejn qal li hu jahdem bhala Senior Enforcement Officer mal-MEPA u hu rapprezentant guridiku mal-istess MEPA. Qal li kien hemm diversi permessi mahruga fuq Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Bahar u bhala referenza taghhom dwar s-sit in kwistjoni huma *plots* numru disgha, ghaxra, hdax u tnax. Qal li *plots* numru disgha w ghaxra fejn effettivament kien qed isir xoghol ta' kostruzzjoni filwaqt li *plots* numru hdax u tnax huma fejn waqa l-bini.

Ix-xhud esibixxa l-permessi relattivi ghal dan s-sit li kien qed jinbena u li kien jinsab fi stadju ta’ kostruzzjoni liema permess gie markat bhala Dok. MEPA. Qal li dan d-dokument huwa tal-bini li ggarraf. Qal li l-ahhar permess vigenti li esibixxa u markat bhala Dok. MEPA 1, kien fl-erbgha ta’ Jannar 2002 u dan fuq sit numru ghaxra fi Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Bahar. Qal li apparti dan il-permess, hemm permessi ohra li huma datati qabel li hu esibixxa bhala Dok. MEPA 2, 3 u 4. Qal li certu Frank Vassallo tal-SCT Visas, Triq Dun Mikiel Xerri, Attard kien applika nhar l-erbgha ta’ Jannar 2002 u l-applikazzjoni kienet dahlet fit-tlieta w ghoxrin ta’ Mejju 2001. Spjega li s-sistema hija li jkollok applikazzjoni li timtela mill-perit f’isem l-applikant.

Mistoqsi jekk l-applikant iridx ikun sid l-post, wiegeb li le, anzi f’dan il-kaz jekk wiehed jaghmel referenza ghal pagna tnejn tal-istess applikazzjoni, hemm isib dikjarazzjoni li Frank Vassallo kien sid l-area. Qal li wara huma jmexxu l-applikazzjoni. Qal li tista ssir applikazzjoni f’isem persuna li ma hiex s-sid, pero wara ma jkunx hemm dritt li dik l-persuna tibni. Mistoqsi jekk huma rreferewx l-applikazzjoni li kelhom sabiex jinbena dan s-sit u giet approvata minn xi dipartiment iehor, wiegeb li din l-applikazzjoni ma giet mibghuta lil ebda dipartiment iehor ghal konsiderazzjoni taghha. Qal li s-sit in kwistjoni kien ilu suggett ghal diversi permessi u li kien diga *committed way back* sa mis-sena 1982.

Qal li fl-1994 kien sar *turn* f’din il-kwistjoni fis-sens li kienet saret applikazzjoni imma nonostante l-bini qatt ma tela, kienet saret *renewal*. Qal li l-Awtorita haditha bhala renewal ghal permess u approvaw permess qadim. Qal li fil-fehma tieghu, qatt ma saret xi referenza lil xi dipartiment iehor. Spjega li l-perit inkarigat fl-ahhar permess kien l-Perit Joseph Falzon. Rega’ tenna li l-ahhar applikazzjoni ghal permess hareg fit-tlieta w ghoxrin ta’ Mejju 2001 u l-permess relattiv hareg fl-erbgha ta’ Jannar 2002 kif jirrizulta mid-Dok. MEPA esibit.

Illi nhar l-erbatax ta’ Frar 2007 xehed **Frank Vassallo** (fol. 362) fejn qal li lill-imputat Paul Demicoli kien jafu ghaliex

kien impjegat mieghu ghal xi zmien. Qal li originarjament kellu jsir progett bi shab fuq il-propjeta 'n kwistjoni gewwa Ramon Perellos Street, f'San Pawl il-Bahar pero sussegwentement ma sarx bi shab u l-propjeta nbniet minnu. Qal li l-permess lahaq harag f'ismu pero l-propjeta sussegwentement bdiet tinbena mill-imputat Paul Demicoli. Qal li s-sit ta' kostruzzjoni kien jiehu hsiebu biss Paul Demicoli u hu ma kienx ikun jaf xi jkun qed jaghmel. Qal li nfired minn ma Paul Demicoli f'Jannar 2005.

Qal li kien semgha li kien sehh l-incident in kwistjoni peress li kien cempillu Paul Demicoli stess u anke sahansitra mar fuq il-post ta' l-incident. Qal li x-xoghol in kwistjoni fuq is-sit ta' kostruzzjoni kien jiehu hsiebu Paul Demicoli.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Marzu 2007 xehed ex spettur tal-Pulizija **Carmelo Micallef** (fol. 368) fejn meta gie muri sentenza esebita fl-atti bhala Dok. PM 1 li nghatat fit-tmintax ta' Jannar 2001 fil-konfront ta' Paul Demicoli, mill-Magistrat Dottor Giovanni Grixti, qal li f'dan il-kaz zgur ma kienx l-invesigatur. Mistoqsi jekk jafx min hu Paul Demicoli wiegeb fin-negattiv. Qal li hu kien jaghmel is-seduta ta' l-ETC u kien jkollu hafna nies quddiemu w ghalhekk ma setghax jikkonferma jekk Paul Demicoli hux wiehed mill-imputati odjerni.

Illi nhar t-tlieta ta' Mejju 2007 xehed **l-Ispettur Denise Miruzzi** (fol. 376) fejn ikkonfermat li hi kienet l-Ufficcjal Prosekutur fis-sentenza esibita bhala Dok. PM 2 moghtija fil-konfront tal-imputat Kevin Bonnici fl-awla.

Ikkunsidrat ulterjorment:-

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Novembru 2008 xehed l-imputat **Paul Demicoli** (fol. 443) minn jeddu b'mod voluntarju fejn qal li hu jahdem bhala kuntrattur u ilu jahdem fix-xoghol ta' gebel mis-sena 1988 w ghalhekk kien ilu ghoxrin sena jahdem fil-gebel. Qal li fis-sena 2004 hu kien xtara bicca art fi Triq Ramon Perellos f'San Pawl il-Bahar, mhux din in kwistjoni, imma ohra. Qal li l-perit kien il-Perit Joseph Falzon u tellgha blokk

appartamenti u bieghhom. Qal li fl-istess triq kien hemm tabella b'referenza ghal zewg *plots* li kienu ghall-bejgh, fis-sena ta' wara u cioe 1995 w interessa ruhu fihom w ghamel il-konvenju dwarhom fis-sena 2005 w ghalhekk l-ewwel blokka li kien tella kien fis-sena 1994.

Qal li kien obbliga ruhu flimkien mal-*partner* tieghu certu Karmenu li jixtru dawn iz-zewg *plots* minghand certu Louis Vella u martu Jane u huma dawn il-*plots* in kwistjoni fejn kien qed issir il-kostruzzjoni. Qal li mal-konvenju kien ghaddilhom is-somma ta' Lm10,000 u kien talabhom zmien sitt xhur biex jersaq ghall-kuntratt finali. Qal li nonostante, wara hames xhur, cempililhom biex jaghmlu il-kuntratt finali u l-mara tas-Sur Vella kienet qaltlu li kienet ser tissepara minn mar-ragel. Qal li kienu ltaqghu l-bank biex jaghmlu l-kuntratt, fejn kien hemm in-nutar tieghu prezenti, in-nutar Clyde La Rosa u qallu li kellu bzonn avukat biex jiftah kawza w ghalhekk il-kuntratt ma sarx. Qal li l-kawza effettivament fetahha.

Spjega li l-art in kwistjoni dak iz-zmien kienet art bil-permess ghall-bini u kellhom jitilghu zewg sulari ta' garaxxijiet, tliet sulari flats u *penthouse*. Qal li l-art in kwistjoni kienet kwazi imhammla kollha dakinhar. Ix-xhud esebixxa ritratt li jindika l-art meta kienet fuq konvenju, liema ritratt gie mmarkat bhala Dok. 'Z'. Spjega li meta ghamel l-konvenju kien qabbad lil xi hadd minn San Pawl il-Bahar li kien hammel tliet filati ohra ghax daqshekk kellu bzonn. Qal li dakinhar kien hemm diga tmin filati ohra mhammla mis-sid precedenti. Zied jghid li sussegwentement kien informa lill-avukat tieghu u lill-Qorti li t-tafal ma setax jibqa' kif kien u dan ghaliex kien maqtugh xkaffa zewg piedi u nofs mill-appogg u kien hemm xi tliet filati isfel minn taht il-pedament w ghalhekk, l-istruttura li kien hemm appogg, ma kinitx *safe*. Qal li hu hass li kellu jaghmel hekk peress li hu, dak iz-zmien kien bil-kawza ghaddejja u kien ghadu fuq konvenju w ghalhekk hass li ma setghax ihalli t-tafal mikxuf ghal hafna snin, pero hu ma kien qallu xejn ghaliex kien xogholu u kellu jara hu.

Zied jghid li sussegwentement il-Qorti kienet nnominat perit u dan kien ordnalu sabiex jaghmel zewg toqob fl-appogg biex jara x'tip ta' tafal kien hemm w l-perit fil-kawza gie nominat fuq talba tieghu stess. Esebixxa r-relazzjoni tal-Perit Rene Buttigieg li bhala Dok. 'Z 1'. Qal li l-perit kien qabel mieghu li l-kaz kellu jigi trattat b'urgenza, pero b'dan nonostante ghaddew tmin snin fil-qorti.

Spjega li l-kuntratt ghamlu tmin snin wara u nel frattemp l-art in kwistjoni intliet kollha affarijiet u imbarazz. Qal li skond il-kuntratt li kien ghamel mas-sid, hu kellu juza l-istess perit, il-Perit Joseph Falzon. Spjega li hu ma kellu ebda oggezzjoni ghal dan u l-perit baqa' sa l-ahhar. Spjega li sussegwentement it-tafal ta' taht il-hajt li waqa', beda jfarfar ukoll u sahansitra kien hemm anke kawza mibdija minn tas-sanita kontra s-sid precidenti Louis Vella, pero dan nonostante l-imbarazz kollu baqa fis-sit. Zied jghid li sussegwentement il-permess li kellu fuq il-post, ghalaq u kellu jerga japplika mal-MEPA mill-gdid u dan naturalment bl-istess perit kif kien obbligat li jaghmel. Qal li wara tmin snin li ghamlu l-Qorti, sar il-kuntratt w ghalhekk is-sit in kwistjoni hu xtrah fis-sena 2003.

Qal li sussegwentement kienu cemplulu tas-sanita u qalulu li kellu kawza l-Qorti u qalulu biex inehhi l-affarijiet li kien hemm f'dan is-sit u hu kien qalilhom biex jaghtuh cans gimgha biex jizbarazza din is-sit u kien qabbad lill-ko akkuzat Pawlu Magro tal-Asfaltar li effettivament kien ghabba xi sebgha trakkijiet imbarazz li kien hemm f'dan is-sit. Qal li Battist Hili u Charlie Tanti li kienu bennejja, kienu qed jahdmu mieghu bhala fattura, kienu qed jahdmu flimkien fuq bicca xoghol propjeta ta' ħu Anglu Xuereb, u kienu qed jahdmulu bil-fattura u meta kellhom jispiccaw dik il-bicca xoghol, riedhom bhal bennejja ghaliex fil-fehma tieghu huma kapaci. Qal li Battist Hili huwa bravu hafna fil-fehma tieghu u l-iehor kien il-lavrant tieghu. Qal li hu kien ilu f'din is-sengha ghal dawk l-ahhar tmienja w tletin sena u pjanta jifimha u ma kellux x'jaqsam iktar mieghu. Qal li lil Battist kien sar jafu xi tmin snin qabel w ghalhekk kien jaghtih il-pjanti u jiddilja hu mal-perit. Qal li Battist lilu kien jghidlu biss biex per ezempju jordnalu

*crane* u jibghatlu l-konkos u affarijiet bhal dawn u dan kien jithallas bil-kejl mhux bil-paga.

Qal li sussegwentement hu kien tah l-pjanta sabiex imur ghand il-Perit Joseph Falzon u skond ma jghidlu l-perit, jimxi kif imexxieh. Qal li sakemm dam fuq konvenju, ma jafx li l-girien qatt ilmentaw fuq il-kwistjoni kif kienet. Qal li darba minnhom kien hemm xi ilma, imma din kienet kwistjoni wara li kienu bdew bix-xoghol u darba minnhom kienu ltaqghu *on site*, hargu l-livell tal-qatran dawra tond. Qal li kienu hu, l-perit, *draughtsman* tal-perit, Charlie Tanti u Battist Hili u flimkien iddiskutew l-gholi tal-qatran u l-hitan kollha salv u b'eccezzjoni ghal dak li waqa' ghaliex f'dak l-istadju ma kienx hemm ghalfejn jiddiskutu l-hajt li effettivament waqa' peress li kienu ghadhom lura hafna, kienu ser jibdew dawra tond.

Qal li l-ewwel bdew mal-hajt li jmiss ma Hal Mann Court, li beda Battist u dan beda tiela u dan kien cempillu ghal xi *crane* jew ghal xi konkos. Qal li sussegwentement beda mill-hajt ta' wara, w il-hajt ta' ma Hal Mann Court tela' sular bil-pedament b'kollox. Qal li mbaghad bdew bil-hajt ta' faccata tat-triq u ghola sular bil-pedament. Qal li jekk ma kienx sejjer zball, sal-pedament wasalu u sussegwentement bdew bil-hajt li jaghmel ghal mat-triq u nifdu xi ghaxar piedi mal-appogg li waqa u xi ghaxar piedi mill-bitha ta' wara.

Ghalhekk kompla jispjega x-xhud, li rigwardanti dak il-hajt li effettivament waqa', kienu ghamlu l-ewwel ghaxar piedi u l-ahhar ghaxar piedi tieghu. Zied jghid li l-hajt kien fih xi tmenin piedi w ghalhekk ghamlu qisu xi ghoxrin pied minnu. Qal li xi jumejn jew tlieta qabel ma ggarraf dan il-hajt, kien mar il-perit fuq il-post u kien prezenti hu wkoll u kien hemm ukoll Battist Hili u kif wkoll Charlie Tanti u l-perit dak il-hin tkellem ma Battist u spjegalu x'ghandu jsir rigwardanti il-hajt li effettivament u sussegwentement waqa'. <u>Qal li fuq dak il-hajt, kien hemm it-tafal 'l barra ftit u Battist dar fuqu u qallu '*ma tippretendix li naqtghu b'idejja dan*' w ghalhekk qallu li kien ser igiblu JCB biex jaqta' dan il-hajt bih w effettivament gablu il-JCB</u>. Qal li cempel lil Pawlu tal-Asfaltar w is-socjeta tieghu gabitlu

JCB. Qal li dakinhar l-perit lil Battist tah wkoll xi pjanta. Esebixxa l-pjanta li kien qed jahdem biha Battist bhala Dok. Z 2, ritratt tal-pilastru tan-nofs li kellu jitla' bhala Dok. Z 3 u bhala Dok. Z 4 dokument redatt mill-perit tax-xoghol li kien ordna Battist. Qal li din inkitbet minn Mario li ghawweg il-hadid u kien hu li kien qed jiktibiha fuq dak li kien qed jghidlu Battist. Spjega li dan kien ser jitpogga ma dak il-hajt li waqa' u li m'ghandux x'jaqsam mal-pilastru tan-nofs. Qal li l-pilastru ta' mal-genb kellu jsir qabel dak tan-nofs biex imbaghad dak tan-nofs, jorbot ma dawk tal-gnub. Qal li l-perit kien ordna li ssir xibka doppja bl-'L bars' imtellghin go fiha, zewg piedi w nofs 'l barra bil-pied u zewg pulzieri gholi ta' konkos. Qal li fil-pjanta li esebixxa, dan kollu jidher car.

Spjega li dakinhar, l-appogg tan-naha ta' Hal Mann kien diga lest w ghalhekk kien ser jibda x-xoghol fuq in-naha tal-hajt li effettivament waqa'. Qal li anke l-pilastri tan-naha ta' Hal Mann kienu diga lesti. Zied jghid li l-JCB riedu Battist biex inehhi z-zejjed li kien hemm. Spjega li l-*flats* ta' fuq huma l-istess wisa' ta' taht. Qal li l-perit ma qallux biex ihalli l-ixkaffar u l-pilastri johrogu 'l barra, qallu biex il-pilastri jaghmilhom mal-hajt, appogg, catti mal-hajt. Qal li sa fejn jaf hu, Battist beda jimxi skond id-direzzjoni tal-perit. Qal li x-xibka kienet diga mifruxa, l-'L bars' kienu marbuta u kellu jaghti l-konkos l-ghada filghodu ghaliex Battist kien jahdem sas-saghtejn ta' wara nofsinhar u kien jibda filghodu kmieni. Spjega li l-armar kien diga marbut u lest fuq il-post, kemm ghall-pilastri kif wkoll mas-suletta. Qal li Battist kellu jmur l-ghada li waqa' l-hajt biex ikompli bix-xoghol, naturalment biex jifrex il-konkos li kien ordnat. Qal li hu sar kuntrattur tal-binja wara li waqghet u l-perit Falzon qata' qalbu minnha u beda jahdem bil-Perit Paul Camilleri tramite l-istess Joseph Falzon. Qal li ma Paul Magro tkellem fuq il-JCB u qallu li kellhom bzonn JCB, pero qatt ma ltaqa ma Paul Magro fuq il-post u kien Battist Hili li spjega kif kellu jinqata' dan il-hajt, mhux hu. Cahad li meta kien prezenti l-perit qalilhom biex il-hajt ma mmissuhx u ma jahdmux hemm ghaliex kieku kien jaghtihom pjanta maqtugh bil-lines isfar.

Zied jghid li l-ahhar darba li mar fuq il-post kien meta kien hemm il-perit, pero dakinhar tal-incident hu kien mar fuq il-post filghodu u kien talabhom jekk kellhomx bzonn xi haga u telaq.  Qal li ma damx iktar minn ghaxar minuti hemm u fuq il-post kien hemmil-JCB pero x'xoghol kien qed jaghmel, ma tax kaz.  Qal li jekk ma kienx sejjer zball, meta hu kien hemm, wieqfa kienet.   Qal li pero l-hadid kienu haduh mill-bitha tieghu u haduh fuq il-post.  Qal li kien jaf li dan kien intremgha ghax kien cempillu Battist u talbu jordnalu l-konkos ghal l-ghada filghodu fis-sebgha w nofs ta' filghodu.  Cahad dak li gie suggerit lilu mill-ufficjal prosekutur li l-perit kien qallu biex jiehu prekawzjoni fuq il-hajt, anzi qal li l-oppost kien qal il-perit u cioe li kellhom jahdmu fuq dak il-hajt.  Qal li l-hadid fuq il-post hadu skond l-istruzzjonijiet tal-perit, skond it-tpingija tal-istess perit.

Illi nhar s-sitta ta' Jannar 2009 xehed **Mario Pace** (fol. 462) in difesa fejn qal li hu kien ilu jahdem ma Paul Demicoli ghal tnax il-sena fi Frar u xoghlu kien li Paul Demicoli kien jaghtih l-ordni tal-hadid u dan fil-kapacita tieghu bhala *steel fixer*, jigifieri sabiex jaghmel il-hadid fuq il-lant tax-xoghol.  Ftakar dwar l-incident in kwistjoni, li kien mar Battist u kien tah ordni tal-hadid tal-hajt ta' faccata u cioe ta' fejn waqa' l-bini w effettivament kien tah l-hadid u kien preparat sabiex l-ghada jaghmel il-konkos. Qal li sa fejn jaf hu, Battist huwa bennej u kien jahdem ma Pawlu Demicoli fis-sens li Pawlu kien jaghtih ix-xoghol. Ix-xhud esebixxa bhala Dok. AB kopja tad-dokumentazzjoni li kien gie moghti lilu minn Battist li kien gie moghti lilu mill-perit u dawn huma il-pilastri tal-hajt li effettivament waqa'.  Qal li dawn kienu lesti preparati ghall-konkos.  Spjega li l-kitba li hemm bil-biro fuq dan id-dokument saret minnu u li l-ordni hija skond il-pjanta esebita.  Qal li l-hadid tan-nofs kien ghadu mhux lest ghax l-ewwel riedu jaghmlu l-gnub biex imbghad jigbdu mieghu. Qal li dakinhar Battist kien gabar il-hadid u kien rabtu.  Qal li l-hadid kien lest biex jaghtu l-konkos u dan l-hadid kien gie ordnat xi erbat ijiem qabel l-accident.  Spjega li hu qieghed bil-paga ma Paul Demicoli w ghalhekk jithallas minghand Paul Demicoli.

Illi nhar s-sitta ta' Jannar 2009 xehed **Louis Vella** (fol. 468) in difesa fejn mistoqsi kif jaf lill-imputat Paul Demicoli wiegeb li jafu ghaliex kien bieghlu bicca art f'San Pawl il-Bahar, fejn effettivament waqa' il-hajt in kwistjoni. Qal li hu ma kienx l-uniku *owner* pero ta' din l-art u li l-propjeta' kienet tappartjeni nofs lilu u lill-mara tieghu li llum legalment separat minnha u minn certu Carmel Vella. Spjega li fiz-zmien meta sar il-konvenju bejnhom u l-imputat Demicoli, l-art kienet diga mhammla. Qal li ma kienx f'posizzjoni jghid sa liema livell pero zgur taht il-livell tat-triq pero bejn il-konvenju u l-kuntratt kien ghadda certu zmien ghax kienet inqalghet xi kwistjoni dwar x'titolu ezattament li kellu hu. Zied jghid li sussegwentement kienu anke spiccaw l-Qorti minhabba din il-kwistjoni.

Qal li jekk ma kienx sejjer zball, il-konvenju effettivament kien sar fis-sena 1995 u l-kuntratt sar fis-sena 2004 pero l-permess ghall-bini kien diga hareg meta l-art kienet fuq konvenju. Qal li l-perit kien il-Perit Joe Falzon. Qal li hu kien talab lil Paul Demicoli jzomm l-istess perit u cioe lill-Perit Falzon. Mistoqsi jekk kellux xi problemi mal-awtoritajiet sakemm l-art baqghet fuq konvenju, wiegeb li kellhom ghax bdew ihammgu w ghalhekk kellhom jibnu *boundary wall*, biss pero kien imtela' imbarazz w huma hallewh hemm. Qal li problemi ma nies li ghandhom propjeta fis-sit adjacenti ma kellhomx. Qal li ma kienx jaf min kien joqghod magenb l-art. In **kontr'ezami** qal li l-kuntratt pero gie ffirmat qabel l-incident.

Illi nhar d-dsatax ta' Mejju 2009 xehed **il-Perit Edgar Caruana Montalto** (fol. 477) fejn rega' rrepeta dak li kien qal fl-esami principali tieghu u cioe li il-hajt diziorju ma kien wiehed mibni skond is-sengha u l-arti u cioe ghalkemm kellu jintuza bhala *retaining wall* ma kienx iddisinjat sabiex jerfa dak it-toqol kollu li effettivament kien jerfa.

Illi nhar d-dsatax ta' Mejju 2009 xehed **Kenneth Micallef kif riprodott in kontr'ezami** (fol. 493) fejn ghal darb ohra ikkonferma li l-pjanta esebita a fol. 498A giet impingija minnu skond l-istruzzjonijiet moghtija lilu mill-Perit Joe Falzon. Ikkonferma ukoll li dik kienet l-unika struzzjoni li

nghatatlu mill-Perit u cioe li jaghmel il-pilastru li kellu jigi f’nofs is-sit u dan wara li jiehu il-kejl relattiv kif ukoll id-detalji tal-materjal li kellu jintuza fi’dan l-istess pilastru.

Ikkunsidrat wkoll:-

Illi fir-rigward tal-imputat Paul Magro, l-Prosekuzzjoni qed ssostni li dan l-imputat ghandu jinsab hati ta' din l-akkuza ta' omicidju nvoluntarju a bazi tal-artikolu 13 tal-Interpretation Act li zzomm responsabbli d-direttur ta' kumpaniji ghal dawk r-reati li jigru fil-kumpanija taghhom salv li ma jipprovax li dawk ir-reati graw ad insaputa taghhom u li kienu ezercitaw d-diligenza kollha biex jimpedixxu r-reat.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ezercizzju ta' diligenza xierqa biex tevita l-ghemil ta' reati mill-kumpanija, jimplika necessarjament sorveljanza adegwata tal-affarijiet tal-kumpanija sabiex jigi assikurat li l-kumpanija tottempera ruhha mal-ligi. Jekk direttur ta' kumpanija jonqos milli jissorvelja adegwatament l-affarijiet tal-kumpanija, dan certament qatt ma hu ser ikun jaf bl-ghemil doluz tal-kumpanija w ghalhekk, ghalkemm jkun jista jipprova li hu ma kienx jaf bil-kommissjoni tar-reati mill-kumpaniji, huwa jonqos milli jipprova li jezercita diligenza xierqa sabiex r-reati ma jsirux. Id-direttur ta' kumpanija ma jistax jghalaq ghajnejh ghal dak li qieghed jigri fil-kumpanija biex wara jghid *ma kontx naf* u b'hekk facilment jezimi ruhu mir-responsabbilita. Ghalhekk il-ligi tirrikjedi u tesigi li d-direttur li jezercita sorveljanza attiva u kontinwa biex jara li l-kumpanija tottempera ruhha mal-ligi.

Fil-fatt dwar x'tip ta' diligenza irid jezercita d-direttur, **Smith & Hogan** fil-ktieb taghhom ***Criminal Law*** jghidu:

“*The degree of care is the average or normal degree of care expected from the particular individual and it is not a superlative degree of care. That is, the reasonable man is not he who is most reasonable, but just the normal type of reasonable man. The law requires not that who is extraordinary but that which is reasonable, that is, that*

*diligent which from Roman times has been known as the "diligentia bonus paterfamilias."*

Ghalhekk d-direttur mhux responsabbli ghal dak kollu li jigri fil-kumpanija izda jekk jiehu hsieb li jkollu l-infrastruttura tajba u jiehu hsieb li jimpjiega esperti f'certi oqsma tax-xoghol u dan nonostante jigri incident, id-direttur m'ghandux jinzamm responsabbli.

Fil-fatt, kif gie deciz fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Hugh David McCandie** *nhar l-ewwel ta' Settembru, 1983 mill-Qorti tal-Appell Kriminali***:-**

"*Such criminal responsibility is not absolute and the main officer of a company can plead non answerability if he can prove two things; namely that the offence was committed without his knowledge and that he exrcised all due diligence to prevent the commission of the offence.* (sottolinear ta' din il-Qorti). *Otherwise he would be answerable just as if he himself had committed the offence."*

Issa biex nigi ghal kaz in ezami u cioe dwar r-responsabbilita tal-imputati, l-Qorti trid titratta t-tlett imputati b'mod separat u distint w ghandha tevalwa l-provi prodotti b'mod independent fir-rigward ta' kull xhud.

Il-Qorti hawnhekk tissottolinea li l-Prosekuzzjoni trid bilfors tipprova n-*nexus* bejn l-incident li sehh u cioe l-mewt ta' Nadezda Vavilova u Maria Dolores Zarb u l-ghemil tal-imputati b'mod distint, u cioe trid tipprova c-*chain of causation* imsemmija aktar 'l fuq, u cioe li minhabba t-traskuragni, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti da parti ta' imputati jew uhud minnhom, sehhet l-mewt ta' Nadezda Vavilova u Maria Dolores Zarb.

Illi sabiex taghmel dan l-esercizju l-Qorti trid titratta it-tlett imputati b'mod distint u separat mill-ko akkuzati u dan billi tosserva il-principji li jemanu mid-drit penali nostran u dan billi tosserva l-principji u regoli dettati mill-istess ligi penali.

Ghalhekk din il-Qorti sejra l-ewwel tibda billi titratta il-kaz fil-konfront tal-imputat Paul Magro.

Wiehed immedjatament isaqsi x'rwol kellu l-imputat Paul Magro f'dan kollu ? U effettivament ghaliex tressaq hu l-Qorti?
Minn ezami tal-konkluzjoni tal-inkjesta milll-Magistrat Inkwirenti, jirrizulta li l-Magistrat li dderiga l-inkjesta kien ikkonkluda li Paul Magro kellu jitressaq il-Qorti ghaliex fil-fehma tieghu, kien baghat lill-impjegat tieghu Kevin Bonnici sabiex ighamel xi xoghol li ma riedx jaghmel hu u cioe it-*trimming* tas-suletta ta' mal-hajt tal-appogg meta kien jaf li t-turbazz kien fi stat dghajjef, kif jirrizulta mill-istqarrija tieghu rilaxxjata minnu a tempo vergine tal-investigazzjoni nhar it-tlieta ta' Gunju 2004.

Illi id-difiza ghamlet accenn ghall-inkjesta li nzammet b'mod partikolari ghall-process verbal u dan ghaliex fil-fehma taghha, din ma gietx konkluza b'mod legittimu ghaliex fil-fehma taghha, gja hemm gudizzju fil-konfront tal-imputat Paul Magro. Hija fil-fatt ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija mill-*Qorti ta' l-Appelli Kriminali* fl-ismijiet **<u>Republika ta' Malta vs Jason Calleja</u>** deciza nhar it-tlieta ta' Lulju 2997 u qalet li l-inkwirenti mar oltre il-funzjoni tieghu bhala Magistrat Inkwirenti meta ghamel il-konkluzjoni li ghamel, u cioe li ordna li jittiehdu passi kriminali kontra l-imputat Paul Magro a bazi tar-reat t'omicidju nvoluntarju ta' Nadezda Vavilova u Maria Dolores Zarb.

F'din is-sentenza nghad li:-

"*In linea generali, il-Magistrat Inkwirenti hu fdat lilu l-inkarigu li fil-kazijiet previsti mill-istess Titolu, jinvestiga ir-reat jew il-fatt rapportat lilu u/jew izomm l-access li l-ligi tipprevedi u fl-ahharnett jirredigi procès verbal li l-ligi stess tirregola u tattribwilu valur probatorju. Dan kollu jifforma parti integrali mill-process generali tar-ricerka tal-verita' u jikkonsisti principalment fil-gbir u preservazzjoni ta' dawk il-provi kollha, diretti u indiretti, li l-Magistrat Inkwirenti jirnexxilu jiddentifika bhala pertinenti ghal-grajja jew reat li jkun qed jinvestiga. Bhala tali, u kuntrarjament ghal dak li*

*jigri f'certi sistemi kontinentali, l-Magistrat Inkwirenti mhux parti mill-pulizija u wisq inqas, mill-prosekuzzjoni; anzi jidher car li fis-sistema taghna huwa previst biex f'numru ta' kazijiet serji li l-ligi stess tispecifika, l-investigazzjoni ma ssirx biss, u l-provi ma jingabrux u ma jigux preservati biss mill-Pulizija, izda ukoll, anzi essenzjalment, minn persuni indipendenti mill-poter esekuttiv tal-Istat u li jiggarantixxu li r-ricerka tal-verita' ma tkunx inkwinata minn xi interessi hlief dak suprem li kollox isir skond il-haqq u l-gustizzja. Rwol dan, li Lord Tucker, fl-appell quddiem il-Privy Council in **re Regina vs George Terreni,** obiter, iddeskriva bhala "a good way of preserving evidence".*

Is-sentenza tipprovdi ukoll li:-

*".. certi decizjonijiet il-Magistrat Inkwirenti bilfors johodhom, anzi, jista' jigi affermat li minghajr l-ezercizzju ta' din il-funzjoni, l-ufficcju tieghu, f'diversi kazijiet jisfa' bla sens. Hekk, per ezempju, f'kazijiet ta' mewt rapportati lilu, huwa ghandu jindaga c-cirkostanzi li wasslu ghal dik il-mewt u jistabbilixxi hiex aktarx jew certament wahda accidentali u indipendenti minn kull htija doluza jew kolpuza ta' terzi jew inkella hiex proprju ir-rizultat ta' tali komportament ta' terzi. L-istess jinghad ghal kazijiet fejn jigu rapportati lilu eventi li prima facie ikunu jipprezentaw sembjanzi ta' reat.*

*Hi certament l-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jinvestiga, okkorrendo permezz ta' esperti, c-cirkostanzi kollha tal-kaz u jipprova jasal ghal konkluzjoni dwar jekk verament sarx reat u jekk hemmx provi tali li jippuntaw lejn xi hadd partikolari li jista' jigi investigat ulterjorment jew addirittura akkuzat. Certament m'hix il-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jiddeciedi li ghar-reat investigat minnu huwa certament jew probabbilment responsabbli xi hadd partikolari, ghax kif inghad huwa ma jagixxix qua Qorti, la ta' Istruttorja w inqas ta' Gudikatura.*

*Izda hija certament il-funzjoni tieghu li jiddeciedi l-ewwel hemmx provi sufficjenti li verament sar reat u t-tieni jekk a bazi tal-provi - indipendentement mill-apprezzament*

*taghhom - hemmx bizzejjed biex jinghad li xi hadd partikolari jista' possibilment ikun passibbli ghal proceduri kriminali. Dan mhux biss jikkostitwixxi funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti, izda, fil-fehma ta' din il-Qorti huwa addirittura dover tieghu."*

Dan kollu jfisser li jekk tigi rapportata mewt ta' persuna lil Magistrat Inkwirenti, huwa d-dover tieghu li jigbor u jippreserva l-provi kollha possibbli u mhux biss jistabbilixxi li verament saret mewt, izda kif dik il-mewt giet jew setghet giet kawzata kif ukoll jekk hemmx provi bizzejjed biex xi hadd jista' jigi akkuzat b'dik il-mewt jew almenu jekk il-pulizija ghandiex tkompli bl-investigazzjonijiet taghha in generali jew f'linja partikolari. Dan, evidentement jinvolvi ezercizzju ta' diskrezzjoni mill-Magistrat Inkwirenti li ghalkemm huwa limitat, dejjem irid isir u li necessarjament jinkludi sa' certu livell apprezzament ta' provi.

S'intendi, dan kollu irid isir fil-parametri ta' dak li hu lecitu, tenut kont tal-figura u funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti u tal-importanza tar-rizultat tax-xoghol tieghu fil-process penali. Ma jistax, per ezempju, l-Magistrat Inkwirenti fil-kors normali tal-affarijiet, jiddeciedi li jikkontraponi xhieda ma ohra u jistabbilixxi liema wahda mit-tnejn jew aktar timmerita li tigi emmnuta. Jista' invece jekk prova hija impossibbli li tkun vera, jissenjala dan, specjalment jekk dan jista' jkun ta' rilevanza. In massima generali, pero', dak li huwa mportanti huwa li bhal Magistrat li jippresjedi fil-Qorti ta' Istruttorja, l-Magistrat Inkwirenti ma jusurpax il-funzjonijiet ta' gudizzju u valutazzjoni ta' provi li fil-process penali l-ligi tirriserva ghal haddiehor. Hu importanti li l-Magistrat Inkwirenti izomm ma dan il-parametru ghaliex il-ligi taghti importanza kbira lill-investigazzjoni li jkun ghamel u l-process verbal li jkun irrediga hu wkoll hu moghti valur probatorju fil-process penali.

Parametru iehor johrog minn dak li tghid il-ligi u anki l-ftit gurisprudenza in materja. Kif inghad diga, fit-termini tal-artikolu 550 (1) tal-Kodici Kriminali l-process verbal maghmul regolarment, jista' mhux biss jinghata bhala prova fis-smiegh tal-kawza, izda dan jista' jsir "*minghajr*

*ma jkun mehtieg li jinstemghu x-xhieda, l-periti jew persuni ohra li jkunu dehru fl-access*". Dawn il-Qrati qatt ma interpretaw din id-disposizzjoni bhala li tfisser li l-process verbal tal-Magistrat Inkwirenti ghandu aktar importanza minn, jew jirbah fuq, il-principju li fil-process penali x-xhieda ghandhom jinstemghu *viva voce,* izda biss li fejn xhud ma jistax jinstemgha aktar *viva voce,* ghax impossibilitat, jew ghax assenti, jew ghax miet, allura dak li jista' jkun iddepona fil-kors tal-access, jista'jingieb u jintuza bhala prova, bhal ma prova testimonjali migbura fil-kors ta' access tista' tintuza biex jigi kontrollat l-istess xhud waqt li qed jiddeponi *viva voce*.

Il-parametru li ghandu jinzamm huwa fis-sens li x-xhieda tittiehed korrettement, skond il-procedura u regoli ta' gustizzja u li tittiehed mill-Magistrat Inkwirenti stess. Dan hu wiehed mill-karatteristici principali tal-ufficcju tal-Magistrat Inkwirenti billi fl-inkjesta id-domandi isiru minnu stess. Hija importanti ghalhekk l-osservanza stretta tar-regola procedurali. Mhux sewwa, per ezempju, illi fil-kors t'inkjesta, l-Magistrat Inkwirenti waqt li qed jinterroga xhud li jkun ga gie interrogat mill-pulizija u li jkun gia irrilaxxja stqarrija, issirlu riferenza ghal dik l-istqarrija u jigi merament mistoqsi jekk jaqbilx u jikkonfermax il-kontenut taghha - kif qed jigi allegat u kif jidher li sar f'dan il-kaz waqt l-inkjesta. Anki jekk strettament wiehed jista' igebbed l-argument biex idahhal din il-prattika fil-parametri tal-legalita', xorta wahda huwa evidenti li dan hu sistema ta' gbir ta' provi li jistultifika l-istess skop li ghalih l-ligi tipprevedi inkjesta minn Magistrat Inkwirenti.

Ghalhekk, din il-Qorti tispera li specjalment jekk din il-prattika hija wahda komuni, ghandha tieqaf immedjatament w s-sistema tirriverti ghan normal w ghal dak li evidentement hu rikjest mill-ligi - u cioe' li l-interrogatorju isir mill-Magistrat Inkwirenti fil-veru sens tal-kelma.

Fil-kors ta' din l-inkjesta, bhal ma gara f'hafna inkjesti ohra, zviluppat sitwazzjoni ta' verzjonijiet konfliggenti bejn xhud u iehor (bejn dak li qal l-imputat Paul Demicoli u dak li qalu l-bennejja u l-Perit Falzon) dwar kif sehhew l-eventi.

Dan jigri spiss u minhabba f'hekk, bla dubbju ta' xejn, hu mportanti li l-provi jigu migbura b'mod li din id-diversita' fil-verzjonijiet tkun mhux biss evidenti izda tigi preservata mhux mittiefsa, ghax hekk jirrikjedi l-interess tal-gustizzja. Dana ghaliex jista' jaghti l-kaz kif fil-fatt qed jigri f'da il-kaz, il-Qorti trid tghaddi gudizzju fuq dawk il-verzjonijiet biex tipprova tistabbilixxi il-verita'. Ghalhekk, hu mportanti li l-Magistrat Inkwirenti, jekk tirrizultalu din id-divergenza, jigborha u jippreservaha u jippreservaha bl-iktar mod fidili ghal kull fini u effett tal-ligi. Dan hu dover li l-Magistrat Inkwirenti ghandu lejn il-gustizzja 'n generali u lejn min eventwalment jista' jkun imsejjah biex jivvaluta l-provi u jasal ghal konkluzjoni dwar htija o meno, in partikolari.

Issa fl-inkjesta odjerna li kienet wahda serja u ta' portata kbira, l-Magistrat Inkwirenti ppresserva il-provi anke bl-ghajnuna tad-diversi esperti li huwa nnomina u wara li gabar l-evidenza kollha, wasal ghal konkluzzjoni li jistghu jittiehdu passi kriminali fil-konfront ta' xi persuna, fosthom l-imputat Paul Magro.

Il-Magistrat qatt ma qal illi Paul Magro huwa hati, stqarr biss, li fil-fehma tieghu, hemm bizzejjed provi sabiex l-imputat jitressaq il-Qorti w indika fejn fil-fehma tieghu l-imputat naqas.

Il-Magistrat ma ghamel l-ebda apprezzament ta' dak li qal u lanqas m' ghamel xi komparazzjoni bejn dak li qal hu u dak li ntqal minn terzi persuni fil-konfront tieghu. Il-Magistrat m'ordna l-ebda konfront.

Jinghad illi din il-Qorti mhiex ser toqghod fuq il-konkluzzjoni tal-Magistrat Inkwirenti, izda sejra taghmel apprezzament totali tal-provi kollha, kemm dawk migbura fl-inkjesta kif ukoll dawk moghtija viva voce il-Qorti quddiem l-istess imputat. Ghalhekk jispetta lil din il-Qorti tara jekk effettivament Paul Magro huwiex hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

Din il-Qorti ser tiskarta l-konkluzjoni li wasal ghaliha il-Magistrat Inkwirenti u taghmel l-esercizzju taghha fid-dawl ta' dak kollu elevat.

Din il-Qorti pero ma taqbilx mad-difiza li hija ghandha tiskarta l-atti tal-process verbal u dan ghaliex l-atti kollha hekk preservati zgur li jikkostitwixxu prova materjali ta' dak li effettivament gara.

Ma hemmx dubju li x-xhieda giet preservata bl-ahjar mod w ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx mat-tesi tad-difiza li l-process verbal huwa legalment zbaljat. Din il-Qorti ma hiex marbuta toqghod fuq il-konkluzjoni tal-esperti taghha, ghalkemm tali esperti jista jkollhom xi hila u teknika specjali li l-Qorti m'ghandhiex, pero meta hija taghzel li tiskarta tali konkluzjoni, hija ghandha taghti spjegazzjoni t' ghemilha u tad-decizjoni li tkun hadet u dan hu appuntu dak li sejra taghmel din il-Qorti, billi sejra tiggudika hi stess fuq il-provi kollha.

L-imputat Paul Magro ma xehedx f'dawn il-proceduri izda kien xehed fl-atti tal-process (fol. 113) meta rrilaxxja stqarrija a tempo vergine lill-pullizija ezekuttiva fit-tlieta ta' Gunju 2004 (fol. 156 Vol 1). Illi ghalhekk din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li ntqal minnu.

Jirrizulta li Paul Magro ghan-nom tas-socjeta Asphaltar Limited, kien gie mitlub mill-imputat Paul Demicoli xi xahar u nofs qabel ma sehhet din id-disgrazzja, sabiex inaddaflu *plot* li huwa kellu f'San Pawl il-Bahar. Huwa kien mar f'dan is-sit u ra li kien hemm hafna affarijiet gol-*plot*, fosthom affarijiet domestici, haxix hazin u hmieg iehor. Paul Demicoli qallu li kellu xi *enforcement* minghand id-Dipartiment tas-Sanita. Huwa baghtlu zewg trukkijiet, gaffa w *excavator* u nadfu l-*plot*. Meta lestew,

Paul Demicoli rega' avvicinah u talbu sabiex jaghmillu xi "*trimmings mal-hajt tal-appogg diga mibni n-naha ta' fuq tat-triq."* Ex admnissis jghid *"jiena irrifjutajt. Irrifjutajt ghaliex rajt li l-bini fejn kont ser nahdem ma kiens mibni skond is-sengha. Rajt li l-hajt tal-appogg ma kienx mibni fuq suletta tal-konkos sewwa u dehrli li l-materjal ta' taht ma kienx jippermetti. Irrid nghid li jiena taħt is-suletta tal-konkos rajt li kien hemm turbazz u ma kienx blat. Dehrli li kien dghajjef*."

Il-Perit tekniku Richard Aquilina jaghmel referenza ghal din l-istqarrija kif moghtija minn Paul Magro u dan fis-sommarju tax-xhieda maghmula minnu a fol. 20 tal-atti fejn jighid li verament kien hemm ftehim bejn Paul Demicoli u Paul Magro fis-sens li Paul Demicoli kellu jghamel it-*trimmings* bl-idejn u Paul Magro kellu jibghatlu l-JCB sabiex jigbor it-turbazz.

Illi din ix-xhieda ma gietx kontestata w ghalhekk bhala fatt, ghandha tigi accettata bhala d-diskors li ntqal bejn Paul Demicoli u Paul Magro dwar dak li kellu jsir.

Din il-Qorti mhiex sejra tara x'intqal minn Paul Demicoli f'dan ir-rigward, peress li xhieda ta' komplici m'ghandhiex valur, la favur u lanqas kontra ko akkuzat.  Illi l-unika persuna li kienet prezenti waqt li sar dan id-diskors skond Paul Magro kien certu Victor Muscat mill-Mosta imsemmi minnu fl-istqarrija, liema xhud il-prosekuzzjoni ghazlet li ma tharrikx.  Ghalhekk din il-versjoni tal-fatti qatt ma giet michuda.

Illi ghalhekk mela, l-Gudikant jistaqsi: x'ghamel Paul Magro f'dan il-kaz?  Jirrizulta mil-atti li s-socjeta ta' Paul Magro u cioe s-socjeta Asphaltar Company Limited tikri ngenji wzati ghall-kostruzzjoni.  Fil-fatt hu dak li proprju ghamel u cioe li baghat zewg trukkijiet gaffa w *excavator* fuq is-sit sabiex jigi mnaddaf.

Huwa ma ghamel l-ebda xoghol manwali, l-ebda *trimming,* l-ebda eskavar u dan ghaliex ra li l-bini ma kienx mibni skond is-sengha.  Din kienet wahda mir-ragunijiet fost ohrajn 'l ghaliex huwa rrifjuta li jghamel xoghol ta' *trimming*.  Huwa hass li ma kellux imiss dak li kien hemm u fil-fatt dakinhar li waqa' l-bini, huwa ma kienx mar fuq il-post.  L-ahhar li kien tkellem fuq it-*trimming* tal-hajt kien xi xahar u nofs qabel.   Ghalih kien ftiehem ma Paul Demicoli li Paul Magro kien ser jaqla it-turbazz b'idejh u wara kien ser jibghat lil Kevin Bonnici sabiex jigbor it-turbazz.

Mistoqsi jekk dakinhar Kevin Bonnici kienx qallu li kien hemm xi movement, jghid li ma qallu xejn salv li kien jonqsu zewg vjaggi torba biex jitfaghhom wara il-hitan. B’dan huwa fehem li t-turbazz kien inqala u kellu bzonn torba biex izidha mat-turbazz li nqala minn terzi sabiex jintradam. In fatti fix-xhieda li taha quddiem il-Perit Tekniku, jghid li Paul Demicoli talbu sabiex jibghatlu JCB ghaliex kif ex admisses ighid “*kien hemm turbazz f’daqqa ghax ma jistghux jahdmu il-haddiem*’’ w ghalhekk sabiex inehhi t-turbazz li kien hemm gja mal-art.

Mela allura l-ftehim ta’ dakinhar bejn Paul Magro u Paul Demicoli xahar u nofs qabel ma gara l-incident fatali, kien wiehed fejn peress li Paul Magro rrifjuta li jghamel l-iskavar ta’ turbazz, dan kellu jsir minn persuna ohra bl-idejn u huwa ma kellu x’jaqsam xejn b’din l-isbriga, izda kien responsabbli biss ghal garr tat-turbazz li kien inqala mill- persuna l-ohra.

Issa flok ma mar hu, baghat lil haddiem tieghu Kevin Bonnici bl-ingenji, minn ghalih sabiex jigbor it-turbazz u jitfghu wara l-hajt. Ma jirrizulta minn imkien li Paul Magro ordna lill-impjegat tieghu Kevin Bonnici sabiex jaghmel xi *trimming* jew inadaf xi pedament. Huwa ma kellu x jaqsam xejn mad-decisjoni mehuda mill-ko akkuzat ta’ kif ghandu jitnehha t-turbazz.
In poche parole allura, kull ma gie mitlub jghamel l-imputat, kien li jizbarazza dak it-turbazz li qieghed fin-nofs, ghaliex il-haddiema ma setghux jahdmu, iwassal zewg vjaggi torba proprju allura, bhala konferma ohra li huwa sejjer mhux sabiex ihaffer jew jeskava, izda semmai biex jordom w ghalhekk, il-konkluzjoni raggunta mill-Magistrat Inkwirenti, hija fattwalment zbaljata.

Illi ghalhekk din il-Qorti fir-rigward tal-imputat Paul Magro, mhiex ser tiddiskuti dak li qalu l-haddiema fuq il-lant ta-xoghol dakinhar li saret id-disgrazzja u dan ghaliex ma taffettwax il-qaghda tal-imputat Paul Magro.

Fid-dawl ta’ dak li intqal fir-rigward tieghu ghalhekk zgur li ma tirrizultax *the chain of causation necessary* bejn l-agir tieghu u l-mewt tal-persuni fuq indikati. Ma hemmx nexus

bejn dak li ghamel Paul Magro u dak li gara fil-gurnata 'n kwistjoni. Il-parte civile tenniet li Paul Magro kellu jaghmel spezzjoni fuq il-lant sabiex jissorvelja lill-haddiem tieghu. Dwar dan il-Qorti ma taqbilx, ghaliex l-haddiem ma kellux jaghmel dak li effettivament ghamel, ma kienx qed jobdi l-istruzzjonijiet li nghata mill-imghallem tieghu. Illi l-imputat Magro zgur li ma setax kellu *la mancata previsione dell-effetto nocivo* u dan ghaliex huwa m'ghamel xejn perikoluz li seta jinduci d-disgrazzja li sehhet. Ghalhekk li fir-rigward ta' Paul Magro dan ghandu jitqies bhala ncident sfortunat, li ghalih ma jaħtix u zgur li m'ghandu l-ebda colpa.

Illi dwar il-qaghda taz-zewg imputati l-ohra, s-sitwazzjoni hija differenti u dan ghaliex, filwaqt li Kevin Bonnici kien qed jahdem fuq il-lant tax-xoghol u kien proprju l-manuva tieghu li wassal ghall-kollass li kien hemm fil-bini, il-ko akkuzat Paul Demicoli kien sid l-art u kellu wkoll il-vesti ta' kuntrattur.

Ghalhekk, huwa importanti li wiehed jaghti harsa lejn il-legislazjoni tas-Sahha u Sigurta bil-ghan li jigu sottolineati d-doveri li ghandu sid qabel ma jibda bix-xoghol prospettat.

Harsa lejn **l-Avviz Legali Numru 281 tas-sena 2004** dwar is-Sahha u Sigurta minima fuq il-post tax-xoghol, tipprovdi tifsiriet important dwar il-partecipi f'binja.

**L-Artikolu 2** ta' dan l-Avviz Legali jipprovdi li dan l-Att gie mfassal proprju sabiex il-legislatur jipprovdi aktar sigurta ghall-haddiema fuq lant tax-xoghol. Skond it-tifsira tal-kelma 'klijent' dan jikorpora kwalsiasi persuna fisika jew guridika li ghandu progett f'ismu, waqt li l-kuntrattur huwa dak l-imghallem jew kuntrattur ta' numru ta' haddiema li qed jahdmu fuq sit u li jipprovdi materjal jew xoghol sabiex jigi esegwit.

Il-Qorti dehrilha li kellha taghmel referenza ghal dawn it-tifsiriet ghaliex b'hekk hija tkun f'posizjoni ahjar li tiddentifika r-rwol li kellhom l-ko akkuzati Paul Demicoli u Kevin Bonnici.

Taħt dawn it-tifsiriet naraw li Paul Demicoli huwa kemm il-klijent li huwa sid is-sit, kif ukoll il-kuntrattur taghha filwaqt li Kevin Bonnici huwa l-haddiem.

Harsa lejn is-segwenti artikolu jistipula d-doveri tal-klijent f'dan il-kaz ta' Paul Demicoli fir-rigward tal-kostruzzjoni li kien qed jiehu hsieb.

**Is-sub artikolu (1) l-artikolu 3** jghid li l-klijent ghandu obbligu:-

"*To appoint, in respect of every project, a project supervisor for the design stage and a project supervisor for the construction stage, and any such appointment shall be terminated, changed or renewed as necessary*".

Filwaqt li **s-sub artikolu (2)** ikompli jistipula li:-

*"It shall be the duty of a client to keep and make avialable any health and safety files prepared in accordance with regulation 4 and any other relevant information regarding health and safety, for inspection by any person who may need information in the file for the purpose of compliance with any statutory obligations*."

**L-artikolu 4** ikompli jistipula obbligazzjoni ohra fuq il-klijent u cioe li:-

**"4.** (1) *In the case of construction sites on which work is scheduled to last longer than 30 working days and on which more than 20 workers are occupied simultaneously, or on which the volume of work is scheduled to exceed 500 person-days, the project supervisor shall communicate a prior notice drawn up in accordance with Schedule III to the Authority at least four calendar weeks before work starts. Once any work activity on the project commences, a copy of the prior notice shall be clearly displayed on the construction site and, if necessary, periodically updated*."

In oltre skond is-sub artikolu segwenti jistipula li:-

"(*2) The project supervisor for the design stage shall coordinate the mplementation of the provisions of this regulation, and shall ensure that prior to the setting up of a construction site, a health and safety plan is drawn up in accordance with regulation*."

Dan l-obbligu mhux qieghed hemm ghal xejn, izda l-legislatur illegisla b'dan il-mod, sabiex is-sahha u l-kura tal-haddiema tigi mharsa, specjalment meta wiehed iqis kemm qed isiru disgrazzji fuq l-lant tax-xoghol. Ir-raguni 'l ghala ghandu ikun hemm dan is-*supervisor* huwa sabiex dan jiehu hsieb "*the general principles of prevention concerning health and safety referred to in the Act and subsidiary regulations as appropriate, during the various stages of designing and preparing the project, in particular* ***(a)*** *when architectural, technical and, or organizational aspects are being decided, in order to plan the various items or stages of work which are to take place simultaneously or in succession,* ***(b)*** *when estimating the period required for completing such work or work stages.* " **L-artikolu 5** jipprovdi ultejorment x'inhu l-iskop ta' tali *supervisor* u jekk wiehed janalizza dan l-artikolu bis-serjeta, mmedjatament jinnota is-serjeta li ghandu jkun hemm fil-kostruzzjoni jew ahjar ta' kif ghandu jitqassam ix-xoghol sabiex jigu evitati ncidenti.

*"The project supervisor for the execution stage shall* ***<u>(a)</u>*** *coordinate implementation of the general principles of prevention and safety* ***(i)*** *when technical and, or organizational aspects are being decided, in order to plan the various items or stages of work which are to take place simultaneously or in succession,* ***(ii)*** *when estimating the period required for completing such work or work stages* ***<u>(b)</u>*** *coordinate implementation of the relevant provisions in order to ensure that contractors, and if necessary for the protection of workers, self-employed persons* ***(i)*** *apply the principles referred to in regulation 8 in a consistent manner,* ***(ii)*** *where required, follow the health and safety plan referred to in regulation 4* ***<u>(c)</u>*** *make, or cause to be made, any adjustments required to the health and safety plan and the file referred to in regulation*

*4 to take account of the progress of the work and any changes which have occurred* ***(d)*** *organize cooperation between contractors, including successive contractors on the same site, coordination of their activities with a view to protecting workers and preventing accidents and occupational health hazards and reciprocal information as provided for in regulation 7 of the egulations of 2003, ensuring that self-employed persons are brought into this process where necessary* ***(e)*** *coordinate arrangements to check that the working procedures are being implemented correctly* ***(f)*** *take the steps necessary to ensure that only authorized persons are allowed onto the construction site."*

Illi 'n oltre l-klijent xorta jibqa responsabbli ghas-sigurta tal-haddiema fuq is-sit skond l-artikolu sussegwenti u cioe dak numru 6.

*"1. When the work is being carried out, the principles set out in regulations 4 to 8 of the Regulations of 2003 shall be applied, in particular as regards* ***(a)*** *keeping the construction site in good order and in a satisfactory state of cleanliness* ***(b)*** *choosing the location of workstations, bearing in mind how access to these workplaces is obtained, and determining routes or areas for the safe passage and movement of equipment* ***(c)*** *the conditions under which various materials are handled* ***(d)*** *technical maintenance, pre-commissioning checks and regular checks on installations and equipment with a view to correcting any faults which might affect the health and safety of workers* ***(e)*** *the demarcation and laying-out of areas for the storage of various materials, in particular where dangerous materials or substances are concerned* ***(f)*** *the conditions under which the dangerous materials used are removed* ***(g)*** *the storage and disposal or removal of waste and debris* ***(h)*** *the adaptation, based on progress made on the site, of the actual period to be allocated for the various types of work or work stages* ***(i)*** *cooperation between contractors and self-employed persons* ***(j)*** *interaction with industrial activities at the place within which or in the vicinity of which the construction site is located."*

Illi nteressanti hu li din il-legislazzjoni tipprovdi *shift* tal-onus ghal fuq l-imputat li huwa ghamel minn kollox sabiex jissodisfa l-legislazzjoni ‘n desamina u jinghad ukoll li skond **l-artikolu 13**, kwalsiasi persuna li tinterferixxi mal-process li jipprovdi post ta’ sigurta tajba, huwa hati ta’ reat.

It-tielet skeda ma dan l-avviz tipprovdi wkoll f’hiex ghandha tikkonsisti n-notifikazzjoni u cioe:-

1. Date of forwarding;
2. Exact address of the construction site;
3. Client(s) name(s) and address(es)
4. Type of project;
5. Project supervisor(s) (name(s) and address(es)
6. Project supervisor(s) during the project preparation stage (name(s) and address(es))
7. Project supervisor(s) for health and safety matters during the project execution stage (name(s) and address(es)
8. Date planned for start of work on the construction site
9. Planned duration of work on the construction site
10. Estimated maximum number of workers on the construction site;
11. Planned number of contractors and self-employed persons on the construction site;
12. Details of contractors already chosen.

Illi minn esami tal-provi prodotti ma jirrizultax li Paul Demicoli fil-fatt appunta xi *supervisor* jew baghat xi notifikazzjoni skond il-ligi qabel ma beda bix-xoghol. Anke skond l-**Att Legali 36 tas-sena 2003** l-*employer*, li f’dan il-kaz huwa Paul Demicoli, ghaliex kien hu li kien qed ihallas il-haddiem, kellu l-obbligu, li skond **l-artikoli 4 (1) u (2),** jipprovdi sigurta fuq il-post tax-xoghol.

Illi ghalhekk jispetta lil din il-Qorti tifli l-provi fir-rigward tal-imputat Paul Demicoli. Illi jirrizulta mill-provi li Paul Demicoli ried jibni blokk appartamenti fis-sit li xtarha fi Triq

Ramon Perellos f'San Pawl il Bahar u ghal dan il-ghan kien inkariga lil Perit Joseph Falzon li kien il-Perit li kien applika sabiex isir il-bini originarjament qabel ma is-sit spicca f'idejh.

Jinghad pero li komunikazzjoni bejn il-Perit u Paul Demicoli ma tantx kien hemm u li fil-fatt mill-provi jirrizulta li fis-sit il-Perit mar biss f'zewg okkazjonijiet u kien f'darba minnhom biss li Paul Demicoli kien prezenti. Jirrizulta li Paul Demicoli kellu zewg haddiema li kienu qed jahdmulu u cioe Tanti u Hili u li huwa kellu kull rispett lejhom. Illi fil-fehma tieghu kienu haddiema tal-affarijiet taghhom u t'esperjenza kbira tant li jghid li ghalkemm kienu bennejja, anke pjanti kienu jafu jaqraw. Illi huma kienu jghaddu hafna hin wahehom fuq is-sit u donnu li l-progett kien mixi wahdu.

Darba minnhom fost l-ohrajn Paul Demicoli xtaq jaqta is-suletta li kien fuq il-hajt tal-appogg ta' ma gemb il-bini li ggarraf u kien inkariga lil Paul Magro biex jaghmel dan ix-xoghol, pero dan Paul Magro dehrlu li dak mitlub minnu ma kienx possibli peress li fil-fehma tieghu, l-hajt ma kienx mibni skond is-sengha w in oltre s-suletta kienet il-bazi tal-hajt w ghalhekk, jekk titnehha, tkun qed tiddistabilizza il-hajt. Illi ghalhekk huwa irrifjuta li jghamel dan ix-xoghol. Nonostante dan pero Paul Demicoli xtaq inehhi din is-suletta w ghalkemm kien jaf li hemm perikolu, u dan ghaliex jekk ma kienx jaf kien gie infurmat, xorta baqa ghaddej tant li ordna lil imputat Kevin Bonnici li jaghmel dan ix-xoghol waqt li huwa ma kienx hemm.

Il-bennej Hili jghid li fil-fatt Paul Demicoli kien qallu li jekk imur tal-gaff, ghandu jghidlu liema suletta kellu jaqta. Illi ghalhekk Paul Demicoli, mhux talli ma hax parir minghand il-Perit x 'kellu jsir, li anke l-ordni li taha lil Kevin Bonnici tahielu tramite terzi. Zgur li tali atteggjament huwa wiehed irresponsabbli ghall-ahhar.

Din il-Qorti mhiex ser tidhol u tiddiskuti kif kien mibni il-hajt tal-appogg li kien gja esistenti bejn il-proprjeta li ggarfet w is-sit in kwistjoni, ghaliex dan kien ilu hemm u qatt ma gie notat xi moviment sakemm ma giex imbaghbas mill-

imputat Paul Demicoli. Kien l-agir ta’ Paul Demicoli li wassal ghal kolass totali tal-bini. Il-perit xehed f’dawn il-proceduri u cahad li taha xi struzzjoni lil Paul Demicoli jew lil xi haddiem dwar x’kellu jsir mill-hajt fejn kien hemm is-suletta, anzi jghid li specifikament qal lil Paul Demicoli fil-presenza tal-benej, li kkonferma sabiex ma jmissx il-hajt.

Illi hawnhekk Paul Demicoli donnu ried ifisser li kien il-Perit li ordnalu jnehhi s-suletta, pero tali versjoni tal-fatti ma hija korroborat minn hadd u minn ebda prova ghaliex lanqas pjanta f’dan ir-rigward ma kien hemm. Il-pjanti li gew pprezentati fl-atti, jittrattaw dwar x’kellu jsir fuq il-hitan l-ohra, pero rigward dan il-hajt, m’intqal xejn. Paul Demicoli baqa’ ghaddej bil-pjan li kellu w ordna lil Kevin Bonnici jaqta s-suletta. Fl-ebda hin ma talab ghall-assistenza u peress li ma kien mela ebda *risk assessment form,* huwa lanqas ma ha xi parir mill-ufficcjali tad-Dipartiment tas-Sigurta u Sahha tal-haddiema. Minn dak li qal l-Perit jirizulta bic-car li l-art fejn kien qed isir l-iskavar kien turbazz artab u ma riedx jiddisturbaha u kien enfasizza biex ma jsirx skavar.

Skond il-Perit Tekniku nominat fl-inkjesta, l-bini kkollassa ghax intmesset is-suletta tal-konkos. Jghid fil-konkluzzjoni tieghu, li nqatghet parti mis-suletta, tnehha t-turbazz ta’ tahta u b’dan ix-xoghol il-“*bearing surface*” gie mcekken u l ‘*pressur*e” ziedet. Spjega li meta sar dan, it-turbazz ta’ taħt is-suletta, nfaqqa ‘l barra u l-hajt ta’ fuqha, li kien ukoll suggett ghall-pressjoni laterali tal-irdim, intefa ‘l barra u gie sparat ghal fuq is-sit adjacent u parti kbira minnu wasal sa mal-hajt ta’ “Hal Mann Court”, tant li biex bdiet l-operazzjoni tat-tfittixija taz-zewg persuni li kienu ntradmu, l-ewwel kellu jitnehha ammont ta’ materjal ta’ mal-*flats* fin-naha tal-lemin u b’hekk sar passagg bl-ingenji.

Illi nteressanti pero hu li meta Paul Demicoli gie mistoqsi mill-uficcjal investigattiv jekk kienx jaf kemm kellu jhalli spazju mill-appogg sa fejn hemm il-blat, wiegeb li kellu jhalli zewg piedi u nofs, effettivament dak il-kejl imsemmi fil-Kodici Civili. B’hekk kien konxju mill-fatt li meta taha struzzjonijiet lil bennejja li tal-JCB li kellu jaqta *flush* mal-hajt, kien qed jikser il-ligi.

Il-Qorti m'ghandha l-ebda prova kuntrarja 'l ghala ghandha tasal ghal konkluzjoni differenti ta' kif sehh l-incident. **Illi ghalhekk m'hemmx dubbju li l-imputat Paul Demicoli ghandu jinzamm responsabbli ghall-incident fatali fejn tilfu hajjithom Nadezda Vavilova u Maria Dolores Zarb**.

Imiss issa il-Qorti tezamina l-provi fir-rigward tal-imputat Kevin Bonnici. M'hemmx dubbju li huwa l-agir dirett tieghu li kkreja dan id-dizastru u cioe l-kollass tal-bini. Jirrizulta li kien Kevin Bonnici li qata s-suletta minn mal-hajt tal-appogg permezz tal-JCB. Jirrizulta wkoll li ma zammx id-distanzi rikjesti mill-ligi u li nehha t-turbazz kollu tant li ghamlu *flush* mal-hajt. Spjega li ma setax irieghed il-konkos ghax taħt is-suletta kien kollu tafal u minkejja li l-konkos kien bix-xibka, kien jidher dghajjef u kien ohxon xi hames pulzieri.

Mistoqsi min qallu sabiex jaghmel dan ix-xoghol jghid li kienu l-bennejja fuq il-post li qalulu li l-imputat Paul Demicoli talbu sabiex jaghmel dan ix-xoghol. Kevin Bonnici ma hasibx, u qabad w ghamel dak ordnat lilu f'xi hin anke fil-presenza ta' sid il-post Paul Demicoli w ghalhekk ghandu jinzamm ukoll responsabbli ghal dak li sehh.

Dwar t-tifsira tal-kliem uzat fil-ligi**, fl-artikolu 225** tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-*Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-wiehed u tletin ta' Lulju 1998* fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Saverina sive Rini Borg et.</u>** fejn gie spjegat li hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn atti ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non osservanza ta' ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

Gie rilevat f'dik is-sentenza li l-**imprudenza** tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli. In-**negligenza** tigi mid-disattenzjoni u diskorrettezza tal-agent fil-kondotta tieghu filwaqt li l-**imperizja** hija l-forma specifika tal-kolpa professjonali cioe kif jghid il-**Manzini:-**

*“Inettitudine e insufficenza professionale generale e’ specifica, nota all’agente di cui egli vuole non tener conto.”*

S’intendi, jsegwi ghalhekk li l-kulpa tista tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-asssjem ta’ regoli predisposti mill-Awtorita pubblika dwar il-modalita ta’ kif ghandu jsir xoghol f’sit taht kostruzzjoni u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita ta’ hsara u dannu lil terzi, cioe dak li jkollu l-element ta’ prevenzjoni bhalma hi l-Att dwar l-Awtorita tas-Sahha u s-Sigurta fuq il-post tax-Xoghol [**Att XXVII tas-sena 2000] Kap 424.**

Illi f’dan il-kaz jirrizulta li kemm Paul Demicoli kif ukoll Kevin Bonnici ma hadmux bil-galbu u fil-fatt, stante in-numru kbir t’incidenti li qed isiru fuq lant tax-xoghol u fl-interess tas-sigurta kemm tal-haddiema kif ukoll ta’ terzi.
Il-Qorti qieghda taghmel numru ta’ suggerimenti li ghandhom jigu segwiti fil-qasam tal-kostruzzjoni u dan fl-interess tas-sigurta u sahha tal-haddiem u dan kif elenkati hawn taħt:-

I. Illi kuntrattur m’ghandu jesegwixxi l-ebda xoghol ta’ demolizzjoni, kostruzzjoni jew skavar jekk mhux bl-istruzzjonijiet cari u bil-miktub minn persuna kompetenti – perit.

2. Illi l-kuntrattur ghandu jiddesisti milli jipprocedi b’xoghlijiet jekk kemm il-darba jirrizulta li hemm xi difett fis-sit innifsu jew fil-bini tal-madwar – il-Perit ghandu jigi dejjem infurmat b’dak li jkun ghaddej. U f’kaz li l-kuntrattur jinsisti li jkompli bix-xoghlijiet, huwa ghandu jinzamm responsabbli kif fil-fatt gara f’dan il-kaz.

3. Illi kwalunkwe xoghlijiet tat-thaffir jew twaqqiegh ta’ bini ghandhom ikunu regolati minn *method statement* imhejji mill-perit responsabbli tas-sit u approvat minn Awtorita Pubblika sabiex b’hekk ikun assigurat li l-operat tal-haddiem qed isir skond is-sengha u l-arti u oltre dan ikun assigurat li dak li ghamel il-kuntrattur, ghamlu minhabba direzzjoni li rcieva minghand il-Perit, li jibqa

responsabbli ghall-binja ghal numru ta' snin wara li jkun inbena.

4. Illi ghandu jkun assigurat illi f'kaz ta' thaffir jintuza apparat adegwat skond ic-cirkostanzi partikolari tas-sit li hafna drabi huma regolati mill-istess u tip tat-terren u l-istat ta' bini tal-madwar.

5. Illi l-presenza tal-Perit fuq is-sit hija necessarja imma m'ghandhiex titqies awtomatikament bhala approvazzjoni tax-xoghlijiet jekk dawn ma jkunux qed jikkonformaw b'mod rigoruz mal-istruzzjonijiet u pjanti li jkun taha l-istess perit.

6. Illi kuntratturi li jesegwixxu xoghlijiet konnessi ma twaqqiegh ta' bini esistenti u skavar, ghandhom ikunu mharrga w ghalhekk il-Gvern ghandu jobbliga lil dawn il-kuntratturi sabiex jottjenu tahrig obligatorju f'dan ir-rigward fejn il-kompentenza taghhom tigi certifikata.

7. Illi l-**artikolu 39A** tad-Development Planning Act ghandu jigi modifikat b'tali mod li jippermetti lill-istess Awtorita tirrevoka jew tissospendi permess jekk kemm il-darba ix-xoghlijiet jkunu qed jigu esegwiti minn persuna li ma jkollhiex il-licenzja ta' bennej.

9. Illi minkejja li mhux kompetenza tal-Awtorita tal-Ambjent u Ippjanar, din l-istess Awtorita ghandha tinforma lil kull min jottjeni permess, illi hu obbligat josserva **l-Avviz Legali Numru 281/04** partikolarment f'dak li jirrigwarda n-nomina ta' Health and Safety Supervisor kemm ghall-istadju ta' disinn kif ukoll ghall-istadju t'esekuzzjoni.

10. Il-Gvern ghandu jikkoncentra r-rinfurzar in kwantu tal-osservanza tal-ligijiet tal–Ippjanar, il-*construction management regulations* u l-Ligijiet tas-Sahha u Sigurta taħt organizazzjoni wahda bil-ghan li cittadin ikun jista jirrikorri ghall-assistenza tal-Istat b'anqas diffikolta u dan peress illi sa illum, mhux car jekk cittadin milqut, ghandux jirrikorri ghand l-MEPA, ghand l-

OHSA, ghand it-Taqsima tar-Regolamenti tal-Bini fi hdan il-Ministeru tar-Risorzi u Affarijiet Rurali jew addirittura, ghand il-Pulizija Ezekuttiva.

**Dwar il-piena il-Qorti qiset is-segwenti:-**

1. Il-fatt li bhala risultat tal-imprizja u negligenza da parti ta' Paul Demicoli u Kevin Bonnici, tilfu hajjithom zewg minn nies.
2. Illi minhabba da l-ghemil, giet kagunata hsara konsiderevoli fi proprjeta ta' terzi.
3. Il-fedina penali tal-imputat Paul Demicoli esibita a fol. 5 minn fejn jirrizulta li mis-sena 1980 sas-sena 2001 kellu hames reati registrati fuq dwar serq, feriti ta' natura hafifa, gurament falz, sewqan eccessiv, hsara volntarja fuq vettura u naqas li javza lil ETC li kien qed ihaddem persuna, fejn inghata diversi multi u *conditional discharge*.
4. Il-fedina penali ta' l-imputat Kevin Bonnici esibita a fol. 7 tal-atti, li wkoll mhux daqstant reflettarja tant li wkoll ghandu reat wiehed biss registrat fuqha fis-sena 2000 dwar sewqan minghajr licenzja, fejn wkoll gie kkundannat multa, oltre sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan.

Il-Qorti thoss li ghalkemm dan r-reat huwa wiehed involuntarju, xorta huwa wiehed serju hafna w ghalhekk fic-cirkostanzi, thoss li ghandha tinghata piena karcerarja. B'hekk tkun qed taghti messagg li l-hajja tal-bniedem hija mportant w ghandha tissupera kull konsiderazzjoni ohra. Naturalment, stante li l-partecipazzjoni taz-zewg akkuzati mhiex l-istess u l-eta tal-imputati hija differenti u l-fedina penali taghhom hija wkoll differenti, l-Qorti sejra timponi piena karcerarja differenti wkoll.

**Ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 225, 325(1), 532A, 532B u 533 tal-Kap 9, l-artikoli 6, 7, 38(1)(3) tal-Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 4, 6, 10, 15 u 21 tal-Avviz Legali 36/2003 tiddikjara li qed <u>issib lil imputati KEVIN BONNICI u PAUL DEMICOLI hatja</u> tal-akkuzi kif addebitati lilhom u tikundanna lil imputat Paul Demicoli ghal perjodu ta' tlett (3) snin prigunerija u lil imputat Kevin Bonnici ghal perjodu ta' tmintax (18) il-**

**xahar prigunerija filwaqt li tiddikjara li ma ssibx lil Paul Magro hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputati jhallsu l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputati Paul Demicoli u Kevin Bonnici jhallsu in solidium bejniethom l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe ta’ PS 1184 Patrick Grech [fol. 326], PC 1261 Charles Pace [fol. 333], PC 453 Brian Cassar [fol. 315], Doctor Mario Scerri [fol. 294], Professoressa Marie Therese Camilleri u Doctor Sarfraz Ali [fol. 299 u 306], AIC Richard Aquilina [fol. 557] fl-ammont komplessiv ta’ elfejn hames mija u tmein lira maltin u sittin centezmu ekwivalenti ghal sitt elef u hdax l-euro ughoxrin euro centezmi [€6011.20] u dan fi zmien sitt xhur mill-llum u jekk l-imputati jonqsu li jhallsu dan l-ammont, l-istess jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.**

**Tordna li kopja ta’ din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex jingabru l-ispejjez peritali w in oltre tordna li kopja ohra ghandha tigi notifikata lid-Direttur tal-Awtorita tas-Sahha u Sigurta u lid-Direttur tal-MEPA in vista tar-rakkomandazzjonijiet raggunti minnha.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------